

Il-Ġurnal Uffiċjali L 271

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

18 ta' Awwissu 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1197 tat-30 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju ⁽¹⁾** 1

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE.

MT

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1197

tat-30 ta' Lulju 2020

li jstabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/2152 ⁽¹⁾ dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1), 9(2), 10(5), 10(6), 17(6) u 18(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/2152 stabbilixxa qafas legali komuni għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea tan-negozju.
- (2) Il-qafas għar-reġistri Ewropej tan-negozju għal finijiet statistiċi jirrappreżenta element bażiku ta' qafas komuni bħal dan, u jagħmilha possibbli li jiġu organizzati u kkoordinati stħarriġijiet statistiċi billi jiġi pprovdut qafas armonizzat ta' kampjunar.
- (3) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti tad-*data* għall-produzzjoni ta' statistika tan-negozju sabiex tiġi prodotta *data* komparabbli bejn l-Istati Membri u tinkiseb armonizzazzjoni fost id-dominji kollha tal-Istatistika tan-Negozju.
- (4) Il-prinċipju ta' sjieda ekonomika kif deskritt fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jenħtieġ li japplika għall-istatistika Ewropea tan-negozju. Jenħtieġ li dan jiġi implimentat kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet iġġustifikati tal-utenti, id-disponibbiltà tad-*data* u l-implikazzjonijiet tal-kostijiet u l-piż, sakemm dan ma jkunx f'kontradizzjoni mal-prinċipji u mal-finijiet ta' ċerta statistika tan-negozju stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (5) Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti tad-*data* huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti r-Raggruppamenti Industrijali Prinċipali (MIGs) u aggregati speċjali oħra tal-kodiċi NACE.
- (6) Huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti l-varjabbli u l-kunċetti ewlenin għall-istatistika tan-negozju sabiex tiġi prodotta *data* komparabbli bejn l-Istati Membri u tinkiseb armonizzazzjoni fost id-dominji kollha tal-Istatistika tan-Negozju.
- (7) Sabiex jittaffa l-piż fuq in-negozji, u abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jeħtieġ li r-rekwiżiti tad-*data* jiġu ssimplifikati filwaqt li jitqiesu d-daqs u l-importanza tal-ekonomiji tan-negozju tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazżjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

- (8) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-*data* dwar is-suġġett “kummerċ internazzjonali tal-oġġetti” u l-kummerċ skont il-karatteristiċi tal-intrapriża, u għad-dominju “Statistika tan-Negozju fuq Terminu Qasir”.
- (9) Il-globalizzazzjoni ekonomika li dejjem qed tiżdied tippreżenta sfidi għall-produzzjoni attwali ta’ statistika Ewropea tan-negozju. Billi jirreġistra *data* minn gruppi ta’ intrapriżi multinazzjonali, il-qafas għar-reġistri tal-istatistika Ewropea tan-negozju jifforma l-bażi għat-titjib ta’ ħafna statistiki relatati mal-globalizzazzjoni. Xi wħud minn dawn l-istatistiki jkopru l-ekonomija kollha u, għalhekk, jeħtieġu li l-qafas għar-reġistri Ewropej tal-istatistika tan-negozju jkopri s-setturi kollha tal-ekonomija.
- (10) Hemm bżonn ta’ informazzjoni dwar ir-rabtiet ta’ kontroll bejn l-unitajiet legali sabiex jiġu ddefiniti l-gruppi ta’ intrapriżi, jiġu delineati kif suppost l-intrapriżi, jitfasslu l-profilu tal-unitajiet kbar u kumplessi u jiġu studjati l-konċentrazzjonijiet tas-suq. L-informazzjoni dwar il-grupp ta’ intrapriżi ttejjeb il-kwalità tar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju. Din l-informazzjoni tista’ tintuża sabiex tnaqqas ir-riskju ta’ żvelar ta’ *data* kunfidenzjali. Id-*data* ta’ grupp ta’ intrapriżi tista’ tintuża għal sħarriġijiet dwar il-grupp u tista’ tnaqqas il-piż tar-rispons.
- (11) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-format, il-miżuri ta’ sigurtà u ta’ kunfidenzjalità, u proċedura għat-trażmissjoni ta’ *data* dwar unitajiet individwali lill-Kummissjoni (l-Eurostat) u għat-trażmissjoni ta’ *data* dwar gruppi ta’ intrapriżi multinazzjonali lura lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.
- (12) Skambju ta’ *data* kunfidenzjali għal finijiet statistiċi bejn il-Kummissjoni u l-banek ċentrali nazzjonali, u bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew, jenħtieġ li jgħin sabiex tiġi żgurata l-kwalità ta’ informazzjoni dwar il-gruppi ta’ intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-format u l-miżuri ta’ sigurtà u ta’ kunfidenzjalità kif ukoll il-proċedura għat-trażmissjoni ta’ din id-*data* kunfidenzjali lill-banek ċentrali nazzjonali u lill-Bank Ċentrali Ewropew.
- (13) Ir-Regolament (UE) 2019/2152 jistabbilixxi l-iskambju ta’ *data* kunfidenzjali dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni ta’ oġġetti bejn l-Istati Membri. Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati aktar l-elementi tad-*data* statistika li għandhom jiġu skambjati kif ukoll il-lista ta’ elementi tad-*data* statistika li għandhom jiġu skambjati għal oġġetti jew għal movimenti speċifiċi. L-Istati Membri jistgħu jissimplifikaw l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta, bil-kundizzjoni li tali simplifikazzjoni ma jkollha l-ebda effett detrimentali fuq il-kwalità tal-istatistika. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal tali simplifikazzjoni.
- (14) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata tal-iskambju tad-*data*, hemm bżonn li jiġu speċifikati l-arranġamenti tal-għbir u tal-kompilazzjoni tagħhom kif ukoll l-arranġamenti għall-applikazzjoni tar-rata minima ta’ kopertura ta’ 95 %. Sabiex l-awtorità nazzjonali tal-istatistika tal-pajjiż tal-importazzjoni tkun tista’ tuża l-informazzjoni statistika skambjata għall-kompilazzjoni tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti, il-metadata trid tiġi skambjata wkoll. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata fl-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-metadata rilevanti għall-użu tad-*data* skambjata dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti fil-kompilazzjoni tal-istatistika kif ukoll skeda ta’ żmien għat-trażmissjoni tal-informazzjoni statistika u tal-metadata rilevanti. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-format, il-miżuri ta’ sigurtà u ta’ kunfidenzjalità u l-proċedura għall-iskambju ta’ *data* kunfidenzjali.
- (15) L-applikazzjoni ta’ standards uniformi għall-iskambju u għat-trażmissjoni ta’ *data* u ta’ metadata għall-istatistika koperta bir-Regolament (UE) 2019/2152 tikkontribwixxi b’mod konsiderevoli għall-integrazzjoni tal-proċessi tan-negozju fl-istatistika Ewropea tan-negozju.
- (16) L-inizjattiva internazzjonali tal-iskambju ta’ *Data* u Metadata Statistika (SDMX) dwar standards statistiċi u tekniċi għall-iskambju u għall-kondiviżjoni ta’ *data* u ta’ metadata tipprovdi standards għall-iskambju u għad-disseminazzjoni ta’ statistika uffiċjali. Għalhekk, fejn ikun xieraq, jenħtieġ li jintużaw id-definizzjonijiet meħtieġa tal-istruttura tad-*data* mfassla f’konformità mal-SDMX.
- (17) Jenħtieġ li l-Kummissjoni (l-Eurostat) tagħmel disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni (Eurostat) dokumentazzjoni fir-rigward tal-istrutturi tad-*data*, li tinkludi definizzjonijiet ta’ struttura tad-*data* tal-SDMX u tipprovdi linji gwida dwar l-implimentazzjoni tagħhom, b’mod partikolari fir-rigward tal-format tekniċu li għandu jintuża.

- (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu metadata u rapporti tal-kwalità standard għar-reġistri tal-istatistika nazzjonali tan-negozju u għall-istatistika kollha tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/2152. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti l-arranġamenti u l-perjodiċità ta' dawk ir-rapporti.
- (19) Jenħtieġ li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jieħdu post dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/2001⁽³⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 912/2004⁽⁴⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004⁽⁵⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006⁽⁶⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 657/2007⁽⁷⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2008⁽⁸⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 472/2008⁽⁹⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 192/2009⁽¹⁰⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009⁽¹¹⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009⁽¹²⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2009⁽¹³⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 92/2010⁽¹⁴⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010⁽¹⁵⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 275/2010⁽¹⁶⁾, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1097/2010⁽¹⁷⁾, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 995/2012⁽¹⁸⁾ u tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012⁽¹⁹⁾. Jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jitħassru.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/2001 tas-26 ta' Marzu 2001 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jirrigwarda l-istatistika fuq skont qasir rigward id-definizzjoni tar-Raggruppamenti Industrijali Prinċipali (MIGs) (ĠU L 86, 27.3.2001, p. 11).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 912/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3294/91 dwar l-istabbiliment ta' sħarriġ tal-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 71).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004 tat-18 ta' Novembru 2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1901/2000 u (KEE) Nru 3590/92 (ĠU L 343, 19.11.2004, p. 3).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-għbir tad-*data* (ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 657/2007 tal-14 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tat-twaqqif ta' skemi ta' kampjuni Ewropej (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 7).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2008 tat-23 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-format tekniku għat-trażmissjoni tal-istatistika ta l-affiljati barranin u d-deroġi li jridu jingħataw l-Istati Membri (ĠU L 112, 24.4.2008, p. 14).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 472/2008 tad-29 ta' Mejju 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tal-ewwel sena bażi li għandha tiġi applikata għas-serje ta' perjodi fin-NACE Rev. 2 u, għas-serje ta' perjodi qabel l-2009 li għandha tiġi trażmessa skont in-NACE Rev. 2, il-livell ta' dettall, il-forma, l-ewwel perjodu ta' referenza, u l-perjodu ta' referenza (ĠU L 140, 30.5.2008, p. 5).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 192/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' *data* kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri (ĠU L 67, 12.3.2009, p. 14).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-*data*, ir-rekwiżiti tal-irrapportar doppju għan-NACE Rev.1.1 u n-NACE Rev.2 u d-deroġi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta'*data* li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA) (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).

⁽¹³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2009 tal-11 ta' Settembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rapporti tal-kwalità (ĠU L 241, 12.9.2009, p. 3).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 92/2010 tat-2 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward ta' skambju ta' *data* bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali, il-kompilazzjoni tal-istatistika u l-valutazzjoni tal-kwalità (ĠU L 31, 3.2.2010, p. 4).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-*data*, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u movimenti jew oġġetti speċifiċi (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1).

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 275/2010 tat-30 ta' Marzu 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' kriterji għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistiċi strutturali kummerċjali (ĠU L 86, 1.4.2010, p. 1).

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1097/2010 tas-26 ta' Novembru 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' *data* kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-banek ċentrali (ĠU L 312, 27.11.2010, p. 1).

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 995/2012 tas-26 ta' Ottubru 2012 li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija (ĠU L 299, 27.10.2012, p. 18).

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7).

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rekwiżiti tad-data

L-elementi tad-*data* għas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/2152 huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Raggruppamenti Industrijali Prinċipali u aggregati speċjali

Ir-Raggruppamenti Industrijali Prinċipali (MIGs) u aggregati speċjali oħra tal-attivitajiet tan-Nomenklatura tal-Attivitajiet Ekonomiċi (NACE) u l-prodotti tal-klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività (CPA) użati għall-kategorizzazzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) 2019/2152 huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Simplifikazzjonijiet

Is-simplifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/2152 huma stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Definizzjonijiet tekniċi

1. Id-definizzjonijiet tekniċi tal-varjabbli u elementi oħra tas-settijiet ta' *data* msemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/2152 huma stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.
2. Id-definizzjonijiet tekniċi relatati mal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti huma stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.
3. Id-definizzjonijiet tekniċi relatati mal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tas-servizzi huma stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti inkluż il-kummerċ tal-oġġetti skont il-karatteristiċi tal-intrapriża

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti inkluż il-kummerċ tal-oġġetti skont il-karatteristiċi tal-intrapriża msemmija fl-Artikolu 7(1)(j) tar-Regolament (UE) 2019/2152 u d-definizzjonijiet relatati f'konformità mal-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament, huma stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżiti tad-*data* relatati mal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti huma stabbiliti fit-Tabella 16 u fit-Tabelli 34 sa 37 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Definizzjonijiet u disaggregazzjonijiet għall-istatistika Ewropea dwar kummerċ internazzjonali tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriża u l-provvista internazzjonali ta' servizzi

Id-definizzjonijiet tal-varjabbli u d-disaggregazzjonijiet għall-istatistika Ewropea dwar kummerċ internazzjonali tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriża u l-provvista internazzjonali ta' servizzi huma stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżiti tad-*data* relatati mal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriża u l-provvista internazzjonali ta' servizzi huma stabbiliti fit-Tabella 17 u fit-Tabella 38 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Peżar u tibdil tas-sena bażi għad-dominju "Statistika tan-Negozju fuq Żmien Qasir"

L-ippeżar u t-tibdil tas-sena bażi għad-dominju "Statistika tan-Negozju fuq Żmien Qasir" msemmi fl-Artikolu 7(1)(i) tar-Regolament (UE) 2019/2152 huma stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament. Dak l-Anness jistabbilixxi wkoll l-arranġamenti tranżizzjonali rigward ir-rekwiżiti tad-*data* għad-dominju speċifikat fit-Tabelli 1 sa 9 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Varjabbli marbuta mas-suġġetti dettaljati għall-qafas Ewropew għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju

F'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2019/2152, il-varjabbli relatati mas-suġġetti dettaljati tar-reġistru għall-qafas Ewropew għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju huma stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju ta' data kunfidenzjali għall-finijiet tal-qafas Ewropew għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju

F'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) 2019/2152, id-dettalji tekniċi tal-varjabbli elenkati fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament huma stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (UE) 2019/2152, l-Anness IX ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-format u l-miżuri ta' sigurtà u ta' kunfidenzjalità għall-iskambju ta' data kunfidenzjali għall-finijiet tal-qafas Ewropew għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju.

Artikolu 10

Proċedura u speċifikazzjonijiet għat-trażmissjoni ta' data u ta' metadata

1. Id-*data* u l-metadata trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) skont dan ir-Regolament għandhom jiġu skambjati f'format elettroniku u jintbagħtu jew jittellgħu permezz tal-punt ta' dħul uniku tagħha għad-*data* u, fejn xieraq għall-metadata.
2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* u l-metadata meħtieġa skont dan ir-Regolament bl-użu tal-istandards għall-iskambju ta' data u ta' metadata speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat).
3. Id-*data* u l-metadata kunfidenzjali għandhom jiġu trażmessi permezz ta' networks siguri użati mill-Kummissjoni (Eurostat), jew permezz ta' aċċess remot sikur li juża l-istandards ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat).
4. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw l-istandards ta' skambju f'konformità mal-linji gwida dwar l-implimentazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat).
5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-*data* kunfidenzjali f'konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika.

Id-*data* kunfidenzjali għandha tintbagħat bil-valur veru u b'marka li tindika li hija soġġetta għall-kunfidenzjalità.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-livelli kollha ta' aggregazzjoni tad-disaggregazzjonijiet kif iddefiniti fit-tabelli tal-Parti B tal-Anness I u d-*data* trażmessa għandu jkun fiha, fejn applikabbli, il-marki ta' kunfidenzjalità primarji u sekondarji kollha f'konformità mar-regoli ta' kunfidenzjalità li jeżistu fil-livell nazzjonali.

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-*data* monetarja għandha tiġi espressa f'unitajiet tal-munita nazzjonali (euro għall-Istati Membri taż-żona euro). L-Istati Membri li jaderixxu maż-żona euro għandhom jirrapportaw id-*data* monetarja annwali f'euro fis-sena tal-adeżjoni tagħhom. Għar-rapportar tad-*data* monetarja infraannwali, il-pajjiżi li jaderixxu maż-żona euro għandhom jużaw il-munita nazzjonali li tkun użata fil-perjodu ta' referenza.
7. Meta d-*data* li tkun diġà ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) tkun soġġetta għal reviżjoni, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* riveduta sa mhux aktar tard mid-disseminazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali, jew, jekk ma jiġux disseminati fl-livell nazzjonali, sa mhux aktar tard minn xahar wara li jkunu saru disponibbli għal awtorità nazzjonali tal-istatistika.

Artikolu 11

Rapporti dwar il-kwalità u l-metadata

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti annwali dwar il-kwalità u l-metadata għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju lill-Kummissjoni (Eurostat), billi jużaw l-istandards tal-ESS għar-rapportar dwar il-metadata u l-kwalità.
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti dwar il-metadata għall-istatistika tan-negozju trażmessi bil-perjodiċità speċifikata fl-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2019/2152 lill-Kummissjoni (Eurostat) mhux aktar tard minn xahrejn wara l-aħħar skadenza għat-trażmissjoni tad-*data* tal-istatistika koperta mir-rapport.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, f'każijiet debitament ġustifikati, rapporti addizzjonali dwar il-kwalità li jkun fihom informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kwalità li tkun meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-istatistika tan-negozju trażmessa f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/2152 lill-Kummissjoni (Eurostat) sa limitu ta' żmien miftiehem bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat).
4. Għas-suġġett "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku", l-iskadenzi għar-rapportar dwar il-kwalità u l-metadata huma speċifikati f'att ta' implimentazzjoni separat.
5. Għall-istruttura u għall-kontenut tar-rapporti dwar il-kwalità u l-metadata, jenħtieġ li jintużaw l-aktar standards riċenti tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS).
6. Minbarra r-rapportar standard dwar il-kwalità u l-metadata, f'każijiet debitament ġustifikati l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq talba tagħha l-informazzjoni komplimentari dwar il-metadata l-kwalità li hija meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-istatistika tan-negozju, inklużi reviżjonijiet ta' informazzjoni li tkun ġiet ipprovduta qabel fejn rilevanti.

Artikolu 12

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 912/2004, (KE) Nru 364/2008, (KE) Nru 192/2009, (KE) Nru 250/2009, (KE) Nru 251/2009, (KE) Nru 834/2009, (UE) Nru 275/2010, (UE) Nru 1097/2010 u r-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 995/2012 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.
2. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004, (UE) Nru 92/2010, (UE) Nru 113/2010 u (UE) Nru 1106/2012 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.
3. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/2001, (KE) Nru 1503/2006, (KE) Nru 657/2007 u (KE) Nru 472/2008 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.
4. Il-paragrafi 1 sa 3 huma mingħajr ħsara għall-obbligi stabbiliti f'dawk ir-Regolamenti dwar it-trażmissjoni ta' data u ta' metadata, inklużi rapporti dwar il-kwalità, fir-rigward ta' perjodi ta' referenza li jaħbtu, b'mod sħiħ jew f'parti minnhom, qabel id-dati rispettivi stabbiliti f'dawk il-paragrafi.
5. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, it-Tabelli 16 u 34 sa 37 tal-Anness I, u l-Anness V għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

Elementi tad-data li għandhom jiġu trażmessi għas-suġġetti dettaljati

Parti A. Varjabbli

Dominju 1. Statistika tan-negozju fuq żmien qasir

L-istatistika tan-negozju fuq żmien qasir kollha ħliet għall-istatistika tas-suġġett dettaljat "Prezzijiet tal-importazzjoni" (Tabella 4) u s-suġġett "Proprietà immobbli" (Tabella 9) tirreferi għall-attivitajiet tal-unitajiet statistiċi residenti

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad-data kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 1.1 Negozju popolazzjoni	1	Avvenimenti demografiċi tan-negozju (fallimenti, reġistrazzjonijiet)	1	Reġistrazzjonijiet	Tabella 1
			2	Fallimenti	Tabella 1
Suġġett 1.2 Inputs lavorattivi	1	Impjiegi	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom	Tabella 2
	2	Sigħat maħduma	1	Sigħat maħduma mill-impjegati	Tabella 3
	3	Kostijiet lavorattivi	1	Pagi u salarji	Tabella 3
Suġġett 1.3 Prezzijiet	1	Prezzijiet tal-importazzjoni	1	Prezzijiet tal-importazzjoni	Tabella 4
			2	Prezzijiet tal-importazzjoni (żona tal-euro)	Tabella 4
			3	Prezzijiet tal-importazzjoni (mhux fiż-żona tal-euro)	Tabella 4
	2	Prezzijiet tal-produtturi	1	Prezzijiet tal-produtturi	Tabella 5
			2	Prezzijiet tal-produtturi domestiċi	Tabella 5
			3	Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi	Tabella 5
			4	Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (żona tal-euro)	Tabella 5
			5	Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (mhux fiż-żona tal-euro)	Tabella 5

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 1.4 Outputs u prestazzjoni	1	Produzzjoni	1	Produzzjoni (volum)	Tabella 6
	2	Volum tal-bejgħ	1	Volum tal-bejgħ	Tabella 7
	3	Fatturat nett	1	Fatturat nett (valur)	Tabella 8
			2	Fatturat domestiku nett (valur)	Tabella 8
			3	Fatturat mhux domestiku nett (valur)	Tabella 8
			4	Fatturat mhux domestiku nett (valur) (żona tal-euro)	Tabella 8
			5	Fatturat mhux domestiku nett (valur) (mhux fiż-żona tal-euro)	Tabella 8
Suġġett 1.5 Proprjetà immobbli	1	Proprjetà immobbli	1	Permessi tal-bini: Numru ta' abitazzjonijiet	Tabella 9
			2	Permessi tal-bini: Metri kwadri	Tabella 9

Dominju 2. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi

Bl-eċċezzjoni tal-istatistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi dwar l-intrapriżi li jimportaw oġġetti u l-intrapriżi li jesportaw oġġetti (Tabella 16), l-istatistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi tirreferi għall-attivitajiet tal-unitajiet statistiċi residenti. L-istatistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi dwar l-intrapriżi li jimportaw oġġetti u l-intrapriżi li jesportaw oġġetti (Tabella 16) tirreferi għat-territorju statistiku tal-pajjiż rapportatur, kif insemmi fit-Taqsima 4 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 2.1 Popolazzjoni tan-negozju	1	Popolazzjoni ta' intrapriżi attivi	1	Numru ta' intrapriżi attivi	Tabelli 10, 11 u 14
			2	Numru ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 12
			3	Numru ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir	Tabella 13
			4	Numru ta' intrapriżi ġodda b'rata għolja ta' tkabbir	Tabella 13

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B	
	2	Avvenimenti demografiċi tan-negożju (twelid, imwiet, sopravivenzi)	1	Twelid ta' intrapriżi	Tabella 12	
			2	Imwiet ta' intrapriżi	Tabella 12	
			3	Sopravivenzi ta' intrapriżi	Tabella 12	
			4	Intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat	Tabella 12	
			5	Intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati	Tabella 12	
			6	Sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 12	
	3	Popolazzjoni ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Numru ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14	
	4	Popolazzjoni ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż u affiljati domestiċi	1	Numru ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u affiljati domestiċi	Tabella 15	
	5	Popolazzjoni ta' intrapriżi involuti fil-kummerċ internazzjonali	1	Numru ta' intrapriżi li jimportaw oġġetti	Tabella 16	
			2	Numru ta' intrapriżi li jesportaw oġġetti	Tabella 16	
	Suġġett 2.2 Inputs lavorattivi	1	Impjiegi	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom	Tabelli 10, 11 u 14
				2	Numru ta' impjegati	Tabelli 10 u 11
3				Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti full-time	Tabella 10	
4				Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 12	
5				Numru ta' impjegati f'intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 12	
6				Numru ta' impjegati f'intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir	Tabella 13	
7				Numru ta' impjegati f'intrapriżi ġodda b'rata għolja ta' tkabbir	Tabella 13	

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
	2	Sigħat maħduma	1	Sigħat maħduma mill-impjegati	Tabelli 10 u 11
	3	Kostijiet lavorattivi	1	Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati	Tabelli 10, 11 u 14
2			Pagi u salarji	Tabelli 10 u 11	
3			Kostijiet tas-sigurtà soċjali	Tabelli 10 u 11	
	4	Impjegi marbuta ma' avvenimenti demografiċi tan-negozju (twelid, imwiet, sopravivenzi)	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi mwielda ġodda	Tabella 12
2			Numru ta' impjegati f'intrapriżi mwielda ġodda	Tabella 12	
3			Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom fi mwiet ta' intrapriżi	Tabella 12	
4			Numru ta' impjegati fi mwiet ta' intrapriżi	Tabella 12	
5			Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi	Tabella 12	
6			Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi, fis-sena tat-twelid	Tabella 12	
7			Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat	Tabella 12	
8			Numru ta' impjegati f'intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat	Tabella 12	
9			Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati	Tabella 12	
10			Numru ta' impjegati f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati	Tabella 12	

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B	
			11	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 12	
			12	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed, fis-sena tat-twelid	Tabella 12	
	5	Impjiegi fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14	
	6	Impjiegi fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż u affiljati domestiċi	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u affiljati domestiċi	Tabella 15	
	7	Kostijiet lavorattivi fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14	
	Suġġett 2.3 Inputs tar-R&Ż	1	Nefqa fuq ir-R&Ż	1	Nefqa intramurali fuq ir-R&Ż	Tabelli 14 u 18
		2	Impjiegi fir-R&Ż	1	Persunal tar-R&Ż	Tabelli 14 u 19
2				Riċerkaturi	Tabella 18	
	3	Nefqa fuq ir-R&Ż fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Nefqa intramurali fuq ir-R&Ż fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14	
	4	Impjiegi fir-R&Ż fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Persunal tar-R&Ż fintrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14	
	5	R&Ż iffinanzjati pubblikament	1	Allokazzjonijiet mill-baġit tal-gvern għar-riċerka u għall-iżvilupp (GBARD)	Tabella 20	
			2	Finanzjament pubbliku nazzjonali għar-R&Ż ikkoordinati f'livell transnazzjonali	Tabella 20	

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 2.4 Xirjiet	1	Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi	1	Total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi	Tabelli 10, 11 u 14
			2	Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi għall-bejgħ mill-ġdid	Tabelli 14 u 21
			3	Spejjeż għal servizzi pprovduti permezz ta' ħaddiema ta' aġenzija	Tabella 21
			4	Spejjeż ta' kiri u ta' lokazzjoni operatorja fit-tul	Tabella 21
			5	Xirjiet ta' prodotti tal-enerġija	Tabella 21
			6	Pagamenti lil sottokuntratturi	Tabella 21
	2	Tibdil fl-istokk tal-oġġetti	1	Tibdil fl-istokk tal-oġġetti	Tabella 22
			2	Tibdil fl-istokk ta' prodotti lesti u xogħol li għadu għaddej	Tabella 22
			3	Tibdil fl-istokk tal-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid	Tabella 22
	3	Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Xirjiet totali ta' oġġetti u ta' servizzi ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14
			2	Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi għall-bejgħ mill-ġdid ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14
	4	Importazzjonijiet minn intrapriżi	1	Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi	Tabelli 16 u 17
	Suġġett 2.5 Outputs u prestazzjoni	1	Fatturat nett	1	Fatturat nett
2				Fatturat nett mill-agrikoltura, mill-forestrija, mis-sajd u mill-attivitajiet industrijali	Tabella 24
3				Fatturat nett mill-attivitajiet industrijali	Tabella 24
4				Fatturat nett mill-attivitajiet industrijali minbarra l-konstruzzjoni	Tabella 24
5				Fatturat nett mill-konstruzzjoni	Tabella 24

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
			6	Fatturat nett mill-attivitajiet ta' servizz	Tabella 24
			7	Fatturat nett mill-attivitajiet kummerċjali ta' xiri u ta' bejgħ mill-ġdid u mill-attivitajiet intermedjarji	Tabella 24
			8	Fatturat nett mill-bini	Tabella 24
			9	Fatturat nett mill-ingerinija ċivili	Tabella 24
			10	Fatturat nett mill-attività prinċipali fil-livell ta' tliet ċifri tal-NACE,	Tabella 25
			11	Fatturat nett mis-sottokuntrattar	Tabella 25
			12	Fatturat nett skont ir-residenza tal-klijent	Tabella 23
			13	Fatturat nett skont il-prodott	Tabella 23
	2	Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid	1	Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid	Tabella 10
	3	Valur tal-output	1	Valur tal-output	Tabelli 10, 11 u 14
	4	Valur miżjud	1	Valur miżjud	Tabelli 10, 11 u 14
	5	Surplus operatorju gross	1	Surplus operatorju gross	Tabelli 10 u 11
	6	Fatturat nett ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Fatturat nett ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14
	7	Valur tal-output ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Valur tal-output ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
	8	Valur miżjud ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Valur miżjud ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	Tabella 14
	9	Fatturat nett ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż u ta' affiljati domestiċi	1	Fatturat nett ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u ta' affiljati domestiċi	Tabella 15
	10	Prodotti industrijali	1	Produzzjoni mibjugħa	Tabella 26
2			Produzzjoni taħt operazzjonijiet sottokuntrattati	Tabella 26	
3			Produzzjoni attwali	Tabella 26	
	11	Esportazzjonijiet mill-intrapriżi	1	Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi	Tabelli 16 u 17
Suġġett 2.6 Investimenti	1	Investiment gross minn intrapriżi attivi	1	Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli	Tabelli 10 u 14
			2	Investiment gross fart	Tabella 27
			3	Investiment gross fl-akkwizzjoni ta' binjiet eżistenti	Tabella 27
			4	Investiment gross fil-kostruzzjoni u fit-titjib tal-binjiet	Tabella 27
			5	Investiment gross fil-makkinarju u fit-tagħmir	Tabella 27
			6	Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, għajr avvjamant	Tabella 10
			7	Investiment f'software mixtri	Tabella 28

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
			8	Rikavat mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli	Tabella 10
	2	Investiment gross minn intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż	1	Investiment gross ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż f'assi mhux kurrenti tanġibbli	Tabella 14

Dominju 3. Statistika reġjonali tan-negozju

L-istatistika reġjonali tan-negozju kollha tirreferi għall-attivitajiet ta' unitajiet statistiċi residenti.

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 3.1 Popolazzjoni tan-negozju	1	Popolazzjoni skont ir-reġjun	1	Numru ta' unitajiet lokali	Tabella 29
			2	Numru ta' intrapriżi attivi	Tabella 30
			3	Numru ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 30
			4	Numru ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir	Tabella 30
	2	Avvenimenti demografiċi tan-negozju skont ir-reġjun (twelid, imwiet, sopravivenzi)	1	Twelid ta' intrapriżi	Tabella 30
			2	Imwiet ta' intrapriżi	Tabella 30
			3	Sopravivenzi ta' intrapriżi (sopravivenza ta' tliet snin kalendarji biss)	Tabella 30
			4	Intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat	Tabella 30
			5	Intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati	Tabella 30
			6	Sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)	Tabella 30

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-reqwiziti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 3.2 Inputs lavorattivi	1	Impjieggi f'intrapriżi attivi skont ir-reġġjun	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'unitajiet lokali	Tabella 29
			2	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom	Tabella 30
			3	Numru ta' impjegati	Tabella 30
			4	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 30
			5	Numru ta' impjegati f'intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed	Tabella 30
	2	Impjieggi marbuta ma' avvenimenti demografiċi tan-negozju skont ir-reġġjun (twelid, imwiet, sopravivenzi)	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi mwielda ġodda	Tabella 30
			2	Numru ta' impjegati f'intrapriżi mwielda ġodda	Tabella 30
			3	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom fi mwiet ta' intrapriżi	Tabella 30
			4	Numru ta' impjegati fi mwiet ta' intrapriżi	Tabella 30
			5	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)	Tabella 30
			6	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi, fis-sena tat-twelid (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)	Tabella 30
			7	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat	Tabella 30
			8	Numru ta' impjegati f'intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat	Tabella 30

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
			9	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati	Tabella 30
			10	Numru ta' impjegati f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati	Tabella 30
			11	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)	Tabella 30
			12	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed, fis-sena tat-twelid (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)	Tabella 30
	3	Kostijiet lavorattivi skont ir-reġjun	1	Pagi u salarji f'unitajiet lokali	Tabella 29
Suġġett 3.3 Inputs tar-R&Ż	1	Nefqa fuq ir-R&Ż skont ir-reġjun	1	Nefqa intramurali fuq ir-R&Ż	Tabella 31
	2	Impjiegi fir-R&Ż skont ir-reġjun	1	Persunal tar-R&Ż	Tabella 32
			2	Riċerkaturi	Tabella 32

Dominju 4. Statistika dwar attivitajiet internazzjonali

L-istatistika tas-suġġetti "Popolazzjoni tan-negozju", "Input lavorattiv", "Investimenti" u "Outputs u prestazzjoni" (Tabella 33) għal dan id-dominju tirreferi għall-attivitajiet tal-unitajiet statistiċi mhux residenti.

L-istatistika dwar is-suġġett "Kummerċ internazzjonali tal-oġġetti" (Tabelli 34 sa 37) tirreferi għat-territorju statistiku tal-pajjiż rapportatur biss, kif imsemmi fit-Taqsima 4 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

L-istatistika tas-suġġett "Kummerċ internazzjonali tas-servizzi" (Tabella 38) tirreferi għall-kummerċ tas-servizzi mwettaq mill-unitajiet residenti.

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
Suġġett 4.1 Popolazzjoni tan-negozju	1	Popolazzjoni ta' intrapriżi barra mill-pajjiż ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali residenti tal-pajjiż rapportatur	1	Numru ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur	Tabella 33
Suġġett 4.2 Input lavorattiv	1	Impjegati f'intrapriżi barra mill-pajjiż ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali residenti tal-pajjiż rapportatur	1	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur	Tabella 33
	2	Kostijiet lavorattivi f'intrapriżi barra mill-pajjiż ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali residenti tal-pajjiż rapportatur	1	Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati f'intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur	Tabella 33
Suġġett 4.3 Investimenti	1	Investiment gross minn intrapriżi barra mill-pajjiż ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali residenti tal-pajjiż rapportatur	1	Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur	Tabella 33
Suġġett 4.4 Outputs u prestazzjoni	1	Fatturat nett ta' intrapriżi barra mill-pajjiż ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali residenti tal-pajjiż rapportatur	1	Fatturat nett ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur	Tabella 33
Suġġett 4.5 Kummerċ internazzjonali tal-oġġetti	1	Kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti	1a	Valur statistiku tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 34
			1b	Kwantità tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 34
			2 a	Valur statistiku tal-importazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 34
			2b	Kwantità tal-importazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 34
			3	Valur statistiku tal-esportazzjonijiet tal-oġġetti – <i>data</i> aggregata	Tabella 36

Suġġetti	Suġġetti dettaljati		Varjabbli		Elementi tar-rekwiżiti tad- <i>data</i> kif definiti fit-Tabelli tal-Parti B
			4	Valur statistiku tal-importazzjonijiet tal-oġġetti – <i>data</i> aggregata	Tabella 36
	2	Kummerċ barra mill-Unjoni tal-oġġetti	1a	Valur statistiku tal-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 35
			1b	Kwantità tal-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 35
			2 a	Valur statistiku tal-importazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 35
			2b	Kwantità tal-importazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti – <i>data</i> dettaljata	Tabella 35
			3	Valur statistiku tal-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti skont il-munita tal-fatturazzjoni	Tabella 37
			4	Valur statistiku tal-importazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti skont il-munita tal-fatturazzjoni	Tabella 37
Suġġett 4.6 Internazzjonali kummerċ tas-servizzi	1	Importazzjonijiet ta' servizzi	1	Importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi	Tabelli 38
	2	Esportazzjonijiet ta' servizzi	1	Esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi	Tabelli 38

Parti B. Elementi tar-rekwiżiti tad-data**Tabella 1. Statistika tan-negozju fuq żmien qasir dwar il-popolazzjoni tan-negozju**

Varjabbli	110101. Reġistrazzjonijiet 110102. Fallimenti
Unità ta' kejl	Valur assolut: mingħajr aġġustament
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq tat-Taqsimiet B sa N, u P sa R u d-diviżjonijiet S95 u S96 tal-NACE
Disaggregazzjonijiet	Disaggregazzjoni skont l-attività — Aggregati tat-Taqsimiet tal-NACE: — B+C+D+E, K+L+M+N, P+Q+R+S95+S96 — Taqsimiet tal-NACE: — F, G, H, I u J — Aggregat speċjali kif definit fl-Anness II.B ta' dan ir-Regolament: — Industrija, kostruzzjoni u servizzi (minbarra amministrazzjoni pubblika, difiża, sigurtà soċjali obligatorja, attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija, attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali)
Skadenza għat-trażmissjoni tad-data	T+40 jum
L-ewwel perjodu ta' referenza	L-ewwel trimestru 2021

Tabella 2. Statistika tan-negozju fuq żmien qasir dwar l-impjegi

Varjabbli	120101. Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom
Unità ta' kejl	Indiċijiet: mingħajr aġġustament
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq tat-Taqsimiet B, C, D, Diviżjoni E36, F, G, H sa M tal-NACE (minbarra K, M701, M72 u M75) u N
Disaggregazzjonijiet	Disaggregazzjoni skont l-attività Għall-pajjiżi kollha: — MIGs tat-Taqsimiet B, C, D u Diviżjoni E36 tal-NACE kif definiti fl-Anness II.A ta' dan ir-Regolament; — Aggregati tat-Taqsimiet tal-NACE — B+C+D+E36, H+I+J+L+M (minbarra M701, M72, M75)+N; — Taqsimiet tal-NACE: — B, C, D, F, G, H, I, J, L, M (minbarra M701, M72, M75) u N; — Diviżjonijiet tal-NACE: — E36, G45, G46, G47, u G47 (minbarra G473) Għall-pajjiżi medji u kbar kif definiti fl-Anness III.A.2 ta' dan ir-Regolament: — Barra minn hekk, id-Diviżjonijiet tat-Taqsimiet B, C u D tal-NACE.

	<p>Għall-pajjiżi kbar kif definiti fl-Anness III.A.2 ta' dan ir-Regolament:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk, id-Diviżjonijiet tat-Taqsimiet H, I u J tal-NACE. <p>Id-disaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar mhumiex obligatorji għall-pajjiżi ż-żgħar (kif definiti fl-Anness III.A.2 ta' dan ir-Regolament).</p>
L-użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalità	In-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom jista' jiġi approssimat bin-numru ta' impjegati. Għall-attivitajiet tat-Taqsimiet G, H sa M (minbarra K, M701, M72 u M75) u N tal-NACE, tista' tintuża l-intrapriża (ENT) minflok l-unitajiet tat-tip ta' attività ekonomika (KAU) għall-perjodi ta' referenza ta' qabel l-2021 u minn Jannar 2021 sa Diċembru 2023 fis-sena bażi 2015.
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T+xahrejn għal <i>data</i> (mhux obligatorja) kull tliet xhur jew kull xahar, ħlief għal: <ul style="list-style-type: none"> — rekwiżiti għall-pajjiżi żgħar u medji: T+xahrejn+15-il jum. <p>Arranġamenti tranżitorji għat-Taqsima L tal-NACE, għad-Diviżjoni N77 tal-NACE u għall-Gruppi N811 u N813 tal-NACE li għandhom jiġu inklużi fl-aggregati tagħhom mill-ewwel trimestru jew xahar (mhux obligatorju) tal-2021, kif definit fl-Anness VII (3.a).</p>
	<p>Għall-importazzjonijiet: il-pajjiż tal-konsenja u l-pajjiż ta' oriġini</p> <p>Id-<i>data</i> dwar il-pajjiż sieħeb għandha tkun ikkodifikata skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u tat-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti.</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont in-natura tat-tranżazzjoni</i></p> <p>Id-<i>data</i> dwar in-natura tat-tranżazzjoni għandha tiġi pprovduta skont id-disaggregazzjoni fit-Tabella 1 tal-Parti C għal dan l-Anness.</p> <p>L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kodiċijiet tal-kolonna A jew taħlita tan-numri tal-kodiċijiet fil-kolonna A u tas-sottodivizjonijiet tagħhom fil-kolonna B.</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-proċedura statistika</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Esportazzjonijiet jew importazzjonijiet normali — Esportazzjonijiet jew importazzjonijiet koperti mill-proċedura doganali ta' pproċessar attiv — Esportazzjonijiet jew importazzjonijiet koperti mill-proċedura doganali ta' pproċessar passiv — Esportazzjonijiet jew importazzjonijiet mhux irreġistrati minn dikjarazzjonijiet doganali <p><i>Disaggregazzjoni skont it-trattament preferenzjali fuq l-importazzjonijiet (għall-varjabbli 450202a/b biss)</i></p> <p>Din id-disaggregazzjoni ma tapplikax għal oġġetti jew għal movimenti speċifiċi, kif imsemmija fil-Kapitolu III tal-Anness V, jekk jintużaw sorsi ta' <i>data</i> li ma jkunux id-dikjarazzjonijiet doganali.</p> <p>It-trattament tariffarju indikat mill-kodiċi ta' preferenza skont il-klassifikazzjoni stabbilita mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.</p> <p>Mingħajr ħsara għad-disseminazzjoni tad-<i>data</i> fil-livell nazzjonali, l-istatistika dettaljata skont it-trattament preferenzjali dwar l-importazzjonijiet ma għandhiex tiġi disseminata mill-Kummissjoni (Eurostat) jekk l-iżvelar tagħha jdgħajef il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politiki kummerċjali u agrikoli tal-Unjoni.</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-modalità tat-trasport</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Modalità tat-trasport fil-fruntiera — Modalità interna tat-trasport — Kontejner <p>Din id-disaggregazzjoni ma tapplikax għal oġġetti jew għal movimenti speċifiċi, kif imsemmija fil-Kapitolu III tal-Anness V, jekk jintużaw sorsi ta' <i>data</i> li ma jkunux id-dikjarazzjonijiet doganali.</p> <p>Id-<i>data</i> dwar il-modalità tat-trasport għandha tiġi pprovduta skont id-disaggregazzjoni fit-Tabella 2 tal-Parti C għal dan l-Anness.</p>
L-użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalità	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għal kull perjodu ta' referenza ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jikkompilaw statistika li tkopri l-kummerċ totali tagħhom tal-oġġetti barra mill-Unjoni billi jużaw stimi, fejn meħtieġ. L-istimi għandhom jiġu mmarkati u jintbagħtu lill-Eurostat tal-anqas b'disaggregazzjoni skont il-pajjiż sieħeb u l-kodiċi tal-komodità fil-livell tal-kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza għan-negozju barra mill-Unjoni. 2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 10(5) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu <i>data</i> ddikjarata kunfidenzjali lill-Kummissjoni (Eurostat) sabiex din tkun tista' tiġi ppubblikata tal-anqas fil-livell tal-kapitoli tad-disaggregazzjoni tal-merkanzija skont in-Nomenklatura Magħquda sakemm il-kunfidenzjalità tkun żgurata b'dan il-mod. 3. Fil-każ ta' informazzjoni li taqa' taħt segretezza militari, f'konformità mad-definizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni anqas dettaljata minn kif indikat f'din it-Tabella. Madankollu, bħala minimu, id-<i>data</i> dwar il-valur statistiku totali fix-xahar tal-esportazzjonijiet u tal-importazzjonijiet għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat).

Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T+40 jum Meta r-risultati ta' kull xahar diġà pprovduti lill-Kummissjoni (Eurostat) ikunu soġġetti għal reviżjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdwu r-risultati riveduti sa mhux aktar tard minn xahar wara d-disponibbiltà tad- <i>data</i> riveduta.
L-ewwel perjodu ta' referenza	Jannar 2022

Tabella 36. Statistika dwar attivitajiet internazzjonali - Esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' oġġetti - *data* aggregata

Varjabbli	450103. Valur statistiku tal-esportazzjonijiet tal-oġġetti – <i>data</i> aggregata 450104. Valur statistiku tal-importazzjonijiet tal-oġġetti – <i>data</i> aggregata
Unità ta' kejl	Valuri fil-munita nazzjonali (unitajiet)
Popolazzjoni statistika	Esportazzjonijiet jew importazzjonijiet totali ta' oġġetti
Disaggregazzjonijiet	Id- <i>data</i> għandha tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-disaggregazzjonijiet kollha speċifikati f'dawn li ġejjin: Disaggregazzjoni ġeografika: — Għall-Istati Membri kollha: — Intra-Unjoni — Barra l-Unjoni — Addizzjonalment, għal Stati Membri fiż-żona tal-euro: — Fiż-żona tal-euro — Barra miż-żona tal-euro Disaggregazzjoni skont il-komodità: — Total — Barra minn hekk: It-Taqsimiet 0 sa 9 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Kummerċ (SITC) fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza – obbligatorji biss għaż-żoni sħab barra mill-Unjoni u barra miż-żona tal-euro
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T+40 jum
L-ewwel perjodu ta' referenza	Jannar 2022

Tabella 37. Statistika dwar attivitajiet internazzjonali –Esportazzjonijiet u importazzjonijiet barra mill-Unjoni ta' oġġetti skont il-munita tal-fatturazzjoni

Varjabbli	450203. Valur statistiku tal-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti skont il-munita tal-fatturazzjoni 450204. Valur statistiku tal-importazzjonijiet barra mill-Unjoni tal-oġġetti skont il-munita tal-fatturazzjoni
Unità ta' kejl	Valuri fil-munita nazzjonali (unitajiet)
Popolazzjoni statistika	Esportazzjonijiet jew importazzjonijiet totali barra mill-Unjoni
Disaggregazzjonijiet	Id- <i>data</i> għandha tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-disaggregazzjonijiet kollha speċifikati f'dawn li ġejjin <i>Disaggregazzjoni skont il-komodità:</i> Skont il-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Kummerċ (SITC) fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza:

	<ul style="list-style-type: none"> — Total, — Taqsimiet 0 sa 8 — Diviżjoni 33 <p><i>Disaggregazzjoni skont il-munita tal-fatturazzjoni:</i></p> <p>Jekk jintużaw sorsi ta' <i>data</i> oħra li ma jkunux id-dikjarazzjonijiet doganali, id-disaggregazzjoni skont il-munita tal-fatturazzjoni għandha tkun:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Euro — Il-munita nazzjonali (għal Stati Membri li mhumiex parti miż-żona tal-euro biss) — Muniti nazzjonali oħra tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro [minbarra l-Isterlina tar-Renju Unit] — Sterlina tar-Renju Unit — Dollaru Amerikan — Oħrajn <p>Jekk id-dikjarazzjonijiet doganali jintużaw bħala sors ta' <i>data</i>, id-disaggregazzjoni skont il-munita ta' fatturazzjoni għandha tkun:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Euro — Il-munita nazzjonali (għal Stati Membri li mhumiex parti miż-żona tal-euro biss) — Muniti nazzjonali oħra tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro [minbarra l-Isterlina tar-Renju Unit] — Sterlina tar-Renju Unit — Dollaru Amerikan — Real Brażiljan — Dollaru Kanadiż — Frank Żvizzeru — Renminbi-yuan Ċin iż — Rupee Indjan — Yen Ġappuniż — Won tal-Korea t'Isfel — Peso Messikan — Krona Norveġiża — Rublu Russu — Dollaru ta' Singapore — Lira Torka — Oħrajn
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T+3 xhur
L-ewwel perjodu ta' referenza	2022

Tabella 38. Statistika dwar attivitajiet internazzjonali - Provvista Internazzjonali ta' Servizzi skont il-Modalità tal-Provvista - *data* annwali

Varjabbli	460101. Importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi 460201. Esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi
-----------	--

Unità ta' kejl	Munita nazzjonali (eluf)
Popolazzjoni statistika	Il-provvista internazzjonali totali ta' servizzi b'kull waħda mill-erba' modalitajiet ta' provvista
Disaggregazzjonijiet	<p>1. Provvista internazzjonali ta' servizzi skont il-modalità ta' provvista u disaggregazzjoni ġeografika</p> <p>Id-data trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-disaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt:</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-modalità ta' provvista:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-provvista internazzjonali totali ta' servizzi (total tal-modalitajiet 1, 2, 3 u 4) <ul style="list-style-type: none"> — Modalità 1 ("tranżazzjonijiet transkonfinali"), — Modalità 2 ("konsum barra mill-pajjiż"), — Modalità 3 ("preżenza kummerċjali"), u — Modalità 4 ("preżenza ta' persuni fiżiċi") <p>kif definita fl-Anness VI, Taqsima 2.</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-prodotti:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Provvista internazzjonali totali ta' servizzi <p><i>Disaggregazzjoni ġeografika:</i> (tista' tiġi applikata marka tas-CETO kif definita fl-Anness III.B):</p> <p>Ġeo tal-livell 5 kif definiti f'att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) 2019/2152</p> <p>2. Provvista internazzjonali ta' servizzi skont il-modalità ta' provvista, it-tip ta' prodott u disaggregazzjoni ġeografika (tista' tiġi applikata l-marka CETO jew ir-regola ta' 1 % fuq il-livell tal-volum ta' kummerċ totali (importazzjonijiet + esportazzjonijiet ta' servizzi) kif definita fl-Anness III.B u A.1)</p> <p>Jekk tiġi applikata r-regola ta' 1 %, ma tiġix irrapportata d-Disaggregazzjoni 2 (f'dan il-każ tiġi rrapportata biss id-Disaggregazzjoni 1).</p> <p>Id-data trid tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-disaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt:</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-modalitajiet ta' provvista:</i></p> <p>L-istess disaggregazzjoni tal-Modalitajiet ta' provvista bħad-Disaggregazzjoni 1.</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-prodotti:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Provvista internazzjonali totali ta' servizzi <ul style="list-style-type: none"> — Komponenti ewlenin tal-EBOPS 2010, kif definiti fl-Anness VI, Taqsima 2, Tabella 1 — Raggruppament komplimentari tal-EBOPS 2010, kif definiti fl-Anness VI, Taqsima 2, Tabella 1 <p><i>Disaggregazzjoni ġeografika:</i></p> <p>Ġeo tal-livell 5 kif definiti f'att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) 2019/2152</p> <p>3. Provvista internazzjonali ta' servizzi skont il-modalità ta' provvista, disaggregazzjoni dettaljata tat-tip ta' prodott u disaggregazzjoni ġeografika (tista' tiġi applikata l-marka CETO jew ir-regola ta' 1 % fuq il-livell tal-volum ta' kummerċ totali (importazzjonijiet + esportazzjonijiet ta' servizzi) kif definita fl-Anness III.B u A.1)</p> <p>Jekk tiġi applikata r-regola ta' 1 %, ma tiġix irrapportata d-disaggregazzjoni 3 (f'dan il-każ tiġi rrapportata biss id-Disaggregazzjoni 1).</p>

	<p><i>Disaggregazzjoni skont il-modalitajiet ta' provvista:</i> L-istess disaggregazzjoni tal-Modalitajiet ta' provvista bħad-Disaggregazzjoni 1.</p> <p><i>Disaggregazzjoni skont il-prodotti:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Provvista internazzjonali totali ta' servizzi <ul style="list-style-type: none"> — Komponenti ewlenin tal-EBOPS 2010, kif definiti fl-Anness VI, Taqsima 2, Tabella 1 — Raggruppament komplimentari tal-EBOPS 2010, kif definiti fl-Anness VI, Taqsima 2, Tabella 1 — Komponenti dettaljati tal-EBOPS 2010, kif definiti fl-Anness VI, Taqsima 2, Tabella 1 <p><i>Disaggregazzjoni ġeografika:</i> Ġeo tal-livell 5 kif definiti fatt ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) 2019/2152</p>
Skadenza għat-trażmissjoni tad-data	<p>Għal disaggregazzjoni li jinvolvu l-modalitajiet 1, 2 u 4: T+10M</p> <p>Għal disaggregazzjonijiet li jinvolvu l-modalità 3 u "Provvista internazzjonali totali ta' servizzi (total tal-modalitajiet 1, 2, 3, u 4): T+22 xahar</p>
L-użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalità	<p>Jenħtieġ li jintużaw il-metodi u l-istimi rakkomandati fl-ewwel u t-tieni edizzjonijiet tal-Gwida għall-Kumpilaturi dwar il-Modalitajiet ta' Provvista (MoS), kif deskritti fit-Taqsima 1 tal-Anness VI. Il-pajjiżi jistgħu jużaw ukoll kwalunkwe metodu jew stima ekwivalenti oħrajn, f'konformità mal-prinċipji tal-MSITS 2010 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p> <p>Fi kwalunkwe ħin, jekk ma jkunx jista' jintuża metodu rakkomandat, minflok ikun jista' jintuża l-metodu ġeneriku ta' stima korrispondenti.</p> <p>Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-metodi użati jkun deskritti b'mod ċar fil-metadata.</p>
L-ewwel perjodu ta' referenza	<p>Għad-disaggregazzjoni 1: Y+sentejn, fejn Y hija s-sena tal-pubblikazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-Gwida għall-Kumpilaturi dwar l-MoS imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Anness VI.</p> <p>Għad-disaggregazzjoni 2: Z+2 snin, fejn Z hija s-sena tal-pubblikazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Gwida għall-Kumpilaturi dwar l-MoS imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Anness VI.</p> <p>Għad-disaggregazzjoni 3: Z+4 snin, fejn Z hija s-sena tal-pubblikazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Gwida għall-Kumpilaturi dwar l-MoS imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Anness VI.</p>

Parti C. Klassifikazzjonijiet

Tabella 1. Disaggregazzjoni skont in-natura tat-tranżazzjoni

A		B	
1.	Tranżazzjonijiet li jinvolvu tibdil attwali fis-sjieda b'kumpens finanzjarju	1.	Bejgħ/xiri dirett ħlief negozju dirett ma'/minn konsumaturi privati
		2.	Kummerċ dirett ma'/minn konsumaturi privati (inkluż bejgħ mill-bogħod)
2.	Ritorn jew sostituzzjoni ta' oġġetti bla ħlas wara r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjoni oriġinali	1.	Ritorn ta' oġġetti
		2.	Sostituzzjoni ta' oġġetti ritornati
		3.	Sostituzzjoni (eż. taħt il-garanzija) ta' oġġetti li ma jkunux qed jiġu ritornati

A		B	
3.	Tranżazzjonijiet li jinvolvu tibdil intenzjonat fis-sjieda jew tibdil fis-sjieda mingħajr kumpens finanzjarju	1.	Movimenti lejn/minn maħżen (bl-esklużjoni tal-istokk f'kunsinna kuntrattat u ta' kunsinna)
		2.	Provvista għall-bejgħ wara approvazzjoni jew wara proċess (inkluż stokk f'kunsinna kuntrattat u ta' kunsinna)
		3.	Lokazzjoni finanzjarja
		4.	Tranżazzjonijiet li jinvolvu trasferiment tas-sjieda mingħajr kumpens finanzjarju
4.	Tranżazzjonijiet bil-ħsieb ta' pproċessar skont kuntratt (li ma jinvolvux tibdil fis-sjieda)	1.	Oġġetti mistennija li jiġu ritornati fl-Istat Membru inizjali/pajjiż ta' esportazzjoni
		2.	Oġġetti li mhumiex mistennija li jiġu ritornati fl-Istat Membru inizjali/pajjiż ta' esportazzjoni
5.	Tranżazzjonijiet wara pproċessar skont kuntratt (li ma jinvolvux tibdil fis-sjieda)	1.	Oġġetti li jirritornaw fl-Istat Membru inizjali/pajjiż ta' esportazzjoni
		2.	Oġġetti li mhumiex qed jiġu ritornati fl-Istat Membru inizjali/pajjiż ta' esportazzjoni
6.	Tranżazzjonijiet partikolari rreġistrati għal skopijiet nazzjonali		
7.	Tranżazzjonijiet bil-ħsieb ta'/wara żdoganar tal-oġġetti (li ma jinvolvux tibdil fis-sjieda, b'rabta ma' oġġetti fi kważi importazzjoni jew esportazzjoni)	1.	Rilaxx ta' oġġetti għal ċirkolazzjoni libera fi Stat Membru b'esportazzjoni sussegwenti lejn Stat Membru ieħor
		2.	Trasport ta' oġġetti minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor sabiex il-oġġetti jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' esportazzjoni
8.	Tranżazzjonijiet li jinvolvu l-provvista ta' materjali tal-bini u ta' tagħmir tekniku skont kuntratt ta' kostruzzjoni ġenerali jew tal-inġinerija ċivili li għalihom ma tkun meħtieġa l-ebda fatturazzjoni separata għall-oġġetti u tinħareġ fattura għall-kuntratt totali		
9.	Tranżazzjonijiet oħra li ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt kodiċijiet oħra	1.	Kiri, self jew lokazzjoni operatorja ta' aktar minn 24 xahar
		9.	Oħrajn

Tabella 2. Disaggregazzjoni skont il-modalità tat-trasport

Modalità tat-trasport fil-fruntiera; modalità interna tat-trasport

Trasport bil-baħar

Trasport bil-ferrovija

Trasport bit-triq

Trasport bl-ajru

Konsenja postali

Installazzjonijiet fissi tat-trasport

Modalità tat-trasport fil-fruntiera; modalità interna tat-trasport

Trasport fl-ilmijiet navigabbli interni
Awtopropulsjoni

Kontejner

L-oġġetti ma jiġux ittrasportati f'kontejners meta jaqsmu l-fruntiera tat-territorju statistiku tal-Unjoni Ewropea.
L-oġġetti jiġu ttrasportati f'kontejners meta jaqsmu l-fruntiera tat-territorju statistiku tal-Unjoni Ewropea.

Tabella 3. Disaggregazzjoni tal-proċedura statistika

Proċedura statistika

Importazzjonijiet jew esportazzjonijiet normali
Importazzjonijiet jew esportazzjonijiet koperti mill-proċedura doganali ta' pproċessar attiv
Importazzjonijiet jew esportazzjonijiet koperti mill-proċedura doganali ta' pproċessar passiv
Importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux irreġistrati minn dikjarazzjonijiet doganali

ANNEX II

Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) u aggregati speċjali

Il-MIGs u l-aggregati speċjali inklużi fid-disaggregazzjonijiet skont l-attività fit-tabelli inklużi fil-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament iridu jiġu kkalkolati kif jidher hawn taħt.

A. Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs)

1. Id-definizzjoni tal-gruppi industrijali ewlenin

L-allokazzjoni tal-Gruppi u tad-Diviżjonijiet tal-NACE għall-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) hija definita fit-tabella ta' hawn taħt.

Għall-varjabbli 130101, 130102 u 130103, l-allokazzjoni tal-Gruppi tas-CPA għall-approssimazzjonijiet tal-MIGs tista' tiġi dderivata abbażi tal-allokazzjoni tal-Gruppi tal-NACE.

ALLOKAZZJONI TAL-INTESTATURI TAL-NACE GĦALL-KATEGORIJI TA' KLASSIFIKAZZJONI AGGREGATA

Deskrizzjoni tal-NACE	Klassifika aggregata
07 Estrazzjoni ta' minerali tal-metall	Oġġetti intermedji
08 Estrazzjoni oħra mill-minjieri u barrieri	Oġġetti intermedji
09 Attivitàjiet tas-servizz ta' appoġġ għall-estrazzjoni	Oġġetti intermedji
10.6 Manifattura ta' prodotti tal-imitieħen tal-qmuħ, lamtu u prodotti tal-lamtu	Oġġetti intermedji
10.9 Manifattura ta' għalf għall-annimali lest	Oġġetti intermedji
13.1 Tħejjija u għażil ta' fibri tat-tessuti	Oġġetti intermedji
13.2 Insiġ ta' tessuti	Oġġetti intermedji
13.3 Irfinar ta' tessuti	Oġġetti intermedji
16 Manifattura ta' njam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal għall-immaljar	Oġġetti intermedji
17 Manifattura ta' karta u prodotti tal-karta	Oġġetti intermedji
20.1 Manifattura ta' sustanzi kimiċi bażiċi, fertilizzanti u taħlitiet tan-nitroġenu, plastik u lasktu sintetiku f'forom primarji	Oġġetti intermedji
20.2 Manifattura ta' pestiċidi u prodotti agrokimiċi oħra	Oġġetti intermedji
20.3 Manifattura ta' żebgħat, verniċi u kisi simili, linka u gomom għall-istampar	Oġġetti intermedji
20.5 Manifattura ta' prodotti kimiċi oħra	Oġġetti intermedji
20.6 Manifattura ta' fibri magħmula mill-bniedem	Oġġetti intermedji
22 Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik	Oġġetti intermedji
23 Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra	Oġġetti intermedji

Deskrizzjoni tal-NACE	Klassifika aggregata
24 Manifattura ta' metalli bażiċi	Oġġetti intermedji
25.5 Fonderija, ipressar, stampar u rrumblar ta' metall; metallurġija tat-trab	Oġġetti intermedji
25.6 Trattament u kisi ta' metalli; ħidma bil-magni	Oġġetti intermedji
25.7 Manifattura ta' pożati, għodod u hardwer ġenerali	Oġġetti intermedji
25.9 Manifattura ta' prodotti oħra tal-metall iffabbrikat	Oġġetti intermedji
26.1 Manifattura ta' komponenti elettroniċi u bordijiet	Oġġetti intermedji
26.8 Manifattura ta' mezzi manjetiċi u ottiċi	Oġġetti intermedji
27.1 Manifattura ta' muturi tal-elettriku, ġeneraturi, trasformaturi u apparat għat-tqassim u l-kontroll tal-elettriku	Oġġetti intermedji
27.2 Manifattura ta' batteriji u akkumulaturi	Oġġetti intermedji
27.3 Manifattura ta' wajers u għodod għall-wajers	Oġġetti intermedji
27.4 Manifattura ta' tagħmir tad-dawl elettriku	Oġġetti intermedji
27.9 Manifattura ta' tagħmir elettriku ieħor	Oġġetti intermedji
05 Estrazzjoni tal-faħam u l-linjite	Enerġija
06 Estrazzjoni ta' petrolem mhux raffinat u gass naturali	Enerġija
19 Manifattura ta' kokk u prodotti tal-petrolem raffinat	Enerġija
35 Provvista tal-elettriku, il-gass, il-fwar u l-arja kundizzjonata	Enerġija
36 Ġbir, trattament u provvista tal-ilma	Enerġija
25.1 Manifattura ta' prodotti strutturali tal-metall	oġġetti kapitali
25.2 Manifattura ta' tankijiet, riżervi u kontenituri tal-metall	oġġetti kapitali
25.3 Manifattura ta' ġeneraturi tal-fwar, għajr bojlers tal-misħun tat-tisħin ċentrali	oġġetti kapitali
25.4 Manifattura ta' armi u munizzjon	oġġetti kapitali
26.2 Manifattura ta' kompjuters u tagħmir periferali	oġġetti kapitali
26.3 Manifattura ta' tagħmir tal-komunikazzjoni	oġġetti kapitali
26.5 Manifattura ta' strumenti u għodod għall-kejl, l-ittestjar u n-navigar; arloġġi tal-idejn u arloġġi oħra	oġġetti kapitali
26.6 Manifattura ta' tagħmir ta' irradjazzjoni, elettromediku u elettroterapewtiku	oġġetti kapitali
28 Manifattura ta' makkinarju u tagħmir mhux ikklassifikat band'oħra.	oġġetti kapitali

Deskrizzjoni tal-NACE	Klassifika aggregata
29 Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers	oġġetti kapitali
30.1 Bini ta' bastimenti u dgħajjes	oġġetti kapitali
30.2 Manifattura ta' lokomottivi tal-ferrovija u materjal ċirkulanti	oġġetti kapitali
30.3 Manifattura ta' inġenji tal-ajru u tal-ispazju u makkinarju relatat	oġġetti kapitali
30.4 Manifattura ta' vetturi tal-ġlied militari	oġġetti kapitali
32.5 Manifattura ta' strumenti u provvisti mediċi u tad-dentistrija	oġġetti kapitali
33 Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir	oġġetti kapitali
26.4 Manifattura ta' Prodotti elettroniċi ta' konsum	Prodotti Dewwiema
26.7 Manifattura ta' strumenti ottiċi u tagħmir fotografiku	Oġġetti tal-konsum durabbli
27.5 Manifattura ta' apparat domestiku	Oġġetti tal-konsum durabbli
30.9 Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport mhux ikklassifikat band'oħra.	Oġġetti tal-konsum durabbli
31 Manifattura tal-għamara	Oġġetti tal-konsum durabbli
32.1 Manifattura ta' ġojjellerija, ta' bigotterija u ta' oġġetti relatati	Oġġetti tal-konsum durabbli
32.2 Manifattura ta' strumenti mużikali	Oġġetti tal-konsum durabbli
10.1 Ipproċessar u ppreservar ta' laħam u ta' prodotti tal-laħam	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
10.2 Ipproċessar u ppreservar ta' ħut, ta' krustaċji u ta' molluski	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
10.3 - Ipproċessar u preservazzjoni ta' frott u ta' ħxejjex	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
10.4 Manifattura ta' żjut u ta' xaħmijiet mill-ħxejjex u mill-annimali	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
10.5 Manifattura ta' prodotti tal-ħalib	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
10.7 Manifattura ta' prodotti tal-furnara u magħmula bid-diq	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
10.8 Manifattura ta' prodotti oħra tal-ikel	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
11 Manifattura ta' xorb	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
12 Manifattura ta' prodotti tat-tabakk	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
13.9 Manifattura ta' tessuti oħrajn	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
14 Manifattura tal-ħwejjeġ	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
15 Manifattura ta' prodotti tal-ġilda u prodotti relatati	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
18 Stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli

Deskrizzjoni tal-NACE	Klassifika aggregata
20.4 Manifattura ta' sapun u deterġenti, ta' preparazzjonijiet tat-tindif u tal-illustrar, ta' fwejjaħ u ta' preparazzjonijiet tat-twaletta	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
21 Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u ta' preparazzjonijiet farmaċewtiċi	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
32.3 Manifattura ta' oġġetti tal-isport	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
32.4 Manifattura ta' loġhob u ta' ġugarelli	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli
32.9 Manifattura mhux ikklassifikata band'oħra.	Oġġetti tal-konsum mhux durabbli

2. Nuqqas ta' disponibbiltà ta' data fil-livell tal-Grupp tal-NACE

L-Istati Membri li ma jikkalkolawx id-data statistika koperta bir-Regolament (UE) 2019/2152 fil-livell ta' dettall tal-Gruppi tal-NACE jitħallew jikkalkolaw il-ponderazzjonijiet nazzjonali għall-Gruppi f'Diviżjoni sabiex iqassmu d-data bbażata fuq id-Diviżjoni fi Gruppi.

L-Istati Membri li japplikaw l-allokkazzjoni għall-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGS) b'mod parzjali jew totali abbażi tad-Diviżjonijiet tal-NACE għandhom jinformat lill-Eurostat dwar il-ponderazzjonijiet użati għall-qsim fi Gruppi tal-NACE.

B. Aggregati speċjali tal-kodiċi tal-NACE

Aggregat speċjali	Komponenti tal-NACE
Industrija, kostruzzjoni u servizzi (minbarra amministrazzjoni pubblika, difiża, sigurtà soċjali obbligatorja, attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali)	B+C+D+E+F+G+H+I+J+K+L+M+N+P+Q+R+S tal-NACE
Industrija, kostruzzjoni u servizzi (minbarra amministrazzjoni pubblika, difiża, sigurtà soċjali obbligatorja, attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija, attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali)	B+C+D+E+F+G+H+I+J+K+L+M+N+P+Q+R+95 + 96 tal-NACE
Ekonomija tan-negozju	B+C+D+E+F+G+H+I+J+K+L+M+N+95 tal-NACE
Ekonomija tan-negozju mhux finanzjarju	B+C+D+E+F+G+H+I+J+L+M+N+95 tal-NACE
Industrija u kostruzzjoni	B+C+D+E+F tal-NACE
Industrija	B+C+D+E tal-NACE
Total tal-ICT	C261+C262+C263+C264+C268+G465+J582+J61+J62+J63.1+S951 tal-NACE = manifattura tal-ICT + servizzi tal-ICT
Manifattura tal-ICT	C261+C262+C263+C264+C268 tal-NACE
Servizzi tal-ICT	G465+J582+J61+J62+J631+S951 tal-NACE
Settur tal-informazzjoni	J581+J591+J592+J60+J639 tal-NACE
Servizzi relatati mal-kompjuters	J582+J62+J631 tal-NACE
Manifattura ta' teknoloġija avvanzata u medja sa avvanzata	C20+C21+C254+C26+C27+C28+C29+C30-C301+C325 tal-NACE

Aggregat speċjali	Komponenti tal-NACE
Manifattura ta' teknoloġija avvanzata	C21+C26+C303 tal-NACE
Manifattura ta' teknoloġija medja sa avvanzata	C20+C254+C27+C28+C29+C30-C301-C303+C325 tal-NACE
Manifattura ta' teknoloġija baxxa u medja sa baxxa	C10+C11+C12+C13+C14+C15+C16+C17+C18+C19+C22+C23+C24+C25-C254+C301+C31+C32-C325+C33 tal-NACE
Manifattura ta' teknoloġija medja sa baxxa	C182+C19+C22+C23+C24+C25-C254+C301+C33 tal-NACE
Manifattura ta' teknoloġija baxxa	C10+C11+C12+C13+C14+C15+C16+C17+C18-C182+C31+C32-C325 tal-NACE
Servizzi	G+H+I+J+K+L+M+N+O+P+Q+R+S+T+U
Servizzi (minbarra amministrazzjoni pubblika, difiża, sigurtà soċjali obbligatorja, attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali)	G+H+I+J+K+L+M+N+P+Q+R+S
Servizzi (minbarra amministrazzjoni pubblika, difiża, sigurtà soċjali obbligatorja, attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' shubbija, unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali)	G+H+I+J+K+L+M+N+P+Q+R+95 + 96
Total tas-servizzi b'għarfien intensiv	H50+H51+J58+J59+J60+J61+J62+J63+K64+K65+K66+M69+M70+M71+M72+M73+M74+M75+N78+N80+O84+P85+Q86+Q87+Q88+R90+R91+R92+R93 tal-NACE
Servizzi ta' teknoloġija avvanzata b'għarfien intensiv	J59+J60+J61+J62+J63+M72 tal-NACE
Servizzi tas-suq b'għarfien intensiv	H50+H51+M69+M70+M71+M73+M74+N78+N80 tal-NACE
Servizzi finanzjarji b'għarfien intensiv	K64+K65+K66 tal-NACE
Servizzi oħrajn b'għarfien intensiv	J58+M75+O84+P85+Q86+Q87+Q88+R90+R91+R92+R93 tal-NACE
Attivitajiet b'għarfien intensiv – Industrij tan-negozju	B09+C19+C21+C26+H51+J58+J59+J60+J61+J62+J63+K64+K65+K66+M69+M70+M71+M72+M73+M74+M75+N78+N79+R90 tal-NACE
Attivitajiet b'għarfien intensiv	B09+C19+C21+C26+H51+J58+J59+J60+J61+J62+J63+K64+K65+K66+M69+M70+M71+M72+M73+M74+M75+N78+N79+O84+P85+P86+R90+R91+S94+U99 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu (total)	H491+H4932+H4939+H501+H503+H511+I551+I552+I553+I561+I563+N771+N7721+N79 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu (primarjament turiżmu)	H511+I551+I552+I553+N791 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu (parzjalment turiżmu)	H491+H4932+H4939+H501+H503+I561+I563+N771+N7721+N799 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu - Trasport (total)	H491+H4932+H4939+H501+H503+H511 tal-NACE

Aggregat speċjali	Komponenti tal-NACE
Industriji tat-turiżmu - Trasport fuq l-art	H491+H4932+H4939 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu - Trasport fuq l-ilma	H501+H503 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu - Akkomodazzjoni (kamp ta' applikazzjoni tar-Reg 692/2011)	I551+I552+I553 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu - Ikel u xorb (total)	I561+I563 tal-NACE
Industriji tat-turiżmu - Kiri ta' karozzi u kiri ieħor (total)	N771+N7721 tal-NACE
Setturi kulturali u kreattivi – total	C18 + C3212 + C322 + G4761 + G4762 + G4763 + J5811 + J5813 + J5814 + J5821 + J59 + J60 + J6391 + M7111 + M741 + M742 + M743 + N7722 + P8552 + R90 + R91 tal-NACE
Setturi kulturali u kreattivi – servizzi	J5811 + J5813 + J5814 + J5821 + J59 + J60 + J6391 + M7111 + M741 + M742 + M743 + N7722 + P8552 + R90 + R91 tal-NACE
Attivitajiet minbarra l-industrija u l-kummerċ	A+F+H+I+J+K+L+M+N+O+P+Q+R+S+T+U tal-NACE

C. Aggregati speċjali tal-kodiċijiet tas-CPA

Aggregat speċjali	Kodiċijiet tas-CPA
Prodotti oħra tas-CPA	CPA 41 sa 99

ANNEX III

Simplifikazzjonijiet**A. EŻENZJONIJIET FUQ IL-PROVVISTA TA' DATA ABBAŻI TAD-DAQS EKONOMIKU TAL-PAJJIŻ****1. Regola ta' 1 %**

Ir-regola ta' 1 % tikkonċerna varjabbli speċifiċi indikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Mhuwiex meħtieġ li jiġu kkompilati dawk il-varjabbli jekk il-kontribuzzjoni tal-Istat Membru għal indikatur relatat (eż. valur miżjud, fatturat jew numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), jew il-volum totali ta' servizzi (importazzjonijiet flimkien ma' esportazzjonijiet ta' servizzi) f'attività speċifika (NACE), fid-disaggregazzjoni skont il-kategorija jew skont il-prodott (CPA) tal-EBOPS 2010, tkun anqas minn 1 % tat-total tal-UE. L-indikatur relatat u l-livell tal-attività (NACE), id-disaggregazzjoni tal-EBOPS 2010 jew id-disaggregazzjoni skont il-prodott (CPA) huma speċifikati fl-Anness I.

2. Regoli għar-raggruppar ta' pajjiżi f'pajjiżi żgħar, medji u kbar

Skont id-daqs tal-pajjiż, ċerti statistiki għall-varjabbli kif speċifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ma għandhomx għalfejn jiġu pprovduti affattu jew għandhom jiġu pprovduti anqas ta' spiss jew b'data ta' skadenza għat-trażmissjoni tad-data aktar tard minn pajjiżi żgħar u medji.

1. Il-varjabbli li għandu jintuża għar-raggruppar tal-Istati Membri fi klassijiet tad-daqs huwa l-valur miżjud;
2. Għandhom jintużaw żewġ livelli limitu – stabbiliti għal 1 % u għal 4 % rispettivament - sabiex issir distinzjoni bejn Stati Membri żgħar, medji u kbar;
3. Ir-raggruppament kumplessiv tal-Istati Membri għandu jsir fuq il-bażi tas-sehem tagħhom mill-valur miżjud tal-UE tat-Taqsimiet B sa N tal-NACE (eskluża t-Taqsima K).

Klawżola ta' salvagwardja: jekk is-sehem ta' pajjiż mill-valur miżjud tal-UE f'wieħed mill-aggregati tat-Taqsimiet tal-NACE jew definiti li ġejjin jikkorrispondu għal dak ta' kategorija iżgħar (anqas mill-kategorija tad-daqs li tirriżulta mir-raggruppament kumplessiv), ir-rekwiżiti tad-data għal dak il-pajjiż għandhom jikkorrispondu għal dawk tal-kategorija tad-daqs iżgħar għat-Taqsima (jew għat-Taqsimiet) inkwistjoni. Dan jista' japplika għat-Taqsimiet C ("Manifattura"), F ("Kostruzzjoni"), G ("Kummerċ") tal-NACE, u għall-aggregat tat-Taqsimiet H sa N (minbarra K, "Servizzi").

4. Ir-raggruppament tal-Istati Membri jsir fuq il-bażi tad-data għas-sena bażi u mbagħad ikun applikabbli għal 5 snin konsekuttivi.

B. POSSIBILITÀ LI TIĠI PPROVDUTA DATA LI MA TKUNX SE TIĠI PPUBBLIKATA FIL-LIVELL NAZZJONALI U LI SE TINTUŻA GĦALL-KALKOLU TAT-TOTALI EWROPEJ BISS: KONTRIBUZZJONI GĦAT-TOTALI EWROPEJ BISS (CETO)

Sabiex jitnaqqsu l-piż fuq in-negozji u l-kostijiet għall-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, l-Istati Membri jistgħu jimmarkaw id-data għall-użu bħala kontribuzzjoni għat-totali Ewropej biss (CETO) għal xi varjabbli kif speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. L-Eurostat m'għandux jippubblika dik id-data, u l-Istati Membri lanqas m'għandhom jimmarkaw data ppubblikata nazzjonalment b'marka tas-CETO. In-numru ta' statistiki li jistgħu jiġu mmarkati b'marka tas-CETO minn Stat Membru jvarja bejn il-pajjiżi żgħar, ta' daqs medju u kbar:

1. Il-varjabbli li għandu jintuża għar-raggruppar tal-Istati Membri fi klassijiet tad-daqs huwa l-valur miżjud ħlief għal:

- varjabbli 251001 (Produzzjoni mibjugħa), 251002 (Produzzjoni taħt operazzjonijiet sottokuntrattati) u 251003 (Produzzjoni attwali) fejn il-varjabbli li għandu jintuża għar-raggruppament huwa l-produzzjoni mibjugħa;
- Varjabbli 460101 (importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi), 460201 (esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi), 240401 (Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi), 251101 (Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi), fejn il-varjabbli li għandu jintuża huwa l-volum totali tal-kummerċ fis-servizzi - esportazzjonijiet flimkien mal-importazzjonijiet ta' servizzi, innegozjati bejn residenti u mhux residenti - espressi bħala s-somma tal-varjabbli 240401 (Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi) u 251101 (Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi).

2. Għandhom jintużaw żewġ livelli limitu – stabbiliti għal 1 % u għal 10 % rispettivament - sabiex issir distinzjoni bejn Stati Membri żgħar, medji u kbar ħlief għall-fatturi varjabbli 251001 (Produzzjoni mibjugħa), 251002 (Produzzjoni taħt operazzjonijiet sottokuntrattati), 251003 (Produzzjoni attwali), 460101 (importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi), 460201 (esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi), 240401 (Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi) u 251101 (Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi) fejn il-livelli limitu huma stabbiliti għal 1 % u għal 4 %.

3. Ir-raggruppament kumplessiv tal-Istati Membri għandu jsir fuq il-bażi tas-sehem tagħhom mill-valur miżjud tal-UE tat-Taqsimiet B sa R u tad-Diviżjonijiet 95 u 96 tal-NACE (eskluża t-Taqsima O) ħlief għal:
- varjabbli 251001 (Produzzjoni mibjugħa), 251002 (Produzzjoni taħt operazzjonijiet sottokuntrattati) u 251003 (Produzzjoni attwali) fejn ir-raggruppament għandu jsir fuq il-bażi tas-sehem tagħhom mill-produzzjoni mibjugħa tal-UE tad-diviżjonijiet tas-CPA (05 sa 33) taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-lista PRODCOM.
 - Varjabbli 460101 (importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi), 460201 (esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi), 240401 (Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi) u 251101 (Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi), fejn ir-raggruppament għandu jsir fuq il-bażi tas-sehem tagħhom mill-volum totali tal-kummerċ fis-servizzi (esportazzjonijiet flimkien mal-importazzjonijiet ta' servizzi, innegozjati bejn residenti u mhux residenti - espressi bħala s-somma tal-varjabbli 240401 (Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi) u 251101 (Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi))
4. In-numru ta' statistiki li jistgħu jiġu mmarkati b'marka tas-CETO għall-varjabbli kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament:
- (a) Għall-pajjiżi ż-żgħar: id-*data* kollha fil-livell tal-klassijiet tal-NACE u mhux aktar minn 25 % tad-*data* fil-livell tal-gruppi tal-NACE għad-disaggregazzjoni skont l-attività; id-*data* kollha fil-livell tal-gruppi tal-NACE għajr għat-total tal-klassijiet tad-daqs kollha għad-disaggregazzjonijiet ikkombinati skont l-attività u l-klassi tad-daqs; mhux aktar minn 20 % tad-*data* fil-livell tal-intestaturi individwali tal-PRODCOM.
 - (b) Għall-pajjiżi ta' daqs medju: mhux aktar minn 25 % tad-*data* fil-livell tal-klassijiet tal-NACE għad-disaggregazzjoni skont l-attività, mhux aktar minn 25 % tad-*data* fil-livell tal-gruppi tal-NACE, ħlief għat-total tal-klassijiet tad-daqs kollha għad-disaggregazzjonijiet ikkombinati skont l-attività u l-klassi tad-daqs għad-disaggregazzjoni skont il-klassi tad-daqs fil-livell tal-gruppi tal-NACE; mhux aktar minn 15 % tad-*data* għall-intestaturi individwali tal-PRODCOM. Barra minn hekk, jekk, fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-Istati Membri, is-sehem ta' klassi tal-NACE Rev. 2 jew ta' klassi tad-daqs tal-grupp tal-NACE Rev. 2 ikun anqas minn 0.1 % tal-ekonomija tan-negozju tal-Istat Membru kkonċernat jew anqas minn 0.1 % tat-total fuq l-intestaturi individwali kollha tal-PRODCOM, dik id-*data* tista' tintbagħat ukoll bħala b'marka tas-CETO.
 - (c) Għall-pajjiżi l-kbar: mhux aktar minn 15 % tad-*data* fil-livell tal-klassijiet tal-NACE għad-disaggregazzjoni skont l-attività, mhux aktar minn 15 % tad-*data* fil-livell tal-gruppi tal-NACE, ħlief għat-total tal-klassijiet tad-daqs kollha għad-disaggregazzjonijiet ikkombinati skont l-attività u l-klassi tad-daqs għad-disaggregazzjoni skont il-klassi tad-daqs fil-livell tal-gruppi tal-NACE; mhux aktar minn 10 % tad-*data* fl-intestaturi jew għall-intestaturi individwali tal-PRODCOM.
 - (d) Għall-varjabbli 460101 (importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi), 460201 (esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi), 240401 (Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi) u 251101 (Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi), - għall-pajjiżi ż-żgħar: mhux aktar minn 40 % tad-*data* tal-Istati Membri tista' tiġi mmarkata b'marka tas-CETO; għall-pajjiżi ta' daqs medju: mhux aktar minn 15 % u għall-pajjiżi l-kbar: mhux aktar minn 10 %.

C. SKEMI TA' KAMPJUNI EWROPEJ

Skemi ta' kampjuni Ewropej jistgħu jillimitaw l-ambitu tad-*data* li għandha tiġi trażmessa meta tiġi kkompilata statistika għall-varjabbli kif speċifikat fl-Anness I għar-Regolament sabiex jitnaqqsu l-kostijiet għas-sistemi nazzjonali tal-istatistika, sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu r-rekwiżiti Ewropej tad-*data* u sabiex il-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tipproduċi stimi Ewropej kredibbli għall-indikaturi kkonċernati.

L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema ta' kampjuni Ewropea msemmija hawn fuq għandhom jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) tal-anqas għall-attivitàjiet tal-NACE u għall-prodotti tas-CPA speċifikati skont il-proċedura li ġejja:

1. Ir-rapportar huwa limitat fkull pajjiż għal dawg l-attivitàjiet jew prodotti, li l-ponderazzjoni totali tagħhom tkun ugħwali għal minn 0.05 % jew aktar tal-ponderazzjoni totali (l-industrija totali taż-żona tal-euro) tal-indikatur matul is-sena bażi preċedenti.
2. L-obbligati ta' rapportar jiġu aġġornati bl-istess frekwenza mal-aġġornament tal-ponderazzjonijiet Ewropej għas-sena bażi l-ġdida, fuq il-bażi tal-ponderazzjonijiet matul is-sena bażi preċedenti.
3. L-ewwel perjodu ta' referenza għall-intestaturi l-ġodda ma għandux ikun aktar tard mill-bidu tas-sena bażi l-ġdida b'effett mill-introduzzjoni tas-sena bażi ta' tliet snin wara.
4. L-aġġornament tal-iskemi ta' kampjunar Ewropej fuq dawn il-linji ma jeħtieġx att legali speċifiku.

It-termini tal-iskemi ta' kampjuni Ewropej stabbiliti jistgħu jiġu adattati għat-tibdiliet fis-sena bażi jew fis-sistema ta' klassifikazzjoni jew għal tibdiliet strutturali importanti fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni Ewropea.

Kull membru ġdid taż-żona tal-euro jew tal-Unjoni Ewropea jista' jidħol fi kwalunkwe waħda mill-iskemi ta' kampjuni Ewropej malli jidħol fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, għandha tispeċifika l-attivitajiet tal-NACE u l-prodotti tas-CPA li għalihom id-*data* għandha tiġi trażmessa skont il-proċedura ta' hawn fuq, sabiex dak l-Istat Membru jikkonforma mar-Regolament (UE) 2019/2152 fil-qafas tal-iskemi ta' kampjuni Ewropej.

D. EŻENZJONIJIET FUQ IL-PROVVISTA TA' DATA ABBAŻI TAD-DAQS EKONOMIKU TAL-ATTIVITÀ FIL-PAJJIŻ.

Ir-rapportar huwa limitat f'kull Stat Membru għal dawk l-attivitajiet jew prodotti, li l-ponderazzjoni tagħhom tkun ugwali għal minn 0.05 % jew aktar tal-ponderazzjoni totali tal-indikatur fl-Istat Membru matul is-sena bażi kurrenti (tista' tiġi applikata s-sena bażi ta' qabel jekk id-*data* tas-sena bażi kurrenti ma tkunx disponibbli) sakemm ma tiġix applikata l-iskema ta' kampjunar Ewropea.

E. TUL TAS-SERJE KRONOLOĠIKA TAL-STS GĦAL STATI MEMBRI ĠODDA TAL-UNJONI EWROPEA

Kull Stat Membru ġdid tal-Unjoni Ewropea għandu jipprovdi serje kronoloġika tal-anqas mit-tieni l-aħħar tibdil fis-sena bażi, li tkopri l-perjodu bejn l-aħħar tibdil tas-sena bażi u s-sena bażi ta' qabel, jekk ma tkunx disponibbli serje kronoloġika sħiħa skont it-tabelli tad-*data*.

ANNEX IV

Definizzjonijiet ta' kunċetti u ta' varjabbli**I. KUNĊETTI****Unitajiet statistiċi residenti**

Unitajiet statistiċi li huma unitajiet residenti ta' pajjiż f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 549/2013 ⁽¹⁾.

Territorju ekonomiku

It-territorju ekonomiku jinkludi l-punti li ġejjin:

- (a) iż-żona (it-territorju ġeografiku) li taqa' taħt l-amministrazzjoni effettiva u l-kontroll ekonomiku ta' gvern uniku;
- (b) iż-żoni ħielsa kollha, inklużi l-imħażen doganali u l-fabbriki taħt il-kontroll tad-dwana;
- (c) l-isparju tal-ajru nazzjonali, l-ibħra territorjali u l-pjattaforma kontinentali li tinsab fl-ibħra internazzjonali, li għaliha l-pajjiż igawdi minn drittijiet esklużivi;
- (d) żoni territorjali, fejn dawn ikunu territorji ġeografiċi li jinsabu fil-bqija tal-dinja u użati, skont trattati jew ftehim internazzjonali bejn l-Istati, minn aġenziji ġenerali tal-gvern tal-pajjiż (bħal ambaxxati, konsulati, bażijiet militari, bażijiet xjentifiċi, eċċ.);
- (e) depożiti ta' żejt, gass naturali, eċċ. fibhra internazzjonali lil hinn mill-pjattaforma kontinentali tal-pajjiż, imħaddma minn unitajiet residenti fit-territorju kif definit fil-punti (a) sa (d).

It-territorju ekonomiku jeskludi l-punti li ġejjin:

— enklavi extraterritorjali (jiġifieri l-partijiet tat-territorju ġeografiku tal-pajjiż stess użati minn aġenziji tal-gvern ġenerali ta' pajjiżi oħra, mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni Ewropea jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali skont trattati jew ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati).

Suq domestiku u mhux domestiku

Id-differenza bejn is-swieq domestiċi u mhux domestiċi għandha tiġi interpretata għall-fini ta' statistiki tan-negozju fuq żmien qasir skont it-territorju ekonomiku tal-Istati Membri.

II. VARJABBLI**A. POPOLAZZJONI TAN-NEGOZJU****1) Varjabbli 110101: Reġistrazzjonijiet**

In-numru ta' unitajiet legali mdaħħla fir-reġistru tar-reġistrazzjonijiet fi kwalunkwe żmien matul it-trimestru ta' referenza q, skont il-proċedura amministrattiva jew legali rispettiva.

2) Varjabbli 110102: Fallimenti

In-numru ta' unitajiet legali li jkunu bdew il-proċedura sabiex jiġu ddikjarati falluti, billi tinħareġ dikjarazzjoni tal-qorti, fi kwalunkwe żmien matul it-trimestru ta' referenza q (li ħafna drabi tkun proviżorja u mhux dejjem tfixxer waqfien ta' attività).

3) Varjabbli 210101: Numru ta' intrapriżi attivi

In-Numru ta' intrapriżi attivi huwa n-numru tal-unitajiet statistiċi kollha li fi kwalunkwe żmien matul il-perjodu ta' referenza kienu "intrapriżi", kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 ⁽²⁾, u li kienu attivi wkoll matul l-istess perjodu ta' referenza.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1)

Unità statistika titqies li kienet attiva matul il-perjodu ta' referenza, jekk f'dan il-perjodu hija jkollha fatturat nett pożittiv jew tkun ipproduċiet outputs jew kellha impjegati jew tkun għamlet investimenti.

4) Varjabbli 210102: Numru ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

Numru ta' intrapriżi li kellhom tal-anqas impjegat wieħed fi kwalunkwe żmien matul perjodu ta' referenza partikolari t.

5) Varjabbli 210103: Numru ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir

Numru ta' intrapriżi, li kellhom tal-anqas 10 impjegati ft – 3, bi tkabbir annwalizzat medju fin-numru ta' impjegati akbar minn 10 % fis-sena, fuq perjodu ta' tliet snin (t – 3 sa t). Ma jinkludix intrapriżi, kif definiti fil-varjabbli 210201 "twelid ta' intrapriżi", ft – 3.

6) Varjabbli 210104: Numru ta' intrapriżi ġodda b'rata għolja ta' tkabbir

Intrapriżi ġodda b'rata għolja ta' tkabbir (gazelles) bħala subsett tal-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet addizzjonali li huma kienu intrapriżi, kif definiti fil-varjabbli 210201 "twelid ta' intrapriżi", ft – 4 jew ft – 5.

7) Varjabbli 210201: Twelid ta' intrapriżi

Għadd tan-numru ta' twelid ta' intrapriżi rreġistrati fil-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkoreġut mill-iżbalji. Twelid ifisser il-ħolqien ta' taħlita ta' fatturi ta' produzzjoni bir-restrizzjoni li ebda intrapriża oħra ma tkun involuta fl-avveniment. Twelid ma jinkludix dħul fil-popolazzjoni minħabba amalgamazzjonijiet, frid, separazzjoni jew ristrutturar ta' sett ta' intrapriżi. Ma jinkludix dħul f'subpopolazzjoni li jirriżulta biss minn tibdil fl-attività.

8) Varjabbli 210202: Imwiet ta' intrapriżi

Għadd tan-numru ta' mwiet ta' intrapriżi rreġistrati fil-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkoreġut mill-iżbalji. Mewt ifisser id-dissoluzzjoni ta' taħlita ta' fatturi ta' produzzjoni bir-restrizzjoni li ebda intrapriża oħra ma tkun involuta fl-avveniment. Imwiet ma jinkludix ħruġ mill-popolazzjoni minħabba amalgamazzjonijiet, akkwizzjonijiet, frid jew ristrutturar ta' sett ta' intrapriżi. Ma jinkludix ħruġ minn subpopolazzjoni li jirriżulta biss minn tibdil fl-attività.

9) Varjabbli 210203: Sopravivenzi ta' intrapriżi

Is-sopravivenza ta' intrapriża sseħħ jekk intrapriża tkun attiva fis-sena tat-twelid (t – 1 sa t – 5) u s-sena/snin ta' wara. Tista' ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' sopravivenza:

Intrapriża li twieldet fis-sena t – 1 titqies sopravissuta fis-sena t jekk tkun attiva fi kwalunkwe parti tas-sena t (= sopravivenza mingħajr tibdil).

Intrapriża titqies sopravissuta wkoll jekk l-unità(jiet) legali marbuta magħha ma tibqax attiva, iżda l-attività tagħha tkun ittieħdet taħt kontroll minn unità legali ġdida mwaqqfa speċifikament sabiex tieħu kontroll tal-fatturi ta' produzzjoni ta' dik l-intrapriża (= sopravivenza b'akkwizzizzjoni).

10) Varjabbli 210204: Intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat

Numru ta' intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat fi kwalunkwe żmien matul perjodu ta' referenza partikolari t. Dan jista' jikkonċerna t-twelid ta' intrapriżi kif definiti għall-varjabbli 210201, iżda wkoll intrapriżi kif definiti għall-varjabbli 210101 jekk l-intrapriżi diġà jkunu attivi f'perjodi ta' referenza preċedenti, iżda ma jkollhom l-ebda impjegat f'żewġ perjodi ta' referenza preċedenti.

11) Varjabbli 210205: Intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati

Numru ta' intrapriżi li ma jibqax ikollhom aktar impjegati fi kwalunkwe żmien f'perjodu ta' referenza partikolari t u li tal-anqas kellhom impjegat wieħed f'perjodu ta' żmien qabel f'perjodu ta' referenza partikolari t. Dan jista' jikkonċerna mwiet ta' intrapriżi kif definiti għall-varjabbli 210202, b'tal-anqas impjegat wieħed, iżda wkoll intrapriżi kif definiti għall-varjabbli 210102 jekk l-intrapriżi jibqgħu attivi, iżda li ma jibqax ikollhom aktar impjegati minn kwalunkwe żmien f'perjodu ta' referenza partikolari t u ż-żewġ perjodi ta' referenza li ġejjin: t + 1 u t + 2. L-istess japplika jekk il-kuntratt ta' impjeg tal-aħħar impjegat jintemm ft fil-31 ta' Diċembru.

12) Varjabbli 210206: Sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

Numru ta' intrapriżi li kellhom tal-anqas impjegat wieħed fi kwalunkwe żmien f'kull sena sa minn dik is-sena meta kellhom l-ewwel impjegat ($t - 1$ sa $t - 5$) sa perjodu ta' referenza partikolari t. Il-“popolazzjoni ta' intrapriżi li għandhom l-ewwel impjegat ft” hija definita bħal fil-każ tal-varjabbli 210204. Intrapriża titqies sopravissuta wkoll jekk l-unità (jiet) legali marbuta magħha ma tibqax attiva, iżda l-attività tagħha tkun ittieħdet taħt kontroll minn unità legali ġdida mwaqfa speċifikament sabiex tieħu kontroll tal-fatturi ta' produzzjoni ta' dik l-intrapriża (= sopravivenza b'akkwizzizzjoni).

13) Varjabbli 210301: Numru ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż

Fl-istatistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi, intrapriża kkontrollata minn barra l-pajjiż għandha tfisser intrapriża residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni li fuqha jkollha kontroll unità istituzzjonali li jkollha l-kontroll aħħari li ma tkunx residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni. Intrapriżi għandhom ifissru intrapriżi attivi kif definiti għall-varjabbli 210101 taħt A3.

Kontroll għandu jfisser l-abbiltà ta' determinazzjoni tal-politika ġenerali ta' intrapriża, pereżempju billi jintgħażlu diretturi xierqa, jekk meħtieġ. F'dan il-kuntest, intrapriża A titqies li tkun ikkontrollata minn unità istituzzjonali B meta B tikkontrolla, direttament jew indirettament, aktar minn nofs il-poter tal-vot tal-azzjonisti, jew tassigura b'mezzi oħra l-kontroll fuq A.

Kontroll minn barra l-pajjiż għandu jfisser li l-unità istituzzjonali li jkollha l-kontroll aħħari tkun residenti f'pajjiż differenti minn dak fejn tkun residenti l-unità istituzzjonali li jkollha kontroll fuqha.

Ferġat għandhom ifissru unitajiet lokali ta' intrapriżi barranin li ma jikkostitwixxux entitajiet ġuridiċi separati. Dawn jiġu trattati bħala intrapriżi kważi korporattivi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 u għandhom jitqiesu bħala intrapriżi għall-finijiet tal-istatistika tal-affiljati barranin.

Unità istituzzjonali ta' affiljat li jkollha l-kontroll aħħari għandha tfisser l-unità istituzzjonali, li tipproċedi 'l fuq f'katina ta' kontroll ta' affiljat, li ma tkunx ikkontrollata minn unità istituzzjonali oħra.

Affiljat barrani għandu jfisser intrapriża residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni li fuqha jkollha l-kontroll aħħari unità istituzzjonali mhux residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni, jew intrapriża mhux residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni li fuqha unità istituzzjonali residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni jkollha l-kontroll aħħari.

Il-pajjiż li jkollu l-kontroll aħħari għandu jfisser il-pajjiż ta' residenza tal-unità istituzzjonali li jkollha l-kontroll aħħari, jew il-grupp ta' unitajiet li jaġixxu flimkien.

L-unità istituzzjonali u l-unità lokali t-tnejn għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fir-Regolament (KEE) Nru 696/93.

L-istatistika inward dwar l-affiljati barranin għandha tfisser statistika li tiddekrivi l-attività ta' affiljati barranin residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni.

14) Varjabbli 210401: Numru ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u affiljati domestiċi

Intrapriża kkontrollata minn barra l-pajjiż għandha tfisser unità istituzzjonali residenti li jkollha l-kontroll aħħari li jkollha tal-anqas affiljat barrani wieħed u li tkun intrapriża attiva kif definita għall-varjabbli 210101 taħt A3. Unità istituzzjonali li jkollha l-kontroll u li jkollha l-kontroll aħħari (UCI) għanda tfisser kif definita għal intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż.

Affiljat domestiku għandu jfisser intrapriża residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni li fuqha jkollha l-kontroll UCI residenti fl-istess pajjiż tal-kumpilazzjoni. Intrapriża u ferġa għandhom ifissru kif definiti għal intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż.

Fl-istatistika tan-negozju fuq livell nazzjonali, l-istatistika outward dwar l-affiljati barranin għandha tfisser statistika li tiddekrivi l-attività ta' affiljati domestiċi ta' kull unità istituzzjonali residenti li jkollha l-kontroll aħħari li tal-anqas ikollha affiljat barrani wieħed u l-attività tal-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni.

15) Varjabbli 310101: Numru ta' unitajiet lokali

Għadd tan-numru ta' unitajiet lokali kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 696/93 irreġistrati għall-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkorreġut mill-iżbalji, b'mod partikolari żbalji tal-qafas. L-unitajiet lokali jridu jkunu inklużi anke jekk ma jkollhomx impjegati li jitħallsu paga. Jenħtieġ li din l-istatistika tinkludi l-attivitàjiet attivi kollha matul tal-anqas parti mill-perjodu ta' referenza.

16) Varjabbli 310102: Numru ta' intrapriżi attivi

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210101 taħt A3.

17) Varjabbli 310103: Numru ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210102 taħt A4.

18) Varjabbli 310104: Numru ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210103 taħt A5.

19) Varjabbli 310201: Twelid ta' intrapriżi

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210201 taħt A7.

20) Varjabbli 310202: Imwiet ta' intrapriżi

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210202 taħt A8.

21) Varjabbli 310203: Sopravivenzi ta' intrapriżi (sopravivenza ta' tliet snin kalendarji biss)

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210203 taħt A9.

22) Varjabbli 310204: Intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210204 taħt A10.

23) Varjabbli 310205: Intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210205 taħt A11.

24) Varjabbli 310206: Sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 210206 taħt A12.

25) Varjabbli 410101: Numru ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur

Intrapriża barra mill-pajjiż taħt il-kontroll aħħari ta' unità istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur għandha tfisser intrapriża li mhijet residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni taħt il-kontroll aħħari ta' unità istituzzjonali residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni. Unità istituzzjonali, intrapriża u fergħa li jkollhom il-kontroll u li jkollha l-kontroll aħħari (UCI) għandhom ifissru kif definiti għal intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż.

Fl-istatistika dwar attivitajiet internazzjonali, l-istatistika outward dwar l-affiljati barranin għandha tfisser statistika li tiddekrivi l-attività ta' affiljati barranin barra mill-pajjiż taħt il-kontroll aħħari ta' unità istituzzjonali residenti fil-pajjiż tal-kumpilazzjoni.

B. INPUTS LAVORATTIVI**1) Varjabbli 120101: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom**

In-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom huwa s-somma tan-Numru ta' impjegati u tan-Numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom. In-“Numru ta' impjegati” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5. In-numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom huwa n-numru medju ta' persuni li fxi żmien matul il-perjodu ta' referenza kienu s-sidien uniċi jew is-sidien konġunti tal-unità statistika li jaħdmu fiha. Huma inklużi wkoll il-ħaddiema tal-familja u t-teleħaddiema li l-introjtu tagħhom huwa funzjoni tal-valur tal-output tal-unità statistika.

2) Varjabbli 120201: Sigħat maħduma mill-impjegati

It-total ta' sigħat maħduma mill-impjegati jirrappreżenta n-numru ta' sigħat fil-fatt maħduma mill-impjegati, għall-output tal-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza.

Huwa inkluż il-ħin imqatta' f'xogħol kontigwu, li jikkontribwixxi b'mod indirett għall-output (eż. l-ippjanar, it-tħejjija, l-amministrazzjoni u l-bqija), kif ukoll il-ħin imqatta' mingħajr xogħol propju, iżda li jitqies u jiġi remunerat bħala tali mill-unità statistika (eż. waqfiet qosra, interruzzjonijiet qosra minħabba tnaqqis fir-ritmu tal-produzzjoni, taħriġ u l-bqija).

Il-ħin imqatta' fuq xogħol, li jista' jkun xogħol kontigwu, mingħajr remunerazzjoni propja (eż. sahra mhux imħallsa) huwa inkluż ukoll.

Huwa eskluż il-ħin remunerat mingħajr xogħol propju u mhux meqjus bħala tali mill-unità statistika (eż. liv annwali, liv tal-mard, liv tal-maternità, festi pubbliċi, waqfiet itwal, waqfiet għall-ikel, strajks, ivvjaġġar għax-xogħol u l-bqija).

L-istatistika infraannwali jaf ma tkunx kapaċi tqis dawn il-punti kollha bħas-sahra mhux imħallsa.

3) **Varjabbli 120301: Pagi u salarji**

Il-varjabbli "Pagi u salarji" fiha l-ispejjeż kollha mġarrba matul il-perjodu ta' referenza fuq ir-remunerazzjoni gross totali, fi flus jew in natura, tal-impjegati kollha tal-unità statistika. Il-pagi u s-salarji huma parti mill-varjabbli 220301 Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati.

Ir-remunerazzjoni gross totali, fi flus jew in natura, fiha bħala eżempji, iżda mhijiex limitata għall-punti li ġejjin: remunerazzjoni diretta, bonusijiet, allowances, għotjiet, tips, kummissjonijiet, pagamenti għal skemi ta' tfaddil għall-impjegati, pagamenti għal jiem mhux maħduma, pagi u salarji in natura, prodotti tal-kumpanija, akkomodazzjoni għall-persunal, karozzi tal-kumpanija, skemi ta' opzjonijiet u ta' xiri ta' stokk, ammonti li jinżammu mill-impjegatur (kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegat, taxxa fuq l-introjtju personali, eċċ.). L-istatistika infraannwali jaf ma tkunx kapaċi tqis dawn il-punti kollha.

Huma esklużi l-ispejjeż marbuta ma' servizzi pprovduti permezz ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, kif ukoll l-ispejjeż tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u obbligi fiskali simili oħra (marbuta direttament jew indirettament ma' pagi u ma' salarji), jekk jiġġarrbu mill-impjegatur.

4) **Varjabbli 220101: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom**

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 120101 taħt B1.

5) **Varjabbli 220102: Numru ta' impjegati**

In-numru ta' impjegati jirrappreżenta n-numru medju ta' persuni li, f'xi żmien matul il-perjodu ta' referenza, kienu impjegati tal-unità statistika.

Nota ta' spjegazzjoni

Filwaqt li r-relazzjoni ta' impjieg, li tikkwalifika l-partijiet (f'impjegat u f'impjegatur), hija definita f'leġiżlazzjoni jew f'kuntratt speċifiċi, it-terminu "impjegat" normalment ifisser persuna maħtura mill-unità tal-istatistika sabiex tipprovdni servizzi lilha fuq bażi regolari, bi skambju għal benefiċċji u fejn is-servizzi pprovduti ma jkunux parti minn negozju indipendenti. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-apprendisti, jekk jinħatru b'dawn il-kundizzjonijiet, jitqiesu bħala impjegati.

Jenħtieġ li l-medja tiġi kkalkolata bħala l-medja aritmetika tan-numru ta' impjegati fuq l-iqsar perjodi ta' żmien b'tul ugwali li joqogħdu fil-perjodu ta' referenza, li għalihom ikunu prattikabbli osservazzjonijiet regolari (eż. kuljum, kull ġimgħa, kull xahar, kull trimestru, eċċ.).

6) **Varjabbli 220103: Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti għal full time**

In-numru ta' impjegati mibdul f'ekwivalenti għal full time (FTE).

Iċ-ċifri għan-numru ta' persuni li jaħdmu inqas mill-ħin tax-xogħol standard ta' sena ta' ħidma ta' ħaddiem full-time, għandhom jiġu mibdula f'ekwivalenti għal full time, fir-rigward tal-ħin tax-xogħol ta' sena ta' ħidma ta' impjegat full-time fl-unità. Dan huwa t-total tas-siġhat maħduma diviż bin-numru annwali medju ta' siġhat maħduma f'impjieg full-time fi ħdan it-territorju ekonomiku. Billi t-tul ta' impjieg full-time jinbidel maż-żmien u jvarja bejn l-industriji, iridu jintużaw metodi li jistabbilixxu l-proporzjon medju u s-siġhat medji ta' impjieg anqas minn full-time f'kull grupp ta' impjieg. L-ewwel trid tiġi stmata ġimgħa full-time normali f'kull grupp ta' impjieg. Jekk ikun possibbli, jista' jiġi definit grupp ta' impjieg, f'industrija, skont is-sess u (jew) it-tip ta' xogħol tan-nies. Is-siġhat miftiehma skont kuntratt jistgħu jikkostitwixxu impjieg għall-impjegati, il-kriterji xierqa sabiex jiġu ddeterminati dawk iċ-ċifri. L-ekwivalenti għal full-time huwa kkalkolat separatament għal kull grupp ta' impjieg, imbagħad jingħadd.

Hemm inklużi f'din il-kategorija l-persuni li jaħdmu anqas minn jum ta' xogħol standard, anqas min-numru standard ta' jiem ta' xogħol fil-ġimgħa, jew anqas min-numru standard ta' ġimgħat/xhur fis-sena. Jenħtieġ li din il-konverżjoni ssir fuq il-baży tan-numru ta' siġhat, ta' jiem, ta' ġimgħat jew ta' xhur maħduma.

7) Varjabbli 220104: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

In-"numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u n-"numru ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed" bħal fil-każ tal-varjabbli 210102 taħt A4.

8) Varjabbli 220105: Numru ta' impjegati f'intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

In-"numru ta' impjegati" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5 u n-"numru ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed" bħal fil-każ tal-varjabbli 210102 taħt A4.

9) Varjabbli 220106: Numru ta' impjegati f'intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir

In-"numru ta' impjegati" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5. Il-"popolazzjoni ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir" hija definita bħal fil-każ tal-varjabbli 210103 taħt A5.

10) Varjabbli 220107: Numru ta' impjegati f'intrapriżi ġodda b'rata għolja ta' tkabbir

In-"numru ta' impjegati" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5. Il-"popolazzjoni ta' intrapriżi ġodda b'rata għolja ta' tkabbir" hija definita bħal fil-każ tal-varjabbli 210104 taħt A6.

11) Varjabbli 220201: Sigħat maħduma mill-impjegati

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 120201 taħt B2.

12) Varjabbli 220301: Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati

Dan il-varjabbli jinkludi l-ispejjeż kollha li jirriżultaw b'rabta mal-benefiċċji tal-impjegati, rikonoxxuti mill-unità tal-istatistika matul il-perjodu ta' referenza.

Il-benefiċċji tal-impjegati huma l-forom kollha ta' korrispettiv mogħtija mill-unità statistika bi skambju għas-servizzi mogħtija mill-impjegati jew għat-terminazzjoni ta' impjeg.

13) Varjabbli 220302: Pagi u salarji

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 120301 taħt B3.

14) Varjabbli 220303: Kostijiet tas-sigurtà soċjali

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi jikkorrispondu għal ammont ugwali għall-valur tal-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa mill-impjegaturi sabiex jassiguraw id-dritt tal-impjegati tagħhom għall-benefiċċji soċjali.

Il-kostijiet tas-sigurtà soċjali għall-impjegatur jinkludu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur għal skemi għall-pensjonijiet tal-irtirar, għall-mard, għall-maternità, għad-diżabbiltà, għall-qgħad, għall-inċidenti u għall-mard marbuta max-xogħol, għall-benefiċċji tal-familja kif ukoll għal skemi oħrajn.

Hemm inklużi l-kostijiet għall-impjegati kollha inklużi l-impjegati li jħadmu mid-dar u l-apprendisti.

Il-miżati huma inklużi għall-iskemi kollha, irrispettivament minn jekk humiex statutorji, miftiehma b'mod kollettiv, kuntrattwali jew ta' natura volontarja. Il-pagi u s-salarji li l-impjegatur ikompli jħallas fil-każ ta' mard, ta' inċident marbut max-xogħol, ta' liv tal-maternità jew ta' xogħol b'ħinijiet aqsar jistgħu jiġu rreġistrati hawnhekk jew taħt pagi u salarji, skont il-prattiki kontabilistiċi tal-unità.

15) Varjabbli 220401: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi mwielda ġodda

In-"numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u tal-"Intrapriżi mwielda ġodda" (twelid ta' intrapriżi) bħal fil-każ tal-varjabbli 210201 taħt A7.

16) Varjabbli 220402: Numru ta' impjegati f'intrapriżi mwielda ġodda

In-"numru ta' impjegati" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5 u "Intrapriżi mwielda ġodda" (twelid ta' intrapriżi) bħal fil-każ tal-varjabbli 210201 taħt A7.

17) Varjabbli 220403: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom fi mwiet ta' intrapriżi

In-"numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u "mwiet ta' intrapriżi" bħal fil-każ tal-varjabbli 210202 taħt A8.

18) Varjabbli 220404: Numru ta' impjegati fi mwiet ta' intrapriżi

In-“numru ta' impjegati” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5 u “mwiet ta' intrapriżi” bħal fil-każ tal-varjabbli 210202 taħt A8.

19) Varjabbli 220405: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “sopravivenzi ta' intrapriżi” bħal fil-każ tal-varjabbli 210203 taħt A9.

20) Varjabbli 220406: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi, fis-sena tat-twelid

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “sopravivenzi ta' intrapriżi” bħal fil-każ tal-varjabbli 210203 taħt A9. Għal dan il-varjabbli, in-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom huwa dak tas-sena tat-twelid tal-intrapriżi kif definit taħt A7.

21) Varjabbli 220407: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “intrapriżi li għandhom l-ewwel impjegat” bħal fil-każ tal-varjabbli 210204 taħt A10.

22) Varjabbli 220408: Numru ta' impjegati f'intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat

In-“numru ta' impjegati” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5 u “intrapriżi li għandhom l-ewwel impjegat” bħal fil-każ tal-varjabbli 210204 taħt A10.

23) Varjabbli 220409: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati” bħal fil-każ tal-varjabbli 210205 taħt A11.

24) Varjabbli 220410: Numru ta' impjegati f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati

In-“numru ta' impjegati” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 220102 taħt B5 u “intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati” bħal fil-każ tal-varjabbli 210205 taħt A11.

25) Varjabbli 220411: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed” bħal fil-każ tal-varjabbli 210206 taħt A12.

26) Varjabbli 220412: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed, fis-sena tat-twelid

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed” bħal fil-każ tal-varjabbli 210206 taħt A12. Għal dan il-varjabbli, in-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom huwa dak tas-sena tat-twelid tal-intrapriża li tisser is-sena li fiha l-intrapriża jkollha l-ewwel impjegat kif definita bħal fil-każ tal-varjabbli 210204 taħt A10”.

27) Varjabbli 220501: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż” bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

28) Varjabbli 220601: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u affiljati domestiċi

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u affiljati domestiċi” bħal fil-każ tal-varjabbli 210401 taħt A14.

29) Varjabbli 220701: Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati f'intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż

L-“ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati” hija definita bħal fil-każ tal-varjabbli 220301 taħt B12 u n-“numru ta’ intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż” bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

30) Varjabbli 320101: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’unitajiet lokali

In-“Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u “unitajiet lokali” bħal fil-każ tal-varjabbli 310101 taħt A15.

31) Varjabbli 320102: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 120101 taħt B1.

32) Varjabbli 320103: Numru ta’ impjegati

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220102 taħt B5.

33) Varjabbli 320301: Pagi u salarji f’unitajiet lokali

“Pagi u salarji” huma definiti bħal fil-każ tal-varjabbli 120301 taħt B3 u n-“numru ta’ unitajiet lokali” bħal fil-każ tal-varjabbli 310101 taħt A17.

34) Varjabbli 320104: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220104 taħt B7.

35) Varjabbli 320105: Numru ta’ impjegati f’intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220105 taħt B8

36) Varjabbli 320201: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’intrapriżi mwielda ġodda

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220401 taħt B15

37) Varjabbli 320202: Numru ta’ impjegati f’intrapriżi mwielda ġodda

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220402 taħt B16.

38) Varjabbli 320203: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom fi mwiet ta’ intrapriżi

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220403 taħt B17.

39) Varjabbli 320204: Numru ta’ impjegati fi mwiet ta’ intrapriżi

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220404 taħt B18.

40) Varjabbli 320205: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’sopravivenzi ta’ intrapriżi (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220405 taħt B19.

41) Varjabbli 320206: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’sopravivenzi ta’ intrapriżi, fis-sena tat-twelid (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220406 taħt B20.

42) Varjabbli 320207: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat ft

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220407 taħt B21.

43) Varjabbli 320208: Numru ta’ impjegati f’intrapriżi li kellhom l-ewwel impjegat

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220408 taħt B22.

44) Varjabbli 320209: Numru ta’ impjegati u ta’ persuni li jaħdmu għal rashom f’intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220409 taħt B23.

45) Varjabbli 320210: Numru ta' impjegati f'intrapriżi li ma għadx għandhom impjegati

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 220410 taħt B24.

46) Varjabbli 320211: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 204011 taħt B25.

47) Varjabbli 320212: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'sopravivenzi ta' intrapriżi li għandhom tal-anqas impjegat wieħed, fis-sena tat-twelid (iżda biss għall-intrapriżi li operaw għal tliet snin kalendarji)

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 241012 taħt B26.

48) Varjabbli 420101: Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur

In-“numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 120101 taħt B1 u l-“intrapriżi barra mill-pajjiż taħt il-kontroll aħħari ta' unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur” bħal fil-każ tal-varjabbli 410101 taħt A25.

49) Varjabbli 420201: Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur

L-“ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati” hija definita bħal fil-każ tal-varjabbli 220301 taħt B12 u l-“intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż taħt il-kontroll aħħari ta' unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur” bħal fil-każ tal-varjabbli 410101 taħt A25.

C. PREZZIJET**1) Varjabbli 130101: Prezzijiet tal-importazzjoni**

Huwa l-objettiv tal-indiċi tal-prezzijiet tal-importazzjoni li jkejlu l-iżvilupp tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet ta' kull xahar tal-oġġetti mixtrija minn residenti mingħand dawk mhux residenti. Is-servizzi relatati kollha huma inizjalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ħliet dawk koperti minn ftehim kummerċjali dwar is-CIF (kost, assigurazzjoni, nol). Jenħtieġ li l-indiċi tal-prezzijiet jissorveljaw iċ-ċaqliq tal-prezzijiet ta' merkanzija komparabbli matul iż-żmien.

Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi kollha tal-prodotti li jiddeterminaw il-prezz, inklużi l-kwantità tal-unitajiet mibjugħa, it-trasport ipprovdut, ir-ribassi, il-kundizzjonijiet tas-servizz, il-kundizzjonijiet tal-garanzija, l-orijini u d-destinazzjoni. L-ispeċifikazzjoni trid tkun tali li f'perjodi ta' referenza sussegwenti, l-unità ta' osservazzjoni tkun kapaċi tidentifika l-prodott unikament u tipprovidi l-prezz xieraq għal kull unità.

Il-limitazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ambitu tal-prezzijiet ta' importazzjoni:

- l-importazzjonijiet minn unitajiet domestiċi, minn unitajiet governattivi u minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ huma esklużi,
- is-sistema kummerċjali sottostanti hija s-sistema kummerċjali speċjali u, għalhekk, l-importazzjonijiet normali kif ukoll l-importazzjonijiet għall-ipproċessar attiv u wara l-ipproċessar passiv, meta l-unità tar-rapportar takkwista s-sjieda tal-oġġetti, huma inklużi. L-importazzjonijiet għat-tiswija mhumiex koperti,
- il-kopertura tal-prodotti hija limitata għall-prodotti B, C u D tas-CPA. Is-servizzi relatati huma esklużi.

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għad-definizzjoni ta' prezzijiet ta' importazzjoni:

- Il-prezz xieraq huwa l-prezz tas-CIF (kost, assigurazzjoni, nol) fil-fruntiera li jeskludi d-dazji u t-taxxi kollha fuq il-oġġetti u s-servizzi li għandhom jiġġarrbu mill-unità li tirrapporta.
- Sabiex jintwera l-iżvilupp reali ta' iċ-ċaqliq tal-prezzijiet, jenħtieġ li dan ikun f'għamla ta' prezz ta' tranżazzjoni propja, u mhux prezz ta' lista, u għalhekk jenħtieġ li l-iskontijiet jitnaqqsu mill-prezz.
- Sabiex jintwera iċ-ċaqliq reali tal-prezzijiet, jenħtieġ li l-kumpilazzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet tqis u taġġusta għat-tibdil fil-kwalità tal-prodotti.
- Karatteristiċi oħra li jiddeterminaw il-prezz tal-prodotti jenħtieġ li jiġu trattati b'mod konsistenti wkoll.
- L-importazzjonijiet jiġu rreġistrati meta tiġi ttrasferita s-sjieda tal-oġġetti (jiġifieri meta l-partijiet jirreġistraw tranżazzjoni fil-kotba jew fil-kontijiet tagħhom).

— It-trasferiment tas-sjieda ta' bastimenti u ta' inġenji tal-ajru, kif ukoll ta' inġenji spazjali minn persuna stabbilita f'pajjiż ieħor għal persuna stabbilita fl-Istat Membru inkwistjoni jgħodd bħala importazzjoni.

Fil-prinċipju, jenħtieġ li l-indiċi jirrifletti l-prezz medju matul il-perjodu ta' referenza. Fil-prattika, l-informazzjoni effettivament miġbura tista' tirreferi għal jum partikolari f'nofs il-perjodu ta' referenza li jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza. Għal prodotti b'impatt sinifikanti fuq l-ekonomija nazzjonali li jkun magħruf li jkollhom, tal-anqas fuq bażi okkażjonali, żvilupp volatili tal-prezzijiet, huwa importanti li l-indiċi jkun tabilħaqq jirrifletti l-prezzijiet medji.

2) **Varjabbli 130102: Prezzijiet tal-importazzjoni (żona tal-euro) (mhux obligatorji għal pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro)**

3) **Varjabbli 130103: Prezzijiet tal-importazzjoni (mhux fiż-żona tal-euro) (mhux obligatorji għall-pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro)**

L-indiċijiet tal-prezzijiet tal-importazzjoni jeħtieġu kalkolu separat skont il-pajjiż tal-konsenja tal-oġġetti (fiż-żona tal-euro u mhux fiż-żona tal-euro). Il-pajjiż tal-konsenja jiġi ddeterminat b'mod konsistenti mar-regoli doganali.

4) **Varjabbli 130201: Prezzijiet tal-produtturi**

Huwa l-oġġettiv tal-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi li jkejjel l-iżvilupp tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet tal-attivatajiet ekonomiċi fl-industrija, fil-konstruzzjoni, u fis-servizzi.

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għad-definizzjoni ta' prezzijiet tal-produtturi:

Il-karatteristiċi kollha li jiddeterminaw il-prezz tal-prodotti jiġu kkunsidrati, inkluż eż. il-kwantità ta' unitajiet mibjugħa, it-trasport ipprovdut, il-ħlasijiet addizzjonali, l-iskontijiet, ir-ribassi, il-kundizzjonijiet tas-servizz, il-kundizzjonijiet ta' garanzija, id-destinazzjoni eċċ.

Il-prezzijiet tal-produtturi jkejju l-iżvilupp tal-prezzijiet mill-perspettiva tal-produttur/tal-bejgiegħ. Il-prezz xieraq huwa l-prezz bażiku li jeskludi l-VAT u taxxi deduċibbli simili li huma direttament marbuta mal-fatturat kif ukoll id-dazji u taxxi kollha fuq il-oġġetti u s-servizzi mdaħħla fil-fatturi mill-unità, filwaqt li jekk ikun hemm sussidji fuq oġġetti riċevuti mill-produttur, jenħtieġ li dawn jiżdedu.

Sabiex jintwera l-iżvilupp reali ta' ċaqliq tal-prezzijiet, jenħtieġ li dan ikun f'għamla ta' prezz ta' tranżazzjoni propja, u mhux prezz ta' lista.

Sabiex jintwera ċ-ċaqliq reali tal-prezzijiet, jenħtieġ li l-kumpilazzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi tqis u taġġusta għat-tibdil fil-kwalità tal-prodotti.

L-ispeċifikazzjoni trid tkun tali li f'perjodi ta' referenza sussegwenti, l-unità ta' osservazzjoni tkun kapaċi tidentifika l-prodott unikament u tipprovidi l-prezz xieraq għal kull unità.

Fil-prinċipju, jenħtieġ li l-indiċi jirrifletti l-prezz medju matul il-perjodu ta' referenza. Fil-prattika, l-informazzjoni effettivament miġbura tista' tirreferi għal jum partikolari f'nofs il-perjodu ta' referenza li jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala figura rappreżentattiva għall-perjodu ta' referenza. Għal prodotti b'impatt sinifikanti fuq l-ekonomija nazzjonali li jkun magħruf li jkollhom, tal-anqas fuq bażi okkażjonali, żvilupp volatili tal-prezzijiet, huwa importanti li l-indiċi jkun tabilħaqq jirrifletti l-prezzijiet medji.

Jenħtieġ li d-data dwar il-prezzijiet tirrifletti l-prezzijiet fil-mument tat-tranżazzjoni attwali, jiġifieri meta siru, jiġu ttrasformati jew ikkanċellati pretensjonijiet u obbligi.

Jenħtieġ li, fil-prinċipju, il-prezzijiet tas-servizz jiġu rreġistrati meta jiġi pprovdut is-servizz. Jekk it-twassil tas-servizz ikun mifruq fuq diversi perjodi ta' żmien jew meta s-servizzi jinxtrow qabel il-forniment tas-servizz, iridu jsiru l-aġġustamenti xierqa

L-indiċi tal-prezz tal-produtturi tas-servizzi għal attività ekonomika jkejjel l-iżvilupp medju tal-prezzijiet tas-servizzi kollha, min-Negożju għal Kulħadd, li huwa magħmul Minn Negożju għal Negożju – B2B, u Min-Negożju għall-Konsumatur – B2C. Il-bejgħ lis-settur pubbliku, Min-Negożju għall-Gvern – B2G, huwa inkluż ukoll fil-B2B.

5) **Varjabbli 130202: Prezzijiet tal-produtturi domestiċi**

6) **Varjabbli 130203: Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi**

7) **Varjabbli 130204: Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (fiż-żona tal-euro) (mhux obligatorji għall-pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro)**

8) **Varjabbli 130205: Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (mhux fiż-żona tal-euro) (mhux obligatorji għall-pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro)**

L-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi domestiċi għal attività ekonomika jkejje l-iżvilupp tal-prezzijiet medji tal-oġġetti u tas-servizzi relatati kollha li jirriżultaw minn dik l-attività u li jinbiegħu fis-suq domestiku. L-indiċi tal-prezzijiet mhux domestiċi juri l-iżvilupp tal-prezzijiet medji (ikkonvertiti għall-munita lokali) tal-oġġetti u tas-servizzi relatati kollha li jirriżultaw minn dik l-attività u li jinbiegħu barra mis-suq domestiku.

Meta kkombinati, dawn iż-żewġ indiċi juru l-iżvilupp tal-prezzijiet medji tal-oġġetti u tas-servizzi relatati kollha li jirriżultaw minn attività. Għall-prezzijiet tal-produtturi tas-suq mhux domestiku, jenħtieġ li l-prezz jiġi kkalkolat fil-fruntieri nazzjonali, fob (frank abbord).

L-indiċi tal-prezzijiet domestiċi u mhux domestiċi jeħtieġu li jiġu kkompilati indiċijiet tal-prezzijiet tal-produtturi separati skont id-destinazzjoni tal-prodott. Id-destinazzjoni tiġi ddeterminata skont ir-residenza tal-parti terza li tkun ordnat jew xtrat il-prodott.

Prezzijiet tal-produtturi jew kostijiet ta' binjiet residenzjali ġodda

L-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi għall-kostruzzjoni jkejju biss l-iżvilupp ta' binjiet residenzjali ġodda u jeskludu r-residenzi għal komunitajiet, binjiet mhux residenzjali, prezzijiet tal-art u tariffi tal-periti u oħrajn. Huma jirriflettu l-prezzijiet mħallsa mill-kljient lill-kumpannija tal-kostruzzjoni. Għalhekk, dawn ma jirriflettux biss il-varjazzjonijiet fil-fatturi tal-kostijiet tal-kostruzzjoni, iżda anki t-tibdil fil-produttività u fil-marġini tal-profitt. Barra minn hekk, teżisti differenza temporanja bejn il-prezz tal-output u l-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni. Il-kostijiet totali tal-kostruzzjoni ta' binjiet residenzjali ġodda jistgħu jintużaw bħala indikatur tal-prezzijiet tal-produtturi.

Huwa l-oġġettiv tal-**indiċi tal-kost tal-kostruzzjoni** totali li juri l-iżvilupp tal-kostijiet imġarrba mill-kuntrattur sabiex iwettaq il-proċess ta' kostruzzjoni.

Il-kostijiet li jikkostitwixxu l-kostijiet totali tal-kostruzzjoni tal-binjiet residenzjali ġodda huma l-kostijiet tal-materjali, il-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet tal-impjanti u tat-tagħmir, tat-trasport, tal-enerġija u kostijiet oħra. Il-kostijiet tar-residenzi għal komunitajiet, ta' binjiet mhux residenzjali, ta' prezzijiet tal-art u ta' miżati tal-perit u oħrajn mhumiex parti mill-kostijiet tal-kostruzzjoni.

Il-kostijiet tal-materjali ġeneralment jiġu kkalkolati bl-użu ta' prezzijiet tal-materjali. Jenħtieġ li l-prezzijiet tal-materjali jkun bbażati fuq prezzijiet attwali aktar milli fuq prezzijiet tal-lista. Jenħtieġ li l-prezzijiet ikunu bbażati fuq kampjun ta' prodotti u ta' fornituri. Il-prezzijiet jiġu vvalutati bil-VAT eskluża.

Jenħtieġ li l-kostijiet lavorattivi jkopru l-pagi u s-salarji u l-imposti tas-sigurtà soċjali għall-persuni kollha impjegati. L-imposti tas-sigurtà soċjali jinkludu: i) kontribuzzjonijiet soċjali statutorji pagabbli mill-impjegatur, ii) kontribuzzjonijiet soċjali miftiehma b'mod kollettiv, kuntrattwali u volontarji pagabbli mill-impjegatur u iii) kontribuzzjonijiet soċjali imputati (benefiċċji soċjali mħallsa direttament mill-impjegatur).

Bini residenzjali għid huwa kwalunkwe bini li jinbena għal użu residenzjali permanenti jew temporanju jew bini li jiġi kkonvertit minn użu ieħor għal użu residenzjali permanenti jew temporanju, u li għalih ikun meħtieġ permess ta' bini jew ta' ppjanar fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

D. INPUTS TAR-R&Ż

1) **Varjabbli 230101: Nefqa intramurali fuq ir-R&Ż**

Ir-riċerka u l-iżvilupp sperimentali (R&Ż) jinkludu xogħol kreattiv u sistematiku li jsir sabiex jiżdied l-għarfien - inkluż l-għarfien dwar l-umanità, il-kultura u s-soċjetà - u sabiex jifasslu applikazzjonijiet ġodda tal-għarfien disponibbli.

In-nefġiet fuq ir-R&Ż intramurali jirrappreżentaw l-ammont ta' flus li jintefaq fuq ir-R&Ż li jsiru f'unità tar-rapportar.

In-nefqa intramurali fuq ir-R&Ż hija n-nefġiet kurrenti kollha flimkien ma' nefġiet kapitali fissi grss għar-R&Ż imwettqa f'unità statistika matul perjodu ta' referenza speċifiku, ikun xi jkun is-sors tal-fondi. In-nefġiet kurrenti fuq ir-R&Ż jinkludu l-kostijiet lavorattivi għall-persunal intern tar-R&Ż u kostijiet kurrenti oħra (kostijiet għall-persunal estern tar-R&Ż, xiri ta' servizzi). In-nefġiet kapitali fissi gross għar-R&Ż jinkludu: l-akkwist ta' art, l-akkwist ta' bini, ix-xiri ta' tagħmir ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, l-akkwist ta' tagħmir tat-trasport, l-akkwist ta' makkinarju u ta' tagħmir ieħor, l-akkwist ta' software tal-kompjuter kapitalizzat, l-akkwist ta' prodotti oħra tal-proprietà intellettuali.

2) **Varjabbli 230201: Persunal tar-R&Ż**

Ir-riċerka u l-iżvilupp sperimentali (R&Ż) jinkludu xogħol kreattiv u sistematiku li jsir sabiex jiżied l-għarfien - inkluż l-għarfien dwar l-umanità, il-kultura u s-soċjetà - u sabiex jitfasslu applikazzjonijiet ġodda tal-għarfien disponibbli.

Il-persunal tar-R&Ż f'unità statistika jinkludi l-persuni kollha impenjati direttament fir-R&Ż, kemm jekk impjegati mill-unità statistika jew minn kontributuri esterni integrati bis-sħiħ fl-attivitajiet ta' R&Ż tal-unità statistika, kif ukoll dawk li jipprovdu servizzi diretti għall-attivitajiet ta' R&Ż (bħal manijers, amministraturi, tekniċi u persunal klerikali tar-R&Ż).

Jenħtieġ li jiġu esklużi l-persuni li jipprovdu appoġġ indirett u servizzi anċillari, bħall-persunal tal-canteen, tal-manutenzjoni, tal-amministrazzjoni u tas-sigurtà, anki jekk il-pagi u s-salarji tagħhom ikunu inklużi f'"kostijiet kurrenti oħra" meta titkejjel in-nefqa intramurali fuq ir-R&Ż skont id-definizzjoni Nru D1.

Il-persunal tar-R&Ż jinkludi żewġ gruppi ewlenin ta' individwi:

- Persuni impjegati mill-unità statistika li jikkontribwixxu għall-attivitajiet intramurali ta' R&Ż (persunal intern tar-R&Ż).
- Kontributuri esterni li huma integrati bis-sħiħ fl-attivitajiet intramurali ta' R&Ż (persunal estern tar-R&Ż) li jistgħu jkunu indipendenti (jaħdmu għal rashom) jew dipendenti (jirċievu pagi/salarji iżda mhux mill-unità statistika li tagħmel ir-R&Ż).

3) **Varjabbli 230202: Riċerkaturi**

Ir-riċerkaturi huma professjonisti involuti fit-tfassil jew fil-ħolqien ta' għarfien ġdid. Huma jwettqu riċerka u jtejbu jew jiżviluppaw kunċetti, teoriji, mudelli, tekniki, strumentazzjoni, software jew mudelli operazzjonali.

Il-ġestituri u l-amministraturi involuti fl-ippjanar u fil-ġestjoni tal-aspetti xjentifiċi u tekniċi tax-xogħol ta' riċerkatur huma wkoll ikklassifikati bħala "riċerkaturi".

4) **Varjabbli 230301: Nefqa intramurali fuq ir-R&Ż f'intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

In-"nefqa intramurali fuq ir-R&Ż" hija definita bħal fil-każ tal-varjabbli 230101 taħt D1 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż" bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

5) **Varjabbli 230401: Persunal tar-R&Ż f'intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

Il-"persunal tar-R&Ż" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 230201 taħt D2 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż" bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

6) **Varjabbli 230501: Allokazzjonijiet mill-baġit tal-gvern għar-riċerka u għall-iżvilupp (GBARD)**

L-allokazzjonijiet mill-baġit tal-gvern għar-R&Ż (GBARD) huma l-appropriazzjonijiet kollha allokati għall-finanzjament tar-R&Ż (għas-setturi kollha) fil-baġits tas-settur tal-Gvern. Is-settur tal-Gvern jinkludi s-sottosetturi ċentrali (federali) tal-gvern, reġjonali (statali) tal-gvern u lokali (muniċipali) tal-gvern (il-finanzjament tar-R&Ż minn dan tal-aħħar jista' ma jiġix inkluż fil-GBARD jekk ma jitqiesx li jkun sinifikanti jew jekk ma tkunx tista' tinġabar *data*). Il-GBARD jirreferu għal *data* tal-baġit, minn previżjonijiet tal-baġit san-nefqiet reali iżda l-ġbir tad-*data* normalment jiffoka fuq "Appropriazzjonijiet inizjali tal-baġit" u "Appropriazzjonijiet finali tal-baġit".

7) **Varjabbli 230502: Finanzjament pubbliku nazzjonali għar-R&Ż ikkoordinati flivell transnazzjonali**

Il-finanzjament pubbliku nazzjonali għar-R&Ż ikkoordinat flivell transnazzjonali huwa definit bħala l-finanzjament totali mill-baġit tas-settur tal-Gvern, kif imkejjel mill-GBARD, bl-għan li jappoġġa: atturi transnazzjonali pubbliċi tar-R&Ż, programmi transnazzjonali pubbliċi tar-R&Ż minn madwar l-Ewropa u programmi bilaterali jew multilaterali pubbliċi tar-R&Ż stabbiliti bejn l-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi kandidati jew il-pajjiżi tal-EFTA.

8) **Varjabbli 330101: Nefqa intramurali fuq ir-R&Ż**

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 230101 taħt D1

9) Varjabbli 330201: Persunal tar-R&Ż

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 230201 taħt D2

10) Varjabbli 330202: Riċerkaturi

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 230202 taħt D3

E. XIRJIET**1) Varjabbli 240101: Total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi**

It-total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi jinkludi l-ammont totali ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija mill-unità tal-istatistika, rikonoxxut fil-kontabbiltà bħala assi jew spejjeż kurrenti matul il-perjodu ta' referenza.

Inklużi f'dawn ix-xirjiet ta' oġġetti, bħala lista mhux eżawrjenti ta' eżempji, huma: materji prima, awżiljari u tal-imballaġġ, oġġetti tal-konsum, fjuwil, parts tal-bdil, żrieragħ u għalf, annimali, oġġetti żgħar tal-inventarju u oġġetti mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid.

Inklużi fix-xirjiet ta' servizzi, bħala lista mhux eżawrjenti ta' eżempji, hemm is-servizzi tal-elettriku, ta' tisħin, tal-ilma, ta' manutenzjoni, ta' tiswijiet, ta' royalties, ta' kiri, ta' assigurazzjoni, ta' riċerka (jekk imwettqa minn partijiet terzi), ta' xogħol ta' aġenzija, ta' reklamar, ta' promozzjoni, ta' trasport, ta' komunikazzjoni, bankarji, legali, kontabilistiċi u kwalunkwe servizz ieħor imwettaq minn partijiet terzi u rikonoxxut bħala spiża matul il-perjodu ta' referenza.

Iż-żidiet fl-oġġetti lesti u x-xogħol li jkun għadu għaddej, kif ukoll kwalunkwe ass finanzjarju u ass mhux kurrenti, mhumiex inklużi. Bħala eċċezzjoni, jiġu inklużi wkoll assi minn klassijiet oħrajn riklassifikati fi kwalunkwe wieħed mill-punti elenkati hawn fuq bħala inklużi.

L-akkwisti ta' oġġetti u ta' servizzi msemmija minn din id-definizzjoni huma vvalutati skont ir-regoli stabbiliti għal dan l-għan fl-istandards kontabilistiċi li abbażi tagħhom ġew rikonoxxuti l-assi u l-ispejjeż imsemmija aktar 'il fuq.

2) Varjabbli 240102: Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi għall-bejgħ mill-ġdid

Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti huma xirjiet ta' oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid lil partijiet terzi mingħajr aktar ipproċessar. Dawn jinkludu wkoll xirjiet ta' servizzi bil-"fatturar" ta' kumpaniji ta' servizzi, jiġifieri dawk li l-fatturat tagħhom ikun magħmul mhux biss minn tariffi tal-aġenziji mitluba fuq tranżazzjoni ta' servizz (bħal fil-każ tal-aġenti immobiljari) iżda wkoll mill-ammont attwali involut fit-tranżazzjoni ta' servizz, eż. xirjiet tat-trasport minn aġenti tal-ivvjaġġar.

Huwa eskluż il-valur ta' oġġetti u ta' servizzi li jinbiegħu lil partijiet terzi fuq bażi tal-kummissjoni, minħabba li dawn l-oġġetti la jinxtraw u lanqas jinbiegħu mill-aġent li jirċievi l-kummissjoni.

Ix-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti huma parti mix-xirjiet totali ta' oġġetti u ta' servizzi u jintużaw fil-kalkolu ta' aggregati u ta' bilanċi oħrajn.

3) Varjabbli 240103: Spejjeż għal servizzi pprovduti permezz ta' ħaddiema ta' aġenzija

Dan il-varjabbli jinkludi l-ispejjeż kollha rikonoxxuti mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza, li jirreferu għal servizzi pprovduti lilha minn aġenziji tax-xogħol temporanju u organizzazzjonijiet simili li jipprovdu impjegati lin-negozji tal-klijenti għal perjodi limitati ta' żmien sabiex jissupplimentaw jew jissostitwixxu temporanjament il-forza tax-xogħol tal-klijent, fejn l-individwi pprovduti jkunu impjegati tal-unità tas-servizz ta' għajnuna temporanja. L-ispejjeż fuq is-servizzi pprovduti permezz ta' ħaddiema permezz ta' aġenzija huma parti mill-varjabbli Total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi.

Madankollu, dawn l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet ma jipprovdux superviżjoni diretta tal-impjegati tagħhom fuq il-postijiet tax-xogħol tal-klijenti. L-ispejjeż imġarrba għall-provvista tal-persunal li jkunux marbuta mal-provvista ta' servizz partikolari industrijali jew mhux industrijali biss ikunu inklużi f'dan il-varjabbli.

4) Varjabbli 240104: Spejjeż ta' kiri u ta' lokazzjonijiet operatorji fit-tul

L-ispejjeż ta' kiri fit-tul jinkludu l-ispejjeż kollha rikonoxxuti mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza, relatati mal-kiri ta' assi mhux kurrenti. Inklużi f'dan il-varjabbli hemm il-pagamenti taħt kuntratt ta' lokazzjonijiet operatorji relatati ma' assi mhux kurrenti.

Għal dan il-varjabbli, lokazzjoni tiġi kklassifikata bħala lokazzjoni operatorja jekk ma tittrasferixxix b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha relatati mal-pussess ta' assi sottostanti.

5) Varjabbli 240105: Xirjiet ta' prodotti tal-enerġija

Jenħtieġ li x-xirjiet tal-prodotti tal-enerġija kollha matul il-perjodu ta' referenza jiġu inklużi f'dan il-varjabbli sa fejn dawn huma mixtrija sabiex jintużaw bħala fjuwil. Jenħtieġ li jiġu esklużi l-prodotti tal-enerġija mixtrija bħala materja prima jew għall-bejgħ mill-ġdid mingħajr trasformazzjoni. Jenħtieġ li ċ-ċifra tingħata f'valur biss.

6) Varjabbli 240106: Pagamenti lil sottokuntratturi

Għal attivitajiet tat-Taqsimiet B sa E tal-NACE, il-pagamenti lis-sottokuntratturi huma pagamenti magħmula mill-unità lil partijiet terzi għal oġġetti u għal servizzi industrijali pprovduti bħala parti minn relazzjoni sottokuntrattwali definita kif ġej:

Żewġ intrapriżi jkunu marbuta b'relazzjoni sottokuntrattwali meta l-kundizzjonijiet A u B jkunu ssodisfati flimkien:

- A. L-intrapriża tal-klijent, imsejħa wkoll il-kuntrattur prinċipali, tipparteċipa fit-tfassil tal-prodott billi tipprovd, anke parzjalment, speċifikazzjonijiet tekniċi lill-intrapriża fornitriċi, imsejħa wkoll is-sottokuntrattur, u/jew tipprovdha l-materjali li jridu jiġu pproċessati;
- B. L-intrapriża tal-klijent tbigħ il-prodott sottokuntrattat, kif inhu jew bħala parti minn prodott aktar kumpless, u tieħu r-responsabbiltà ta' wara l-bejgħ għall-prodott.

Nota: L-istipular biss ta' kulur, ta' daqs jew ta' numru tal-katalgu ma jikkostitwixxix speċifikazzjoni teknika fiha nnifisha. Il-manifattura ta' prodott magħmul speċifikament ma timplikax neċessarjament minnha nnifisha relazzjoni sottokuntrattwali.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tat-Taqsima F tal-NACE, il-pagamenti lis-sottokuntratturi jkunu pagamenti magħmula mill-unità lil partijiet terzi bi skambju għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni pprovduti bħala parti minn relazzjoni ta' sottokuntrattur.

Żewġ intrapriżi jkunu marbuta b'relazzjoni sottokuntrattwali, meta l-kundizzjonijiet A, B, C u D jkunu ssodisfati fl-istess ħin:

- A. L-intrapriża tal-klijent tagħmel kuntratt mal-intrapriża fornitriċi, minn issa 'l quddiem imsejħa "sottokuntrattur", għat-tweqqif ta' xogħlijiet jew ta' servizzi li jkunu inkorporati speċifikament fil-proċess tal-kostruzzjoni;
- B. L-intrapriża tal-klijent tkun responsabbli għall-prodott finali tal-proċess tal-kostruzzjoni, ir-responsabbiltà tkopri wkoll il-partijiet imwettqa mis-sottokuntratturi; is-sottokuntrattur jista', f'xi każijiet, iġorr ċerta responsabbiltà.
- C. L-intrapriża tal-klijent tipprovd speċifikazzjonijiet lis-sottokuntrattur, pereżempju, ix-xogħol jew is-servizz imwettaq mis-sottokuntrattur irid ikun imfassal speċifikament għall-iskopijiet tal-proġett speċifiku u, għalhekk, ma jistax ikun xogħol jew servizz standardizzati jew ikkatalogat.
- D. Il-kuntratt reċiproku ma jkunx irregolat b'xi mod ieħor minn ftehim ta' tip assoċjattiv, bħal tweġiba komuni għal sejħa għal offerti, konsorzju jew impriża konġunta, eċċ.

7) Varjabbli 240201: Tibdil fl-istokk tal-oġġetti

It-tibdil fl-istokks tal-oġġetti huwa d-differenza fil-valur totali ta' inventarji rikonoxxuti mill-unità statistika fl-aħħar u fil-bidu tal-perjodu ta' referenza. Il-valur tat-tali inventarji huwa dak li bih ikunu ġew rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji.

8) Varjabbli 240202: Tibdil fl-istokk ta' prodotti lesti u xogħol li għadu għaddej

Dan il-varjabbli huwa definit bħala t-tibdil fil-valur tal-istokk ta' prodotti lesti jew fil-proċess tal-produzzjoni, li ġew prodotti mill-unità statistika u li għadhom ma nbigħux, bejn l-ewwel u l-aħħar jiem tal-perjodu ta' referenza. Huwa parti minn Tibdil varjabbli fl-istokk ta' oġġetti.

Dawn il-prodotti jinkludu xogħol fil-proċess li jappartjeni għall-unità tal-istatistika, anke jekk il-prodotti inkwistjoni jkunu fil-pussess ta' partijiet terzi. Bl-istess mod, huma esklużi l-prodotti miżmuma mill-unità statistika li jappartjenu għal partijiet terzi.

L-istokks jiġu vvalutati skont il-kost tal-produzzjoni u jiġu vvalutati qabel l-aġġustamenti fil-valur (bħad-deprezzament).

9) **Varjabbli 240203: Tibdil fl-istokk tal-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid**

It-tibdil fl-istokk tal-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid huwa d-differenza fil-valur totali ta' inventarji rikonossuti mill-unità statistika fl-aħħar u fil-bidu tal-perjodu ta' referenza bħala oġġetti maħsuba għall-bejgħ mill-ġdid lil partijiet terzi mingħajr ipproċessar ulterjuri. Il-valur tat-tali inventarji huwa dak li bih ikunu ġew rikonossuti fir-rapporti finanzjarji. It-tibdil fl-istokk ta' oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid huwa parti mill-varjabbli Tibdil fl-istokk ta' oġġetti.

10) **Varjabbli 240301: Xirjiet totali ta' oġġetti u ta' servizzi ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

Ix-“total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 240101 taħt E1 u l-“intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż” bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

11) **Varjabbli 240302: Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi għall-bejgħ mill-ġdid ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

Ix-“Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi għall-bejgħ mill-ġdid” huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 240102 taħt E2 u “intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż” bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

F. OUTPUT U PRESTAZZJONI

1) **Varjabbli 140101: Produzzjoni (volum)**

L-istatistika tan-negozju dwar il-produzzjoni fit-terminu qasir hija meħtieġa bħala indiċi. L-indiċi tal-volum tal-produzzjoni huwa l-indikatur ta' referenza għall-iżvilupp ekonomiku u jintuża b'mod partikolari sabiex jiġu identifikati l-punti ta' bidla fl-iżvilupp ekonomiku fi stadju bikri. Jenħtieġ li jkun ippreżentat fil-forma ta' indiċi tat-tip Laspeyres, li jqabbel il-volum kurrenti ta' produzzjoni mal-volum korrispondenti ta' produzzjoni fil-perjodu bażi.

Mira teoretika tal-indiċi tal-volum tal-produzzjoni:

- Fid-dawl tal-istatistika dwar iċ-ċiklu tan-negozju, jenħtieġ li titkejjel il-produzzjoni proprja. It-termini “produzzjoni” jew “output” fis-sens tal-istatistika dwar iċ-ċiklu tan-negozju ma jinkludux inputs minn unitajiet oħra.
- Għalhekk, l-oġġettiv tal-indiċi tal-volum tal-produzzjoni huwa li jkejjel it-tibdiliet fil-volum tal-valur miżjud f'intervalli qrib xulxin u regolari.
- Jenħtieġ li t-tibdiliet fil-volum tal-valur miżjud imkejla japprossimaw b'mod ġenerali l-valur miżjud imkejjel mill-kunċetti tal-Kontijiet Nazzjonali tal-valur miżjud.

Prinċipji għall-kalkolu tal-indiċi tal-volum tal-produzzjoni:

- Id-*data* neċessarja għall-kumpilazzjoni tal-indiċi kif definita mill-mira teoretika normalment ma tkunx disponibbli fuq bażi ta' kull xahar.
- Għalhekk, il-valur miżjud bil-prezzijiet bażiċi jiġi kkalkolat biss għall-perjodu bażi speċjalment għall-aġġornament tal-ponderazzjonijiet. Jekk il-valur miżjud bil-prezzijiet bażiċi ma jkunx disponibbli, il-valur miżjud gross skont il-kost tal-fattur jista' jintuża bħala indikatur.
- It-tkomplija ta' kull xahar tal-valur miżjud fil-perjodu bażi ssir permezz ta' valuri indikaturi xierqa.

Kalkolu tal-valuri indikaturi għat-tkomplija. Il-valuri indikaturi xierqa għall-kontinwazzjoni tal-indiċi huma:

- it-tkomplija bil-valuri gross tal-produzzjoni (deflatati),
- it-tkomplija bil-volumi,
- it-tkomplija bil-fatturat (deflatati),
- it-tkomplija bl-input ta' xogħol,
- it-tkomplija bl-input ta' materja prima,
- it-tkomplija bl-input ta' enerġija.

Il-korrelazzjoni ta' dawn il-miżuri indikaturi bl-iżvilupp tal-valur miżjud tista' tvarja skont l-attività tas-suq. Għal kull attività tas-suq jenħtieġ li jintgħażel indikatur b'korrelazzjoni għolja.

Relazzjonijiet mal-Kontijiet Nazzjonali:

- Il-fehim komuni tat-terminu “indiċi ta' produzzjoni” bħala “evoluzzjoni tal-valur miżjud” jikkontradixxi d-definizzjoni ta' “produzzjoni” fil-qafas tal-kontijiet nazzjonali jew tal-istatistika strutturali tan-negozju.
- Fit-termini tal-kontijiet nazzjonali, l-indiċi tal-produzzjoni jirreferi għall-iżvilupp ta' “valur miżjud” fi prezzijiet kostanti, filwaqt li l-valur miżjud huwa fil-prinċipju l-output nieqes il-konsum intermedju bil-prezzijiet bażiċi.

2) **Varjabbli 140201: Volum tal-bejgħ**

Il-volum tal-bejgħ jirrappreżenta l-valur tal-fatturat nett fi prezzijiet kostanti u, għalhekk, huwa indiċi ta' kwantità. Jista' jiġi kkalkulat bħala fatturat nett fi prezzijiet kurrenti, deflatat bl-indikatur tal-prezz xieraq, jew bħala indiċi tal-kwantità dderivat direttament mill-kwantità ta' oġġetti mibjugħa.

3) **Varjabbli 140301: Fatturat Nett**

Għall-attivitàjiet kollha għajr 64, 65 tal-NACE u wħud mill-attivitàjiet 66 tal-NACE, il-fatturat nett jikkonsisti fl-introjtu kollu li jirriżulta matul il-perjodu ta' referenza matul l-attivitàjiet ordinarji tal-unità tal-istatistika, u jiġi ppreżentat nett mit-tnaqqis kollu fil-prezz, mill-iskontijiet u mir-ribassi mogħtija minnha.

L-introjtu huwa definit bħala żidiet fil-benefiċċji ekonomiċi matul il-perjodu ta' referenza fil-forma ta' flussi ta' dħul jew titjib tal-assi jew tnaqqis fl-obbligazzjonijiet li jirriżultaw f'żidiet fl-ekwità, minbarra dawk relatati mal-kontribuzzjonijiet minn parteċipanti fl-ekwità.

Il-flussi ta' dħul li ssir referenza għalihom jirriżultaw minn kuntratti ma' klijenti u huma rrealizzati permezz tas-sodisfazzjon mill-unità statistika tal-obbligi ta' prestazzjoni kif previsti f'dawn il-kuntratti. Normalment, obbligu tal-prestazzjoni jkun irrappreżentat mill-bejgħ (trasferiment) ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi, madankollu, il-flussi ta' dħul gross jista' jkun fihom ukoll dħul miksub bħala rendiment mill-użu minn oħrajn tal-assi tal-unità statistika.

Esklużi mill-fatturat nett hemm:

- it-taxxi, id-dazji jew l-imposti kollha marbuta direttament mad-dħul;
- kull ammont miġbur fisem kwalunkwe kapital, jekk l-unità statistika tkun qed taġixxi bħala aġent fir-relazzjoni tagħha mal-imsemmi kapital;
- l-introjtu kollu li ma jirriżultax fl-andament tal-attivitàjiet ordinarji tal-unità tal-istatistika. Normalment, dawn it-tipi ta' introjtu jiġu kklassifikati bħala “Introjtu (operatorju) ieħor”, “Introjtu finanzjarju”, “Introjtu straordinarju” jew taħt intestatura simili, skont is-sett rispettiv ta' standards kontabilistiċi ġeneralment aċċettati użati għat-thejjja tar-rapporti finanzjarji.

L-istatistika infraannwali tista' ma tkunx kapaċi tqis aspetti bħat-tnaqqis annwali fil-prezzijiet, sussidji, ribassi u skontijiet.

Għall-attivitàjiet ta' K6411, ta' K6419 u ta' K649 tal-NACE, il-fatturat nett huwa definit bħala l-valur tal-output nieqes is-sussidji jew l-għotjiet tal-gvern.

Għall-attivitàjiet ta' K642 u ta' K643 tal-NACE, il-fatturat nett jista' jiġi approssimat bil-kostijiet operatorji totali, jekk il-fatturat nett ma jkunx disponibbli fir-rapporti finanzjarji.

Għall-attivitàjiet ta' K6511, ta' K6512 u ta' K652 tal-NACE, il-fatturat nett huwa definit bħala l-Primjums gross miksuba.

Għall-attivitàjiet ta' K653 tal-NACE, il-fatturat nett huwa definit bħala l-kontribuzzjonijiet totali għall-pensjoni

Għal attivitàjiet ta' K66 tal-NACE li għalihom il-fatturat nett ma jkunx disponibbli fir-rapporti finanzjarji, il-fatturat nett huwa definit bħala l-valur tal-output nieqes is-sussidji jew l-għotjiet tal-gvern. Għall-attivitàjiet ta' K66 tal-NACE li għalihom il-fatturat nett ikun disponibbli fir-rapporti finanzjarji, tapplika d-definizzjoni standard ta' fatturat nett.

4) **Varjabbli 140302: fatturat domestiku nett**

5) **Varjabbli 140303: Fatturat mhux domestiku nett**

6) **Varjabbli 140304: Fatturat mhux domestiku nett (żona tal-euro)**

7) **Varjabbli 140305: Fatturat mhux domestiku nett (mhux fiż-żona tal-euro)**

L-indiċi tal-fatturat domestiku u mhux domestiku nett jirrikjedi li l-fatturat nett jinqasam skont l-ewwel destinazzjoni tal-prodott abbażi tat-tibdil fis-sjieda (kemm jekk ikun hemm ukoll movimenti fiżiċi korrispondenti ta' oġġetti bejn il-fruntieri kif ukoll jekk le). Id-destinazzjoni hija ddeterminata mir-residenza tal-parti terza li tkun xtrat l-oġġetti u s-servizzi.

8) **Varjabbli 250101: Fatturat Nett**

L-istess bħad-definizzjoni għall-varjabbli 140301 taħt F3

9) **Varjabbli 250102: Fatturat nett mill-agrikoltura, mill-forestrija, mis-sajd u mill-attivitajiet industrijali**

Il-parti mill-fatturat nett idderivata minn attivitajiet ikklassifikati fit-Taqsimiet A sa F tal-NACE.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

10) **Varjabbli 250103: Fatturat nett mill-attivitajiet industrijali**

Il-parti mill-fatturat nett idderivata minn attivitajiet ikklassifikati fit-Taqsimiet B sa F tal-NACE.

Huwa inkluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

11) **Varjabbli 250104: Fatturat nett mill-attivitajiet industrijali minbarra l-kostruzzjoni**

Il-parti mill-fatturat nett idderivata minn attivitajiet ikklassifikati fit-Taqsimiet B sa E tal-NACE.

Huwa inkluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

12) **Varjabbli 250105: Fatturat nett mill-kostruzzjoni**

Il-parti mill-fatturat nett idderivata minn attivitajiet ikklassifikati fit-Taqsima F tal-NACE.

Huwa inkluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

13) **Varjabbli 250106: Fatturat nett mill-attivitajiet ta' servizz**

Dħul mis-servizzi kollha mogħtija (servizzi bankarji u tal-assigurazzjoni, servizzi tan-negozju u personali).

Dan il-varjabbli jinkludi l-fatturat nett minn attivitajiet ta' servizz li jirriżultaw minn attività prinċipali jew sekondarja; ċerti attivitajiet ta' servizz jistgħu jitwettqu minn unitajiet industrijali. Dawn l-attivitajiet huma kklassifikati fit-taqsimiet H sa N u P sa S tal-NACE u wkoll fil-Gruppi 45.2 u 45.4 tal-manutenzjoni u tat-tiswija tat-Taqsima G tal-NACE.

14) **Varjabbli 250107: Fatturat nett mill-attivitajiet kummerċjali ta' xiri u ta' bejgħ mill-ġdid u mill-attivitajiet intermedjarji**

Il-parti mill-fatturat nett idderivata mill-attivitajiet kummerċjali ta' xiri u ta' bejgħ mill-ġdid tal-unità u l-attività intermedjarja tal-unità. Din tikkorrispondi għall-bejgħ ta' oġġetti mixtrija mill-unità fl-isimha stess u għan-nom proprju tagħha u mibjugħa mill-ġdid fl-istess kundizzjoni li ġew akkwistati fihom, jew wara t-tali tikkettar, imballaġġ u tgeżwir li ġeneralment jiġu pprattikati f'intrapriżi kummerċjali tad-distribuzzjoni kif ukoll kwalunkwe kummissjonijiet fuq xirjiet u bejgħ mill-ġdid magħmula fl-isem ta' partijiet terzi u għan-nom tagħhom, u attivitajiet simili.

Il-bejgħ mill-ġdid jista' jiġi disaggregat f':

- bejgħ mill-ġdid lil negozjanti oħrajn, lil utenti professjonali, eċċ. (bejgħ bl-ingrossa);
- bejgħ mill-ġdid lil unitajiet domestiċi jew lil utenti fuq skala żgħira (bejgħ bl-imnut).

Dawn l-attivitajiet huma kklassifikati fit-Taqsima G (ħlief għall-Gruppi 45.2 u 45.4 tal-manutenzjoni u tat-tiswija) tal-NACE.

15) Varjabbli 250108: Fatturat nett mill-bini

Il-parti mill-fatturat nett idderivata minn attivitajiet ikklassifikati fid-Diviżjoni F41 tal-NACE.

Huwa inkluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

16) Varjabbli 250109: Fatturat nett mill-inġinerija ċivili

Il-parti mill-fatturat nett idderivata minn attivitajiet ikklassifikati fid-Diviżjoni F42 tal-NACE

Huwa inkluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

17) Varjabbli 250110: Fatturat nett mill-attività prinċipali fil-livell ta' tliet ċifri tal-NACE

Il-parti tal-fatturat nett idderivata mill-attività prinċipali tal-unità. L-attività prinċipali ta' unità tiġi determinata skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 696/93.

Huwa inkluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali.

Huwa eskluż il-fatturat nett idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

18) Varjabbli 250111: Fatturat nett mis-sottokuntrattar

Għall-istatistika dwar l-attivitajiet tat-Taqsima F ta-NACE, il-Fatturat nett minn sottokuntrattar huwa l-fatturat nett iġġenerat mix-xoġhljiet ta' kostruzzjoni tal-unità stess ipprovdut lil parti terza taħt relazzjoni sottokuntrattwali.

Żewġ intrapriżi jkunu marbuta b'relazzjoni sottokuntrattwali, meta l-kundizzjonijiet A, B, C u D jkunu ssodisfati fl-istess ħin:

- A. L-intrapriża tal-klijent tagħmel kuntratt mal-intrapriża fornitriċi, minn issa 'l quddiem imsejħa "sottokuntrattur", għat-tweqqif ta' xoġhljiet jew ta' servizzi li jkunu inkorporati speċifikament fil-proċess tal-kostruzzjoni;
- B. L-intrapriża tal-klijent tkun responsabbli għall-prodott finali tal-proċess tal-kostruzzjoni, ir-responsabbiltà tkopri wkoll il-partijiet imwettqa mis-sottokuntratturi; is-sottokuntrattur jista', f'xi każijiet, iġorr ċerta responsabbiltà.
- C. L-intrapriża tal-klijent tippovdi speċifikazzjonijiet lis-sottokuntrattur, pereżempju, ix-xoġhol jew is-servizz imwettaq mis-sottokuntrattur irid ikun imfassal speċifikament għall-iskopijiet tal-proġett speċifiku u, għalhekk, ma jistax ikun xoġhol jew servizz standardizzat jew ikkatalogat.
- D. Il-kuntratt reċiproku ma jkunx irregolat b'xi mod ieħor minn ftehim ta' tip assoċjattiv, bħal tweġiba komuni għal sejħa għal offerti, konsorzju jew impriża konġunta, eċċ.

19) Varjabbli 250112: Fatturat nett skont ir-residenza tal-klijent

Il-fatturat nett għandu jfisser il-fatturat nett kif definit għall-varjabbli 140301 taħt F3. Il-kunċett ta' residenza huwa konformi mar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

20) Varjabbli 250113: Fatturat nett skont il-prodott

Il-fatturat nett għandu jfisser il-fatturat nett kif definit għall-varjabbli 140301 taħt F3. Id-disaggregazzjoni skont il-prodott hija bbażata fuq is-CPA.

21) Varjabbli 250201: Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid

Jikkorrispondi għad-dħul mill-attività ta' xiri u ta' bejgħ mill-ġdid mingħajr ipproċessar ulterjuri. Huwa kkalkolat mill-fatturat nett relatat ma' attivitajiet tan-negożju ta' xiri u ta' bejgħ mill-ġdid mingħajr ipproċessar ulterjuri, it-total tax-xirjiet għall-bejgħ mill-ġdid u t-tibdiliet fl-istokk ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid.

Inklużi fil-marġni gross fuq oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid huma l-bejgħ, ix-xirjiet u t-tibdiliet fl-istokk ta' oġġetti u ta' servizzi relatati ma' oġġetti u ma' servizzi li jinxtraw sabiex jiġu pprovduti lil partijiet terzi fl-istess kundizzjoni.

Imsejjaħ ukoll marġni gross kummerċjali.

22) **Varjabbli 250301: Valur tal-output**

Il-valur tal-output jirrappreżenta l-valur tal-output totali tal-unità statistika, iġġenerat matul il-perjodu ta' referenza.

Għall-attivitàjiet kollha ħliet għall-attivitàjiet ta' 64, 65 u 66 tal-NACE, dan huwa s-somma ta':

- + Fatturat nett,
- ± Tibdil fl-istokk ta' oġġetti lesti u xogħol li għadu għaddej,
- ± Tibdil fl-istokk tal-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid,
- + Introjtu minn sussidji relatati mal-prodott jew mal-fatturat u
- + Output ikkapitalizzat
- Xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid.

Introjtu minn sussidji relatati mal-prodotti jew mal-fatturat huwa kwalunkwe introjtu li joriġina mill-assistenza mill-gvern mogħtija lill-unità statistika u rikonoxxuta bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza.

L-output ikkapitalizzat huwa ż-żieda totali tal-assi fit-tul kollha awtoġenerati, rikonoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza.

Għall-attivitàjiet ta' K6411 tal-NACE, il-valur tal-output huwa definit bħala spejjeż amministrattivi oħra minbarra l-kostijiet tal-persunal flimkien mat-tariffi u mal-ispejjeż tal-kummissjoni flimkien mal-kostijiet tal-persunal flimkien mad-deprezzament tal-assi fissi tanġibbli u intanġibbli.

Għall-attivitàjiet ta' K6419 u ta' K649 tal-NACE, il-valur tal-output huwa definit bħala l-imgħax riċevibbli u introjtu simili nieqes l-imgħax pagabbli u imposti simili flimkien mal-Kummissjonijiet riċevibbli flimkien mal-Introjtu minn ishma u minn titoli oħra b'rendiment varjabbli flimkien mal-Profitt nett jew mat-telf nett fuq l-operazzjonijiet finanzjarji flimkien mal-Introjtu minn sussidji relatati mal-prodotti jew mal-fatturat. Għal xi attivitàjiet ta' K6499, il-valur tal-output huwa l-fatturat nett flimkien mas-sussidji jew mal-għotjiet mill-gvern jew jista' jiġi approssimat bil-kostijiet operatorji totali, jekk il-fatturat nett ma jkunx disponibbli fir-rapporti finanzjarji.

Għall-attivitàjiet ta' K642 u K643 tal-NACE, il-valur tal-output huwa l-fatturat nett flimkien mas-sussidji jew mal-għotjiet mill-gvern jew jista' jiġi approssimat bil-kost operatorju totali, jekk il-fatturat nett ma jkunx disponibbli fir-rapporti finanzjarji.

Għall-attivitàjiet ta' K6511 tal-NACE, il-valur tal-output huwa definit bħala l-Primjums gross miksuba flimkien

mal-Introjtu mill-investimenti nieqes l-Introjtu minn interess parteċipanti nieqes l-aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq l-investimenti flimkien mal-Introjtu mill-investimenti tar-riassiguraturi fuq is-sehem tagħhom mill-provvedimenti tekniċi gross tal-intrapriża flimkien ma' Qligħ mhux realizzat fuq l-investimenti flimkien ma' Introjtu ieħor tekniku, nett mir-riassigurazzjoni nieqes il-Pretensjonijiet imħallsa flimkien ma'/nieqes it-Tibdiliet fil-provvedimenti għall-pretensjonijiet (iż-żieda trid titnaqqas, it-tnaqqis irid jiżdied) flimkien ma'/nieqes it-Tibdil fi provvedimenti tekniċi oħra netti mir-riassigurazzjoni (il-kostijiet iridu jitnaqqsu, jenħtieġ li jiżdied l-introjtu) flimkien ma'/nieqes (Jekk disponibbli) it-Tibdiliet fi provvedimentni tekniċi oħra, fis-sehem tar-riassiguraturi (il-kostijiet iridu jitnaqqsu, l-introjtu jrid jiżdied) flimkien ma'/nieqes (Jekk disponibbli) it-Tibdil fil-fond għal approprjazzjonijiet futuri (jenħtieġ li l-kostijiet jitnaqqsu, jenħtieġ li jiżdied l-introjtu) nieqes il-Bonuses u r-ribassi, nett mir-riassigurazzjoni nieqes it-telf fuq ir-realizzazzjoni tal-investimenti nieqes it-telf mhux realizzat fuq l-investimenti flimkien ma' introjtu ieħor.

Għall-attivitàjiet ta' K6512 u ta' K652 tal-NACE, il-valur tal-output huwa definit bħala Primjums gross miksuba flimkien mal-Introjtu mill-investimenti nieqes l-Introjtu minn interessi parteċipanti nieqes l-Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq l-investimenti flimkien mal-Introjtu mill-investimenti tar-riassiguraturi fuq is-sehem tagħhom mill-provvedimentni tekniċi gross tal-intrapriża flimkien ma' Introjtu tekniku ieħor, nett mir-riassigurazzjoni flimkien ma' Introjtu ieħor nieqes il-Pretensjonijiet imħallsa flimkien ma'/nieqes it-Tibdil fil-provvediment għall-pretensjonijiet (iż-żieda trid titnaqqas, it-tnaqqis irid jiżdied) nieqes it-Telf fuq ir-realizzazzjoni fuq l-investimenti nieqes il-Bonuses u r-ribassi, l-ammont nett flimkien ma'/nieqes it-Tibdil fil-provvediment ta' ugwalizzazzjoni (jenħtieġ li l-kostijiet jitnaqqsu, l-introjtu jrid jiżdied) flimkien ma'/nieqes it-Tibdiliet fi provvedimenti tekniċi oħra, mhux murija taħt intestaturi oħra (jenħtieġ li l-kostijiet jitnaqqsu, jenħtieġ li jiżdied l-introjtu).

Għall-attivitàjiet ta' K653 tal-NACE, il-valur tal-output huwa definit bħala l-fatturat nett nieqes il-primjums tal-assigurazzjoni pagabbli flimkien ma' introjtu mill-investimenti flimkien ma' introjtu ieħor flimkien ma' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni riċevibbli nieqes in-nefqa totali fuq il-pensjonijiet nieqes it-tibdil nett fil-provvedimenti tekniċi (iż-żidiet fil-provvedimenti tekniċi għandhom jitnaqqsu mill-valur tal-output u t-tnaqqis għandu jiżdied). Inkella, il-valur tal-output jista' jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-kostijiet.

Għall-attivitàjiet ta' K66 tal-NACE li għalihom il-fatturat nett ma jkunx disponibbli fir-rapporti finanzjarji, il-valur tal-output huwa definit bħala l-imgħax riċevibbli u introjtu simili nieqes l-imgħax pagabbli u imposti simili flimkien mal-kummissjonijiet riċevibbli flimkien mal-introjtu minn ishma u minn titoli oħra b'rendiment varjabbli flimkien mal-profit nett jew mat-telf nett fuq l-operazzjonijiet finanzjarji flimkien mal-introjtu minn sussidji relatati mal-prodotti jew mal-fatturat.

Għall-attivitàjiet ta' K66 tal-NACE li għalihom il-fatturat nett ikun disponibbli fir-rapporti finanzjarji, il-valur tal-output huwa definit bħala l-fatturat nett flimkien mal-output ikkapitalizzat flimkien mal-introjtu minn sussidji relatati mal-prodott jew mal-fatturat.

23) **Varjabbli 250401: Valur miżjud**

Il-valur miżjud huwa indikatur kompost tal-introjtu operatorju nett, aġġustat għad-deprezzament, għall-ammortizzament u għall-benefiċċji tal-impjegati, bil-komponenti kollha li jiġu rikonnoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza. Il-valur tiegħu jinkiseb permezz tal-formula:

+ Fatturat nett

+ Introjtu minn sussidji relatati mal-prodott jew mal-fatturat

+ Output ikkapitalizzat

± Tibdil fl-istokk tal-oġġetti

– Total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi.

24) **Varjabbli 250501: Surplus operatorju gross**

Is-surplus operatorju gross huwa s-surplus iġġenerat mill-attivitàjiet operatorji wara li jkun ġie kkumpensat l-input mill-fattur tal-ħaddiema.

Jista' jiġi kkalkolat mill-valur miżjud nieqes l-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati. Huwa l-bilanċ disponibbli għall-unità li jippermettilha tikkumpensa lura lill-fornituri ta' fondi proprji u tad-dejn, tħallas it-taxxi u eventwalment tiffinanzja l-investment kollu tagħha jew parti minnu.

25) **Varjabbli 250601: Fatturat nett ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

Il-"fatturat nett" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 140301 taħt F3 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż" bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

26) **Varjabbli 250701: Valur tal-output ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

Il-"valur tal-output" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 250301 taħt F22 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż" bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

27) **Varjabbli 250801: Valur miżjud ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż**

Il-"valur miżjud" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 250401 taħt F23 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż" bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

28) **Varjabbli 250901: Fatturat nett ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u ta' affiljati domestiċi**

Il-"fatturat nett" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 140301 taħt F3 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż (il-kunċett ta' UCI) u affiljati domestiċi" bħal fil-każ tal-varjabbli 210401 taħt A14.

29) **Varjabbli 440101: Fatturat nett ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur**

Il-"fatturat nett" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 140301 taħt F3 u l-"intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż taħt il-kontroll aħħari ta' unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur" bħal fil-każ tal-varjabbli 410101 taħt A25.

30) Varjabbli 251001: Produzzjoni mibjugħa

Il-produzzjoni mibjugħa hija definita bħala l-produzzjoni mwettqa fi kwalunkwe ħin u fit-territorju ekonomiku ta' kull pajjiż, li tkun inbiegħet (fatturata) matul il-perjodu ta' referenza. Il-produzzjoni tista' ssir taħt l-attivitajiet primarji jew sekondarji tal-intrapriża. Tinkludi l-produzzjoni mibjugħa (fatturata) bejn unitajiet differenti ta' tip ta' attività li jkunu jappartjenu għall-istess intrapriża.

31) Varjabbli 251002: Produzzjoni taħt operazzjonijiet sottokuntrattati

Il-produzzjoni mwettqa minn sottokuntrattur, fit-territorju ekonomiku ta' kull pajjiż, li tkun inbiegħet (fatturata) matul il-perjodu ta' referenza lill-prinċipali fil-linja skont il-kundizzjonijiet għall-operazzjonijiet sottokuntrattati kif speċifikat mil-linji gwida tas-CPA. Il-produzzjoni tista' ssir taħt l-attivitajiet primarji jew sekondarji tal-intrapriża.

32) Varjabbli 251003: Produzzjoni attwali

Il-produzzjoni attwali tinkludi kwalunkwe produzzjoni, imwettqa matul il-perjodu ta' referenza u fit-territorju ekonomiku ta' kull pajjiż, li hija inkorporata fil-manifattura ta' prodotti oħra. Din tinkludi dawk il-prodotti li, jew fl-unità ta' tip ta' attività nnifisha, jew f'unità ta' tip ta' attività oħra li tappartjeni għall-istess intrapriża:

- ikunu maħsuba għall-bejgħ,
- jiġu proċessati fi prodott ieħor,
- jitwawhhu fi prodott ieħor, jew
- jitqiegħdu fl-istokk.

G. INVESTIMENTI**1) Varjabbli 260101: Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli**

Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli jinkludi ż-żidiet kollha f'assi mhux kurrenti tanġibbli, rikonoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza, ħlief xi żidiet minn rivalutazzjonijiet jew minn treġġigħ lura ta' telf minn indeboliment rikonoxxut qabel u minn riklassifikazzjonijiet (trasferimenti) ta' assi mhux kurrenti tanġibbli oħrajn.

Iż-żidiet jinkludu, akkwisti, lokazzjonijiet finanzjarji, titjib, alterazzjonijiet, rinnovamenti, kostruzzjonijiet, awtokostruzzjonijiet u kwalunkwe spiża kkapitalizzata, kif permess mill-istandards kontabilistiċi applikabbli li jiddefinixxu l-kriterji ta' rikonoxximent u ta' valwazzjoni, iżda mhumiex limitati għalihom.

2) Varjabbli 260102: Investiment gross f'art

Investiment gross f'art jinkludi ż-żidiet kollha f'art, f'depożiti ta' taħt l-art, f'foresti u filmijiet interni, f'assi tanġibbli ta' esplorazzjoni u ta' evalwazzjoni, fl-estrazzjoni, f'assi taż-żejt u tal-gass u oħrajn simili, rikonoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza. Investiment gross fl-art huwa parti mill-varjabbli Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli.

3) Varjabbli 260103: Investiment gross fl-akkwiżizzjoni ta' binjiet eżistenti

Investiment gross fl-akkwiżizzjoni ta' binjiet eżistenti jinkludi kull żieda jew akkwist ta' binjiet u ta' strutturi simili diġà użati (jiġifieri mhux ġodda) fil-mument tal-akkwiżizzjoni, rikonoxxuti bħala tali mill-unità tal-istatistika matul il-perjodu ta' referenza.

Investiment gross fl-akkwiżizzjoni ta' binjiet eżistenti huwa parti mill-varjabbli Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli.

4) Varjabbli 260104: Investiment gross fil-kostruzzjoni u fit-titjib tal-binjiet

Investiment gross fil-kostruzzjoni u fit-titjib tal-binjiet jinkludi kull wieħed u waħda minn dawn:

- żidiet fil-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda għall-użu proprju (awtokostruzzjoni),
- akkwisti ta' binjiet ġodda (normalment ir-riżultat ta' kuntratt ta' kostruzzjoni, li l-benefiċjarju tiegħu jkun l-unità statistika li tirrapporta),

- żidiet, alterazzjonijiet, titjib u rinnovazzjonijiet kapitalizzati fbinjiet eżistenti (jekk x'aktarx li l-unità statistika tirċievi benefiċċji ekonomiċi addizzjonali assoċjati magħhom), rikonoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza.

Investiment gross fil-kostruzzjoni u fit-titjib tal-binjiet huwa parti mill-varjabbli Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli.

5) Varjabbli 260105: Investiment gross fil-makkinarju u fit-tagħmir

L-investment gross f'makkinarju u fit-tagħmir jinkludi ż-żidiet kollha fil-makkinarju, fil-vetturi, fit-tagħmir u l-fittings, fit-tagħmir tal-uffiċċju, fit-tagħmir tal-kompjuter, tal-komunikazzjoni u tan-networks kif ukoll oħrajn simili, rikonoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza.

Investiment gross fil-makkinarju u fit-tagħmir huwa parti mill-varjabbli Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli.

6) Varjabbli 260106: Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, għajr avvjament

Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, minbarra avvjament, jinkludi ż-żidiet kollha f'assi mhux kurrenti intanġibbli, rikonoxxuti bħala tali mill-unità statistika matul il-perjodu ta' referenza, ħlief avvjament.

Iż-żidiet jinkludu akkwisti, lokazzjonijiet finanzjarji, titjib, żidiet alterazzjonijiet, rinnovamenti, kostruzzjonijiet, awtokostruzzjonijiet u kwalunkwe spiża kkapitalizzata, kif permess mill-istandards kontabilistiċi applikabbli li jiddefinixxu l-kriterji ta' rikonoxximent u ta' valwazzjoni u fejn huwa definit it-terminu "avvjament" ukoll, iżda mhumiex limitati għalihom.

7) Varjabbli 260107: Investiment f'software mixtri

L-investment f'software mixtri huwa rikonoxxut bħala assi intanġibbli jekk u biss jekk ikun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri li jkunu attribwiti lill-assi jgħaddu għall-intrapriża u jekk il-kost tal-assi jkun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Jekk ix-xiri ta' software ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, dan jiġi rikonoxxut bħala spiża meta jiġġarrab u jiġi inkluż fil-valur tat-"Total tax-xirjiet ta' oġġetti u ta' servizzi".

L-investment f'software mixtri jinkludi l-prezz tax-xiri tiegħu, inklużi kwalunkwe dazju tal-importazzjoni u taxxi fuq l-akkwist mhux rimborżabbli, u kwalunkwe nefqa li tista' tkun attribwita direttament għat-tħejija tas-software għall-użu intenzjonat tiegħu. In-nefqa li tista' tkun attribwita direttament tinkludi, pereżempju, tariffi professjonali għall-installazzjoni tiegħu. Kwalunkwe skont u ribass kummerċjali jitnaqqsu sabiex jinkiseb il-kost.

8) Varjabbli 260108: Rikavat mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli

Ir-rikavat mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli jinkludi l-valur ta' oġġetti kapitali tanġibbli eżistenti, mibjugħa lil partijiet terzi. Il-bejgħ ta' oġġetti kapitali tanġibbli huwa vvalutat bil-prezz attwalment riċevut (esklużi l-VAT), u mhux bil-valur kontabilistik, wara li jitnaqqas kwalunkwe kost tat-trasferiment tas-sjieda mħallas mill-bejgiegħ. Il-valur tal-aġġustamenti u d-disponimenti għajr dawk bil-bejgħ huma esklużi.

9) Varjabbli 260201: Investiment gross ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż f'assi mhux kurrenti tanġibbli

L-"investment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 260101 taħt G1 u "intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż" bħal fil-każ tal-varjabbli 210301 taħt A13.

10) Varjabbli 430101: Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli ta' intrapriżi barra mill-pajjiż fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati minn unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur

L-"investment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli" huwa definit bħal fil-każ tal-varjabbli 260101 taħt G1 u l-"intrapriżi barra mill-pajjiż taħt il-kontroll aħħari ta' unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur" bħal fil-każ tal-varjabbli 410101 taħt A25.

H. PROPRJETÀ IMMOBBLI

1) Varjabbli 150101: Permessi tal-bini - Numru ta' abitazzjonijiet

Permess tal-bini huwa awtorizzazzjoni sabiex jinbeda xogħol fuq proġett ta' bini. Bħala tali, permess huwa l-istadju finali tal-awtorizzazzjonijiet tal-ippjanar u l-bini mill-awtoritajiet pubbliċi, qabel ma jinbeda ix-xogħol. Informazzjoni oħra, pereżempju, l-approvazzjoni dettaljata ta' ppjanar mogħtija u l-bidu tal-bini, tista' tintuża sabiex tikkomplementa s-sorsi tad-data dwar proġetti ġodda ta' bini.

Jenħtieġ li dawn il-permessi tal-bini jipprovdu indikazzjoni tajba tal-volum ta' xogħol għall-industrija tal-bini fil-futur qrib, għalkemm dan jista' ma jkunx il-każ meta proporzjon kbir mill-permessi ma jintużax jew meta jkun hemm dewmien twil bejn il-permessi u l-bidu tal-bini.

Ir-Regolament (UE) 2019/2152 jitlob *data* biss dwar binjiet ġodda u konverżjonijiet ta' bini mhux residenzjali f'binjiet residenzjali, anke jekk il-permessi tal-bini jistgħu jingħataw għal kostruzzjonijiet u għal xogħlijiet oħra.

Il-binjiet huma suddiviżi f'binjiet residenzjali u mhux residenzjali.

Il-binjiet residenzjali huma kostruzzjonijiet li tal-anqas nofshom jintużaw għal skopijiet residenzjali. Jekk anqas minn nofs l-erja totali utli tal-art tintuża għal finijiet residenzjali, il-bini jiġi kklassifikat taħt bini mhux residenzjali f'konformità mad-disinn orjentat lejn l-iskop tiegħu.

Huwa l-oġġettiv tal-varjabbli tan-numru ta' permessi tal-bini ta' abitazzjonijiet li juri l-iżvilupp futur tal-attività ta' kostruzzjoni f'termini ta' numri ta' unitajiet.

Dan il-varjabbli huwa kkompilat min-numru ta' abitazzjonijiet f'binjiet residenzjali ġodda li għalihom inħarġu permessi tal-bini (li jkopru binjiet residenzjali b'abitazzjoni waħda u binjiet residenzjali b'żewġ abitazzjonijiet u aktar). Abitazzjoni hija kamra jew sensiela ta' kmamar u l-aċċessorji tagħhom f'binjiet permanenti jew parti minn din isseparata strutturalment li, minnħabba l-mod ta' kif inbniet, inbniet mill-ġdid, ġiet ikkonvertita u l-bqija, tkun maħsuba għall-abitazzjoni privata. Jenħtieġ li jkollha aċċess separat għat-triq (direttament jew permezz ta' parapett jew żona) jew għal spazju komuni fi ħdan il-bini (taraġ, passaġġ, gallarija, u l-bqija). Jenħtieġ li kmamar stakkati għall-abitazzjoni li kjarment ikunu se jintużaw bħala parti mill-abitazzjoni jingħaddu bħala parti mill-abitazzjoni. Għalhekk, abitazzjoni tista' tkun magħmula minn binjiet separati fi ħdan l-istess spazju magħluq, dment li dawn ikunu maħsuba biċ-ċar għall-abitazzjoni tal-istess unità domestika privata.

Estensjonijiet ta' binjiet residenzjali eżistenti li għalihom ma jkun meħtieġ l-ebda permess ta' bini mhumiex ikkunsidrati bħala abitazzjonijiet għal din l-istatistika.

2) **Varjabbli 150102: Permessi tal-bini - Metri kwadri (ta' erja utli tal-art jew kejl alternattiv tad-daqs)**

"Permessi tal-bini" huma definiti bħal fil-każ tal-varjabbli 150101 taħt H1. Huwa l-oġġettiv tal-varjabbli tal-permessi tal-bini bl-erja utli tal-art li juri l-iżvilupp futur tal-attività ta' kostruzzjoni f'termini ta' volum.

Dan il-varjabbli jiġi kkompilat mill-metri kwadri ta' erja utli tal-art ta' binjiet residenzjali u mhux residenzjali ġodda li għalihom ingħataw permessi. L-erja utli tal-art ta' bini titkejjel 'il gēwwa mill-ħitan esterni tiegħu, għajr:

- żoni ta' kostruzzjoni (eż. żoni ta' komponenti ta' demarkazzjoni, appoġġi, kolonni, pilastru, xaftijiet, ċmieni),
- żoni funzjonali għal użu anċillari (eż. żoni użati minn installazzjonijiet tat-tisħin jew tal-arja kundizzjonata, jew minn ġeneraturi tal-enerġija elettrika),
- żoni passaġġi (eż. żoni fejn ikun hemm taraġ, lifts, jew skala mobbli).

Il-parti taż-żona utli ġenerali ta' bini użata għal skopijiet residenzjali tinkludi ż-żona użata għall-kċejjen, għas-salotti, għall-kmamar tas-sodda u għall-kmamar anċillari, għall-kantini u għall-kmamar komuni tal-unitajiet residenzjali.

Jekk l-informazzjoni dwar l-erja utli tal-art ma tkunx direttament disponibbli mid-*data* miġbura, din tista' tiġi stmata fuq il-bażi tas-sorsi disponibbli.

ANNEX V

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti inkluż il-kummerċ tal-oġġetti skont il-karatteristiċi tal-intrapriża

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Taqsim 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “oġġetti” tfisser kull proprjetà mobbli, inklużi l-enerġija elettrika u l-gass naturali;
- (b) “esportazzjoni ta’ oġġetti” tfisser il-movimenti fiżiċi kollha ta’ oġġetti li titnaqqas mill-istokk ta’ riżorsi materjali ta’ Stat Membru billi titlaq mit-territorju statistiku ta’ dan l-Istat Membru lejn destinazzjoni fit-territorju statistiku ta’ Stat Membru ieħor jew ta’ pajjiż mhux membru;
- (c) “importazzjoni ta’ oġġetti” tfisser il-movimenti fiżiċi kollha ta’ oġġetti li jiżdedu mal-istokk ta’ riżorsi materjali ta’ Stat Membru billi tidħol fit-territorju statistiku ta’ dan l-Istat Membru mit-territorju statistiku ta’ Stat Membru ieħor jew minn pajjiż mhux membru;
- (d) “oġġetti jew movimenti speċifiċi” tfisser l-oġġetti jew il-movimenti ta’ oġġetti msemmija fil-Kapitolu III ta’ dan l-Anness, li min-natura tagħhom stess, ivarjaw mill-prinċipju ta’ reġistrazzjoni tal-movimenti fiżiċi tal-oġġetti minn naħa għal oħra tal-fruntiera ta’ Stat Membru jew li jeħtieġu provvedimenti metodoloġiċi speċifiċi differenti mill-provvedimenti applikabbli għall-oġġetti jew għall-movimenti l-oħra kollha;
- (e) “oġġetti tal-Unjoni” tfisser “oġġetti tal-Unjoni” kif definita fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;
- (f) “oġġetti mhux tal-Unjoni” tfisser “oġġetti mhux tal-Unjoni” kif definita fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;
- (g) “dikjarazzjoni doganali” tfisser “dikjarazzjoni doganali” kif definita fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;
- (h) “deċiżjoni mill-awtoritajiet doganali” tfisser kwalunkwe att uffiċjali mill-awtoritajiet doganali relatat ma’ dikjarazzjonijiet doganali aċċettati u li għandhom effett legali fuq persuna waħda jew aktar;
- (i) “pajjiż mhux membru” tfisser kull pajjiż jew territorju li ma jifformax parti mit-territorju statistiku tal-Unjoni Ewropea;
- (j) “oġġetti fi tranżitu bejn l-Istati Membri” tfisser oġġetti li, fi triqithom lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni, jiċċaqilqu minn ġo kwalunkwe Stat Membru intermedjarju jew jieqfu għal raġunijiet relatati biss mat-trasport tal-oġġetti, mingħajr ma dak il-moviment ikun importazzjoni jew esportazzjoni ta’ oġġetti f’dak l-Istat Membru;
- (k) “sjieda ekonomika” tfisser id-dritt li jintalbu l-benefiċċji assoċjati mal-użu ta’ ass permezz tal-aċċettazzjoni tar-riskji assoċjati; is-sid ekonomiku ta’ ass mhux neċessarjament ikun is-sid legali;
- (l) “oġġetti fi kważi esportazzjoni” tfisser oġġetti li jinġiebu minn Stat Membru ieħor fl-Istat Membru li fih jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali, bl-għan li dawn l-oġġetti jiġu ddikjarati għall-esportazzjoni, bil-kundizzjoni li l-esportatur ma jkunx stabbilit fl-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali, u li d-dħul fl-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali ma jkunx akkwist intra-Unjoni ta’ oġġetti jew tranżazzjoni ttrattata bħala tali kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE;
- (m) “oġġetti fi kważi-importazzjoni” tfisser oġġetti li jiġu rrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fi Stat Membru, mingħajr ma l-importatur ikun stabbilit f’dak l-Istat Membru, u li sussegwentement jiġu esportati lejn Stat Membru ieħor;
- (n) “ipproċessar” tfisser azzjonijiet jew operazzjonijiet (manifattura, trasformazzjoni, kostruzzjoni, assemblaġġ, tiših, rinnovament, eċċ.) bl-oġġettiv li tinkiseb jew tiġi prodotta merkanzija ġdida jew imtejba b’mod sinifikanti;

- (o) "Stat Membru jew pajjiż mhux membru tal-kostruzzjoni" tfisser l-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru fejn twettaq l-aħħar ipproċessar jew xogħol sostanzjali u ekonomikament iġġustifikat fuq merkanzija mhux lesta.

Taqsim 2

L-Istat Membru tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni intra-Unjoni u barra mill-Unjoni; Stat Membru rapportatur

1. Għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ tal-oġġetti intra-Unjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "Stat Membru tal-esportazzjoni intra-Unjoni" tfisser l-Istat Membru li mit-territorju statistiku tiegħu jiġu esportati l-oġġetti lejn id-destinazzjoni tagħhom fi Stat Membru ieħor;
 - (b) "Stat Membru tal-importazzjoni intra-Unjoni" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju statistiku tiegħu jiġu importati l-oġġetti minn Stat Membru ieħor.
2. Għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ tal-oġġetti barra mill-Unjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "Stat Membru tal-esportazzjoni barra mill-Unjoni" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju statistiku tiegħu jkunu jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali jew fil-mument tar-riesportazzjoni.

Madankollu, fil-każ ta' oġġetti fi kważi esportazzjoni, jekk ikun jista' jiġi ddeterminat l-"Istat Membru tal-esportazzjoni attwali" kif speċifikat fit-tieni subparagrafu tat-Taqsima 17(2) ta' dan l-Anness, l-"Istat Membru tal-esportazzjoni barra mill-Unjoni" għandu jkun l-Istat Membru tal-esportazzjoni attwali.
 - (b) "Stat Membru tal-importazzjoni barra mill-Unjoni" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju statistiku tiegħu jkunu jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali.
3. Id-definizzjoni tal-Istat Membru tal-esportazzjoni u l-importazzjoni intra-UE u barra mill-Unjoni tista' tiġi adattata għall-iskop tal-oġġetti jew tal-movimenti speċifiċi.
4. Sabiex jipprovdi statistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Istat Membru rapportatur għandu jkun l-Istat Membru tal-esportazzjoni, fil-każ tal-esportazzjonijiet, u l-Istat Membru tal-importazzjoni, fil-każ tal-importazzjonijiet.

Taqsim 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri l-kummerċ intra-Unjoni u barra mill-Unjoni tal-oġġetti.
2. Il-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti għandu jkopri:
 - (a) l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti li ġejja li titlaq mill-Istat Membru tal-esportazzjoni għal destinazzjoni fi Stat Membru ieħor:
 - (i) oġġetti tal-Unjoni, ħliet oġġetti li jkunu fi tranżitu bejn l-Istati Membri;
 - (ii) oġġetti mhux tal-Unjoni mqiegħda fl-Istat Membru tal-esportazzjoni taħt il-proċedura doganali ta' pproċessar attiv.
 - (b) l-importazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti li ġejjin li jidħlu fl-Istat Membru tal-importazzjoni, li inizjalment ikunu ġew esportati minn Stat Membru ieħor:
 - (i) oġġetti tal-Unjoni, ħliet oġġetti li jkunu fi tranżitu bejn l-Istati Membri;
 - (ii) oġġetti mhux tal-Unjoni li qabel kienu fl-Istat Membru tal-esportazzjoni taħt il-proċedura doganali ta' pproċessar attiv, li jinżammu taħt il-proċedura doganali ta' pproċessar attiv jew li jiġu rrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Istat Membru tal-importazzjoni.

3. Il-kummerċ barra mill-Unjoni tal-oġġetti għandu jkopri:
- (a) esportazzjonijiet barra mill-Unjoni ta' oġġetti li jtilqu mit-territorju statistiku tal-Unjoni:
- (i) f'konformità ma' waħda mill-proċeduri doganali li ġejjin stabbiliti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni:
- esportazzjoni;
 - ipproċessar passiv.
- (ii) b'applikazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni:
- oġġetti mhux tal-Unjoni riesportati temporanjament għal ipproċessar ulterjuri;
 - oġġetti tal-Unjoni maħruġa barra mit-territorju doganali tal-Unjoni wara li jkunu tqiegħdu taħt il-proċedura tal-użu aħħari;
 - oġġetti riesportati mhux tal-Unjoni, sabiex tiġi rilaxxata proċedura ta' pproċessar attiv.
- (b) importazzjonijiet barra mill-Unjoni ta' oġġetti li jidħlu fit-territorju statistiku tal-Unjoni f'konformità ma' waħda mill-proċeduri doganali li ġejjin stabbiliti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni:
- (i) ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera inkluż l-użu aħħari;
- (ii) l-ipproċessar attiv.
4. L-ambitu tal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti jista' jiġi adattat għal oġġetti jew għal movimenti speċifiċi.
5. Għal raġunijiet metodoloġiċi, ċerti oġġetti jew movimenti għandhom ikunu esklużi mill-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti. Dawn l-oġġetti u l-movimenti huma elenkati fl-Appendiċi.

Taqsim 4

Territorju statistiku

1. It-territorju statistiku tal-Unjoni għandu jinkludi t-territorji statistiċi tal-Istati Membri. It-territorju statistiku ta' Stat Membru għandu jikkorrispondi għat-territorju tiegħu kif meqjus għad-determinazzjoni tat-territorju doganali tal-Unjoni fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.
2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, it-territorju statistiku tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandu jinkludi l-gżira ta' Heligoland.
3. Id-definizzjoni tat-territorju statistiku tal-Istati Membri tista' tiġi adattata għall-fini tal-oġġetti jew tal-movimenti speċifiċi.

Taqsim 5

Perjodu referenzjarju

1. Għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti, il-perjodu ta' referenza għandu jkun:
- (a) ix-xahar kalendarju li fih issir l-importazzjoni jew l-esportazzjoni;
- (b) ix-xahar kalendarju li matulu jseħħ l-avveniment taxxabbli għall-oġġetti tal-Unjoni li fuqhom issir imponibbli l-VAT għal provvisti u għal akkwisti intra-Komunitarji, kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.
- Madankollu, meta l-intervall ta' żmien bejn l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u l-avveniment taxxabbli jkun itwal minn xahrejn kalendarji, il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar li fih isseħħ l-importazzjoni jew l-esportazzjoni; jew
- (c) ix-xahar kalendarju li matulu d-dwana taċċetta d-dikjarazzjoni fejn id-dikjarazzjoni doganali tintuża bħala sors tad-data.
2. Għall-finijiet tal-istatistika tal-kummerċ barra mill-Unjoni tal-oġġetti, il-perjodu ta' referenza għandu jkun:
- (a) ix-xahar kalendarju li fih issir l-importazzjoni jew l-esportazzjoni;

- (b) ix-xahar kalendarju li matulu d-dwana taċċetta d-dikjarazzjoni fejn id-dikjarazzjoni doganali tintuża bħala sors tad-data.
3. Il-perjodu ta' referenza jista' jiġi adattat għall-iskop tal-oġġetti jew tal-movimenti speċifiċi.

Taqsimha 6

Esportatur u importatur

1. L-esportatur għandu jkun l-operatur ekonomiku li jwettaq attivitajiet li jirriżultaw fl-esportazzjoni ta' oġġetti.

L-esportatur iwettaq dawn l-attivitajiet meta:

- (a) jikkonkludi l-kuntratt, bl-eċċezzjoni tal-kuntratti tat-trasport, li jwassal għall-esportazzjoni tal-oġġetti mill-Istat Membru tal-esportazzjoni; jew, fin-nuqqas ta' dan
- (b) joħroġ oġġetti mill-Istat Membru tal-esportazzjoni jew jipprovdi għall-esportazzjoni tal-oġġetti fl-Istat Membru tal-esportazzjoni; jew, fin-nuqqas ta' dan
- (c) ikun fil-pussess ta' oġġetti li jkunu suġġetti għall-esportazzjoni fl-Istat Membru tal-esportazzjoni.

2. L-importatur għandu jkun l-operatur ekonomiku li jwettaq attivitajiet li jirriżultaw fl-importazzjoni ta' oġġetti.

L-importatur iwettaq dawn l-attivitajiet meta:

- (a) jikkonkludi l-kuntratt, bl-eċċezzjoni tal-kuntratti tat-trasport, li jwassal għall-importazzjoni tal-oġġetti fl-Istat Membru tal-importazzjoni; jew, fin-nuqqas ta' dan
- (b) idaħħal oġġetti fl-Istat Membru tal-importazzjoni jew jipprovdi għall-importazzjoni tal-oġġetti fl-Istat Membru tal-importazzjoni; jew, fin-nuqqas ta' dan
- (c) ikun fil-pussess ta' oġġetti li jkunu soġġetti għall-importazzjoni fl-Istat Membru tal-importazzjoni.

3. Id-definizzjoni ta' esportatur u ta' importatur tista' tiġi adattata għal oġġetti jew għal movimenti speċifiċi.

Taqsimha 7

Unità ta' rapportar għall-istatistika tal-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti

1. L-unità ta' rapportar għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti għandha tkun il-persuna taxxabli definita fit-Titolu III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽¹⁾ jew persuna ġuridika mhux taxxabli identifikata b'numru ta' identifikazzjoni individwali allokat lil dik il-persuna f'konformità mal-Artikolu 214 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, fl-Istat Membru tal-esportazzjoni,

- (a) li tkun iddikjarat il-provvisti intra-Unjoni tal-oġġetti f'konformità mal-Artikolu 251(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE; jew, fin-nuqqas ta' dan

- (b) l-esportatur kif definit fit-Taqsima 6.

2. L-unità ta' rapportar għall-istatistika dwar l-importazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti, kull meta jintuża stħarriġ' bħala sors tad-data, għandha tkun il-persuna taxxabli definita fit-Titolu III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE jew persuna ġuridika mhux taxxabli identifikata b'numru ta' identifikazzjoni individwali allokat lil dik il-persuna f'konformità mal-Artikolu 214 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, fl-Istat Membru tal-importazzjoni,

- (a) li tkun iddikjarat l-akkwist intra-Unjoni tal-oġġetti f'konformità mal-Artikolu 251(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE; jew, fin-nuqqas ta' dan

- (b) l-importatur kif definit fit-Taqsima 6.

3. Id-definizzjoni ta' unità ta' rapportar tista' tiġi adattata għal oġġetti jew għal movimenti speċifiċi.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1)

Taqsim 8

Obbligi tal-unitajiet ta' rapportar għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti

1. L-unitajiet ta' rapportar għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandhom l-obbligu li juru bil-provi l-korrettezza tal-informazzjoni statistika pprovduta, fuq talba tal-awtorità nazzjonali tal-istatistika (NSA) tal-Istat Membru fejn huma jkunu pprovdew l-informazzjoni.
2. Nuqqas ta' kwalunkwe unità ta' rapportar milli ttipprovi l-informazzjoni sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament għandu jagħmel l-unità ta' rapportar responsabbli għal kwalunkwe penali li jistabbilixxu l-Istati Membri.
3. L-importatur fl-Istat Membru tal-importazzjoni għandu jkun obligat li jassisti lill-NSA fl-Istat Membru tal-importazzjoni fl-iċċarar ta' kwistjonijiet dwar il-kwalità tad-*data* relatati mal-informazzjoni statistika, esklussivament għall-fini tal-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data* dwar l-importazzjonijiet intra-Unjoni.

KAPITOLU II

SPEĊIFIKAZZJONI TA' ELEMENTI TAD-DATA STATISTIKA

Taqsim 9

Ammont taxxabli u l-ekwivalenti tiegħu

1. L-ammont taxxabli għandu jkun il-valur li għandu jiġi ddeterminat għal finijiet ta' tassazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE. Għall-prodotti soġġetti għal dazji, l-ammont ta' dawn id-dazji għandu jkun eskluż mill-ammont taxxabli.

Kull meta l-ammont taxxabli ma jkunx meħtieġ li jiġi ddikjarat għall-finijiet ta' tassazzjoni, l-ekwivalenti tiegħu għandu jikkorrispondi għall-valur tal-fattura, eskluża l-VAT, jew fin-nuqqas ta' dan, għal ammont li kien ikun fatturat fil-każ ta' kwalunkwe bejgħ jew xiri.

Fil-każ ta' pproċessar, l-ekwivalenti tal-ammont taxxabli għandu jkun iddeterminat fuq bażi gross kif ġej:

- (a) il-valur tal-oġġetti bl-għan ta' pproċessar għandu jkun l-ammont totali li jkun iffatturat f'każ ta' bejgħ jew ta' xiri;
- (b) il-valur tal-oġġetti wara l-ipproċessar għandu jkun il-valur tal-oġġetti bl-għan ta' pproċessar flimkien mal-valur miżjud tal-attività ta' pproċessar.

2. L-ammont taxxabli u l-ekwivalenti tiegħu għandhom ikunu espressi fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru rapportatur.

Meta tkun meħtieġa konverżjoni ta' munita sabiex jiġi espress l-ammont taxxabli u l-ekwivalenti tiegħu fil-munita nazzjonali, ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għandha tkun kif imsemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' Taqsim 10(5).

Taqsim 10

Valur statistiku

1. Il-valur statistiku għandu jkun il-valur tal-oġġetti fil-ħin u fil-post li taqsam il-fruntiera tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, fil-mument tal-esportazzjoni, u tal-Istat Membru tal-importazzjoni, fil-mument tal-importazzjoni.

Għall-finijiet tal-istatistika dwar il-kummerċ intra-Unjoni tal-oġġetti, il-valur statistiku għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-ammont taxxabli u l-ekwivalenti tiegħu msemmija fit-Taqsima 9, aġġustat, fejn meħtieġ, għall-ispejjeż incidental skont il-paragrafu 4.

Għall-finijiet tal-istatistika dwar il-kummerċ barra mill-Unjoni tal-oġġetti, il-valur statistiku għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-valur tal-oġġetti msemmi fil-paragrafi 2 u 3, aġġustat, fejn meħtieġ, għall-ispejjeż incidental skont il-paragrafu 4.

2. Il-valur tal-oġġetti għal esportazzjonijiet jew għal importazzjonijiet barra mill-Unjoni għandu jkun:
- (a) fil-każ ta' bejgħ jew ta' xiri, il-prezz attwalment imħallas jew pagabbli għall-oġġetti importati jew esportati, bl-esklużjoni ta' valuri arbitrari jew fittizji;
 - (b) f'każijiet oħrajn, il-prezz li kien kieku jitħallas fil-każ ta' bejgħ jew ta' xiri.

Il-valur doganali għandu jintuża jekk jiġi ddeterminat skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għal oġġetti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera inkluż l-użu aħħari.

3. Fil-każ ta' pproċessar jew ta' tranżazzjonijiet oħra li mhumiex fatturati, il-valur tal-oġġetti għal esportazzjonijiet jew għal importazzjonijiet barra mill-Unjoni għandu jiġi ddeterminat fuq bażi gross kif ġej:

- (a) il-valur tal-oġġetti bl-għan ta' pproċessar, jew fil-każ ta' tranżazzjonijiet oħra li ma jkunux iffatturati, għandu jkun l-ammont totali li jkun iffatturat f'każ ta' bejgħ jew ta' xiri;
- (b) il-valur tal-oġġetti wara l-ipproċessar għandu jkun il-valur tal-oġġetti bl-għan ta' pproċessar flimkien mal-valur miżjud tal-attività ta' pproċessar.

4. L-ammont taxxabblu u l-ekwivalenti tiegħu kif imsemmija fit-Taqsima 9 għall-kummerċ intra-Unjoni u l-valur kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 għall-kummerċ barra l-Unjoni għandhom jiġu aġġustati, fejn meħtieġ, b'tali mod li l-valur statistiku jkun fih biss u interament l-ispejjeż inċidentali, bħall-kostijiet tat-trasport u tal-assigurazzjoni, imġarrba sabiex l-oġġetti jitwasslu mill-post tat-tluq tagħhom:

- (a) sal-fruntiera tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, f'każ ta' esportazzjoni;
- (b) sal-fruntiera tal-Istat Membru tal-importazzjoni, f'każ ta' importazzjoni.

5. Il-valur statistiku tal-oġġetti għandu jkun espress fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru rapportatur.

Fejn konverżjoni ta' munita hija meħtieġa sabiex jiġi espress il-valur statistiku tal-oġġetti fil-munita nazzjonali, ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għandha tkun:

- (a) ir-rata applikabbli skont id-dispożizzjonijiet dwar il-konverżjoni tal-munita stabbiliti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fil-mument li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni doganali; jew, fin-nuqqas ta' dan
- (b) ir-rata applikabbli għad-determinazzjoni tal-ammont taxxabblu għall-finijiet ta' tassazzjoni, meta din tkun stabbilita; jew, fin-nuqqas ta' dan
- (c) ir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument meta l-oġġetti jiġu importati jew esportati stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-Istati Membri li jappartjenu għaż-żona tal-euro jew ir-rata uffiċjali stabbilita mill-Istati Membri li ma jappartjenux għaż-żona tal-euro fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni speċjali deċiża mill-Istati Membri.

Taqsima 11

Kwantità tal-oġġetti

Il-quantità tal-oġġetti għandha tkun:

- (a) il-massa netta, li tfisser il-massa attwali tal-oġġetti minbarra l-imballaġġ kollu.
- (b) fejn applikabbli, il-quantità fl-unitajiet supplimentari, li tfisser il-quantità minbarra l-massa netta, skont in-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

*Taqsimha 12***Stati Membri tal-UE u l-pajjiżi sħab**

1. “Stat Membru tal-kunsinna” tfisser l-Istat Membru li minnu l-oġġetti ġew inizjalment esportati lejn l-Istat Membru tal-importazzjoni jekk la tranżazzjoni kummerċjali (eż. bejgħ jew ipproċessar) u lanqas waqfien mhux relatat mat-trasport ma jkunu seħħew fi Stat Membru intermedju. Jekk ikunu seħħew tali waqfien jew tranżazzjoni kummerċjali, l-Istat Membru tal-kunsinna għandu jkun l-aħħar Stat Membru intermedju fejn ikunu seħħew it-tali waqfien jew tranżazzjonijiet.
2. “Stat Membru tad-destinazzjoni” tfisser l-Istat Membru li jkun magħruf, fil-ħin tal-esportazzjoni, li l-oġġetti se jiġu esportati fih.
3. “Pajjiż ta’ oriġini” tfisser l-Istat Membru jew il-pajjiż minn fejn joriġinaw l-oġġetti.

Oġġetti li jkunu kompletament miksuba jew prodotti fi Stat Membru jew f’pajjiż jew f’territorju wieħed joriġinaw f’dak l-Istat Membru jew il-pajjiż jew it-territorju.

Oġġetti li l-produzzjoni tagħhom tkun tinvolvi aktar minn Stat Membru jew pajjiż jew territorju wieħed għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat Membru jew fil-pajjiż jew fit-territorju fejn ikun sarillhom l-aħħar ipproċessar jew xogħol sostanzjali u ekonomikament iġġustifikat f’intrapriża mgħammra għal dak l-għan, li jirriżulta fil-manifattura ta’ prodott għdid jew li jirrappreżenta stadju importanti tal-manifattura.

L-oriġini tal-oġġetti mhux tal-Unjoni tiġi ddeterminata f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar l-oriġini mhux preferenzjali.

4. “Pajjiż tal-kunsinna” għandu jkun il-pajjiż li minnu l-oġġetti jiġu inizjalment esportati lejn l-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-oġġetti fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali jekk la tranżazzjoni kummerċjali (eż. bejgħ jew ipproċessar) u lanqas waqfien mhux relatat mat-trasport ma jkunu seħħew f’pajjiż intermedju. Jekk ikunu seħħew tali waqfien jew tranżazzjoni kummerċjali, il-pajjiż tal-kunsinna għandu jkun l-aħħar pajjiż intermedju fejn ikunu seħħew it-tali waqfien jew tranżazzjonijiet.
5. Il-“pajjiż tal-aħħar destinazzjoni magħrufa” huwa definit bħala l-aħħar pajjiż li, fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali jew fil-mument tar-riesportazzjoni, ikun magħruf li l-oġġetti se jiġu esportati fih.

*Taqsimha 13***Komodità**

“Komodità” tfisser oġġetti skont in-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta’ referenza.

*Taqsimha 14***Natura tat-tranżazzjoni**

1. “Natura tat-tranżazzjoni” tfisser il-karatteristiċi differenti (xiri/bejgħ, xogħol skont kuntratt, eċċ.) li huma meqjusa utli sabiex issir distinzjoni bejn tranżazzjoni u oħra, b’mod partikolari għall-finijiet tal-Bilanċ tal-Pagamenti u tal-Kontijiet Nazzjonali.
2. Id-disaggregazzjoni tan-natura tat-tranżazzjoni hija speċifikata fit-Tabella 1 tal-Parti C tal-Anness I ta’ dan ir-Regolament.

*Taqsimha 15***Modalità tat-trasport**

1. Il-“modalità tat-trasport fil-fruntiera” tfisser il-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu jkun preżunt li l-oġġetti:
 - (a) titlaq mit-territorju statistiku tal-Istat Membru tal-esportazzjoni, fil-każ ta’ esportazzjonijiet intra-Unjoni, jew mit-territorju statistiku tal-Unjoni speċifikat fit-Taqsimha 4, fil-każ ta’ esportazzjonijiet barra mill-Unjoni; jew
 - (b) tidħol fit-territorju statistiku tal-Istat Membru tal-importazzjoni, fil-każ ta’ importazzjonijiet intra-Unjoni, jew mit-territorju statistiku tal-Unjoni speċifikat fit-Taqsimha 4, fil-każ ta’ importazzjonijiet barra mill-Unjoni.
2. “Modalità interna tat-trasport”, jekk applikabbli, tfisser il-mezz attiv tat-trasport intern fuq l-art li bih l-oġġetti jitilqu mill-post tat-tluq, fil-każ ta’ esportazzjoni, jew li jkun preżunt li jkunu waslu fil-post tal-wasla, fil-każ ta’ importazzjoni.

3. "Kontejner" tfisser informazzjoni dwar jekk l-oġġetti jiġux ittrasportati f'kontejners jew le meta jaqsmu l-fruntiera tat-territorju statistiku tal-Unjoni.

4. Id-disaggregazzjoni tal-modalità tat-trasport hija speċifikata fit-Tabella 2 tal-Parti C tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Taqsim 16

Operatur sieħeb fl-Istat Membru tal-importazzjoni

L-operatur sieħeb fl-Istat Membru tal-importazzjoni għandu jkun il-persuna taxxabli jew il-persuna ġuridika mhux taxxabli identifikata b'numru ta' identifikazzjoni individwali allokat lil dik il-persuna f'konformità mal-Artikolu 214 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, fl-Istat Membru tal-importazzjoni,

(a) li tkun iddikjarat l-akkwist intra-Unjoni tal-oġġetti f'konformità mal-Artikolu 251(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE; jew, fin-nuqqas ta' dan

(b) l-importatur kif definit fit-Taqsima 6.

Taqsim 17

L-Istat Membru tad-destinazzjoni preżunta u l-Istat Membru tal-esportazzjoni attwali

1. Fejn l-oġġetti jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew jitqiegħdu taħt proċedura ta' użu aħħari, l-Istat Membru tad-destinazzjoni preżunta għandu jkun l-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali.

Madankollu, meta fil-mument li titfassal id-dikjarazzjoni doganali jkun magħruf li l-oġġetti se jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor wara r-rilaxx, dan l-Istat Membru tal-aħħar għandu jkun l-Istat Membru tad-destinazzjoni preżunta.

Fejn l-oġġetti jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali ta' pproċessar attiv, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn issir l-ewwel attività ta' pproċessar.

2. L-Istat Membru tal-esportazzjoni attwali għandu jkun l-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-oġġetti fil-waqt tar-rilaxx fil-proċedura doganali.

Madankollu, fil-każ ta' oġġetti fi kważi esportazzjoni kif definita fit-Taqsima 1(l), l-Istat Membru tal-esportazzjoni attwali għandu jkun l-Istat Membru li minnu jkunu nġiebu l-oġġetti fl-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-oġġetti fil-mument tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali.

Fejn l-oġġetti jiġu esportati wara proċedura doganali ta' pproċessar attiv, l-Istat Membru tal-esportazzjoni attwali għandu jkun l-Istat Membru fejn tkun twettqet l-aħħar attività ta' pproċessar.

Taqsim 18

Proċedura statistika

"Proċedura statistika" tfisser il-karatteristiċi differenti użati sabiex jiddistingwu tipi differenti ta' importazzjonijiet u ta' esportazzjonijiet, b'mod partikolari skont it-tqegħid tagħhom taħt proċedura doganali, kif speċifikat fit-Tabella 3 tal-Parti C tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Taqsim 19

Trattament preferenzjali fuq l-importazzjonijiet

1. Id-*data* dwar it-trattament preferenzjali għandha tkun it-trattament tariffarju indikat mill-kodiċi ta' preferenza skont il-klassifikazzjoni stabbilita mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

2. Id-*data* għandha tirreferi għat-trattament preferenzjali applikat jew mogħti mill-awtoritajiet doganali.

Taqsim 20

Termini tal-konsenja

"Termini tal-konsenja" tfisser dawk id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' bejgħ li jistabbilixxu l-obbligi tal-bejjieġh u tax-xerrej, rispettivament, f'konformità mal-Incoterms tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ.

KAPITOLU III

OĠĠETTI JEW MOVIMENTI SPEĊIFIĊI

Taqsimta 21

Bastimenti u inġenji tal-ajru

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsimta:
 - (a) "bastiment" tfisser bastimenti lesti meqjusa bħala li jbaħħru f'konformità mal-Kapitolu 89 tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza, laneċ tal-irmonk, bastimenti tal-gwerra u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma;
 - (b) "inġenji tal-ajru" tfisser ajruplani lesti u inġenji tal-ajru oħra li l-piż tara tagħhom jaqbeż 1-2 000 kg; ajruplani oħra u inġenji tal-ajru oħra, ħelikopters, inġenji tal-ispazju, vetturi suborbitali u ta' varar ta' inġenji spazjali mhumiex koperti minn dawn id-dispożizzjonijiet.
2. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri biss l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet li ġejjin ta' bastimenti u ta' inġenji tal-ajru:
 - (a) it-trasferiment tas-sjieda ekonomika ta' bastiment jew ta' inġenju tal-ajru minn persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż mhux membru lil persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fl-Istat Membru rapportatur. Dan għandu jinkludi trasferimenti bil-ħsieb li jtkisser jew jiġi skrappjat bastiment jew inġenju tal-ajru. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala importazzjoni;
 - (b) it-trasferiment tas-sjieda ekonomika ta' bastiment jew ta' inġenju tal-ajru minn persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fl-Istat Membru rapportatur għal persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż mhux membru. Dan għandu jinkludi trasferimenti bil-ħsieb li jtkisser jew jiġi skrappjat bastiment jew inġenju tal-ajru. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala esportazzjoni;
 - (c) it-trasferiment tas-sjieda ekonomika ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru ġodda mill-Istat Membru jew minn pajjiż mhux membru tal-konstruzzjoni kif definit fit-Taqsimta 1(o) lill-ewwel sid ekonomiku tagħhom wara l-konstruzzjoni tagħhom;
 - (d) l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru għall-fini ta' pproċessar skont kuntratt jew wara tali pproċessar skont kuntratt kif definit fit-Taqsimta 1(n).
3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' bastimenti u ta' inġenji tal-ajru, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) Il-perjodu ta' referenza għall-esportazzjonijiet u għall-importazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 għandu jkun ix-xahar meta jseħħ it-trasferiment tas-sjieda ekonomika. Il-perjodu ta' referenza għall-esportazzjonijiet u għall-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(d) għandu jkun ix-xahar kalendarju li fih isseħħ l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.
 - (b) L-Istat Membru jew il-pajjiż sieħeb għandu jkun:
 - (i) L-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru fejn tkun stabbilita l-persuna ġuridika jew fiżika li tittrasferixxi s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru, fil-każ ta' importazzjoni, jew il-persuna ġuridika jew fiżika li tkun ġiet ittrasferita s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru lilha, fil-każ ta' esportazzjoni, għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2(a) u 2(b);
 - (ii) L-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru tal-konstruzzjoni, fil-każ ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru ġodda, fil-każ ta' importazzjoni;
 - (iii) L-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru fejn hija stabbilita l-persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru, għall-importazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru bil-ħsieb ta' pproċessar skont kuntratt, u għall-esportazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru wara l-ipproċessar skont kuntratt;
 - (iv) L-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru li jwettaq l-ipproċessar għall-esportazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru bil-ħsieb ta' pproċessar skont kuntratt, u għall-importazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru wara l-ipproċessar skont kuntratt.

(c) Il-valur statistiku għall-esportazzjonijiet u għall-importazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 għandu jkun l-ammont totali li jkun fatturat – esklużi l-kostijiet tat-trasport u tal-assigurazzjoni – fil-każ ta' bejgħ jew ta' xiri tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru kollu.

(d) Il-kwantità għandha tiġi espressa fl-unitajiet supplimentari stabbiliti fin-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza, għall-bastimenti, u f'massa netta u fl-unitajiet supplimentari stabbiliti fin-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza, għall-inġenji tal-ajru.

4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) L-importatur għandu jkun:

- (i) il-persuna ġuridika jew fiżika li tkun ġiet ittrasferita s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru lilha għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(a);
- (ii) il-persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita sjieda ekonomika fuq il-bastiment jew l-inġenju tal-ajru għall-importazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru wara l-ipproċessar skont kuntratt;
- (iii) il-persuna ġuridika jew fiżika li twestaq l-ipproċessar għall-importazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru bil-ħsieb ta' pproċessar skont kuntratt.

(b) L-esportatur għandu jkun:

- (i) il-persuna ġuridika jew fiżika li minnha tkun ġiet ittrasferita s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(b) u 2(c);
- (ii) il-persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita sjieda ekonomika fuq il-bastiment jew l-inġenju tal-ajru għall-esportazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru bil-ħsieb ta' pproċessar skont kuntratt;
- (iii) il-persuna ġuridika jew fiżika li wettqet l-ipproċessar għall-esportazzjonijiet ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru wara pproċessar skont kuntratt.

Fuq it-talba tal-NSA, l-esportaturi u l-importaturi nnominati minn dik l-awtorità għandhom jipprovdu l-informazzjoni statistika f'konformità mal-paragrafu 3 jew prova ta' inkorrettezza tat-tali nomina.

5. L-Awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika (NSAs) għandu jkollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli tad-data li jista' jkollhom b'zonn sabiex jikkompilaw l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2. B'mod partikolari, fuq it-talba tal-NSAs, l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tar-reġistri tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha disponibbli.

Taqsim 22

Oġġetti kkonsenjati lil bastimenti u lil inġenji tal-ajru

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

- (a) "konsenja ta' oġġetti lil bastimenti u lil inġenji tal-ajru" tfisser il-konsenja ta' oġġetti għall-ekwipaġġ u għall-passiġġieri għall-konsum matul il-vjaġġ, u għat-tħaddim tal-magni, ta' makkinarji u ta' tagħmir ieħor ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru;
- (b) bastiment jew inġenju tal-ajru għandu jitqies li jappartjeni għall-Istat Membru jew għall-pajjiż mhux membru fejn tkun stabbilita l-persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita s-sjieda ekonomika fuq il-bastiment jew l-inġenju tal-ajru kif definita fit-Taqsima 1(k). Fil-kuntest ta' din it-Taqsima, is-sjieda ekonomika tista' tiġi ddeterminata mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru.

2. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri biss l-esportazzjonijiet ta' oġġetti kkonsenjati mit-territorju statistiku tal-Istat Membru rapportatur lil bastimenti u lil inġenji tal-ajru li jappartjenu għal Stat Membru ieħor jew għal pajjiż mhux membru.

3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet tal-oġġetti lil bastimenti u lil inġenji tal-ajru, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar meta l-oġġetti jiġu kkonsenjati lil bastiment jew lil inġenju tal-ajru.
- (b) Tista' tintuża disaggregazzjoni ssimplifikata tal-komoditajiet, kif speċifikata fit-Tabelli 34 u 35 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (c) Jistgħu jintużaw kodiċijiet issimplifikati tal-Istati Membri sħab jew tal-pajjiżi sħab.
- (d) Il-massa netta għandha tkun ikkumulata biss għal oġġetti li jappartjenu għall-kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

Taqsim 23

Oġġetti kkonsenjati lil u minn installazzjonijiet offshore

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsim:

- (a) "installazzjoni offshore" tfisser tagħmir u apparat li għandhom jiġu installati, jew installati u stazzjonarji fuq il-baħar barra mit-territorju statistiku ta' kwalunkwe Stat Membru;
- (b) "oġġetti kkonsenjati lil installazzjonijiet offshore" tfisser il-konsenja ta' oġġetti għall-ekwipaġġ, għat-tħaddim ta' magni, ta' makkinarji u ta' tagħmir ieħor ta' installazzjoni offshore;
- (c) "oġġetti għall-użu għall-bini ta' installazzjoni offshore" tfisser il-konsenja ta' oġġetti li jservu sabiex tinbena installazzjoni offshore għalhekk jew tiġi estiża waħda eżistenti;
- (d) "oġġetti miksuba jew prodotti minn installazzjonijiet offshore" tfisser oġġetti estratti minn qiegħ il-baħar jew mis-saff ta' taħt il-ħamrija, jew immanifatturati minn installazzjoni offshore, u oġġetti miksuba miż-żarmar tal-installazzjoni offshore; il-gass naturali u l-enerġija elettrika miksuba jew prodotti minn installazzjonijiet offshore mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet f'din it-Taqsim iżda mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 26 u 27 rispettivament;
- (e) installazzjoni offshore għandha titqies li tappartjeni għall-Istat Membru jew għal pajjiż mhux membru jekk tkun stabbilita f'żona fejn l-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru jkollu drittijiet esklussivi sabiex juża dak il-qiegħ tal-baħar jew is-saff ta' taħt il-ħamrija jew ikollu dritt li jawtorizza tali użu.

2. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri:

(a) importazzjoni ta' oġġetti kkonsenjati minn:

- (i) Stat Membru ieħor jew pajjiż mhux membru lejn l-installazzjoni offshore tal-Istat Membru rapportatur;
- (ii) l-installazzjoni offshore ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż mhux membru lill-Istat Membru rapportatur;
- (iii) installazzjoni offshore ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż mhux membru lill-installazzjoni offshore tal-Istat Membru rapportatur;

(b) l-esportazzjoni ta' oġġetti kkonsenjati lil:

- (i) Stat Membru ieħor jew pajjiż mhux membru mill-installazzjoni offshore tal-Istat Membru rapportatur;
- (ii) l-installazzjoni offshore ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż mhux membru mill-Istat Membru rapportatur;
- (iii) installazzjoni offshore ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż mhux membru mill-installazzjoni offshore tal-Istat Membru rapportatur.

3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' oġġetti kkonsenjati lil u minn installazzjonijiet offshore, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar meta l-oġġetti jiġu kkonsenjati lil jew minn installazzjoni offshore.

- (b) Għal oġġetti kkonsenjati lil installazzjonijiet offshore, tista' tintuża disaggregazzjoni ssimplifikata tal-komoditajiet, kif speċifikata fit-Tabelli 34 u 35 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Għal oġġetti miksuba jew prodotti minn installazzjonijiet offshore u għal oġġetti għall-użu għall-bini ta' installazzjoni offshore, għandu jintuża l-kodiċi tal-komodità tas-subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ.

- (c) Għal oġġetti kkonsenjati lil installazzjonijiet offshore, jistgħu jintużaw kodiċijiet issimplifikati ta' Stat Membru sieħeb jew ta' pajjiż sieħeb.

- (d) Il-massa netta għandha tkun ikkumulata għal oġġetti kkonsenjati lil installazzjonijiet offshore li jaqgħu taħt il-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza, għal oġġetti għall-użu għall-bini ta' installazzjoni offshore, u għal oġġetti miksuba jew prodotti minn installazzjonijiet offshore.

Fejn applikabbli, għandha tiġi kkumulata l-kwantità fl-unitajiet supplimentari stabbiliti fin-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza għal oġġetti għall-użu għall-bini ta' installazzjoni offshore, u għal oġġetti miksuba jew prodotti minn installazzjonijiet offshore.

Taqsim 24

Prodotti tal-baħar

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsim:

- (a) "prodotti tal-baħar" tfisser prodotti tas-sajd, minerali, il-merkanzija salvata u l-prodotti l-oħra kollha, jekk mhux koperti bid-dispożizzjonijiet tat-Taqsim 23, li jkunu għadhom ma nhattux minn bastimenti li jbaħħru;
- (b) bastiment għandu jitqies li jappartjeni għall-Istat Membru jew għall-pajjiż mhux membru fejn tkun stabbilita l-persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita s-sjeda ekonomika fuq il-bastiment kif definita fit-Taqsim 1(k). Fil-kuntest ta' din it-Taqsim, is-sjeda ekonomika tista' tiġi ddeterminata mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment.

2. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet li ġejjin ta' oġġetti tal-baħar:

- (a) il-ħatt ta' prodotti tal-baħar fil-portijiet tal-Istat Membru rapportatur, jew l-akkwist tagħhom minn bastimenti li jappartjenu għall-Istat Membru rapportatur minn bastimenti li jappartjenu għal Stat Membru ieħor jew għal pajjiż mhux membru. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala importazzjonijiet;
- (b) il-ħatt ta' prodotti tal-baħar fil-portijiet ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż mhux membru minn bastiment li jappartjeni għall-Istat Membru rapportatur, jew l-akkwist tagħhom minn bastimenti li jappartjenu għal Stat Membru ieħor jew għal pajjiż mhux membru minn bastimenti li jappartjenu għall-Istat Membru rapportatur. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala esportazzjonijiet.

3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-baħar, il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar meta l-prodotti tal-baħar jinhatu f'port jew ix-xahar meta jseħħ l-akkwist tal-prodotti tal-baħar.

4. L-NSAs għandu jkollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli tad-data li jista' jkollhom b'zonn sabiex japplikaw din it-Taqsim.

Taqsim 25

Inġenji spazjali

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsim, "inġenji spazjali" tfisser satelliti u oġġetti oħra li jistgħu jivvjaġġaw barra mill-atmosfera tad-dinja, u partijiet minn dawn l-oġġetti; vetturi tal-varar mhumiex koperti b'dawn id-dispożizzjonijiet.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsim għandhom japplikaw biss għall-esportazzjonijiet u għall-importazzjonijiet tal-inġenji spazjali li ġejjin:

- (a) il-varar ta' inġenji spazjali li għalihom is-sjeda ekonomika tkun ġiet ittrasferita minn persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fl-Istat Membru rapportatur għal persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż mhux membru. Dan għandu jinkludi l-varar ta' partijiet ta' inġenji spazjali bil-ħsieb li jiġu armati barra mill-atmosfera tad-dinja. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala esportazzjoni;

- (b) il-varar ta' inġenji spazjali li għalihom is-sjieda ekonomika tkun ġiet ittrasferita minn persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż mhux membru għal persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fl-Istat Membru rapportatur. Dan għandu jinkludi l-varar ta' partijiet ta' inġenji spazjali bil-ħsieb li jiġu armati barra mill-atmosfera tad-dinja. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala importazzjoni.
3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' inġenji spazjali, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:
- (a) Il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar meta jseħħ it-trasferiment tas-sjieda ekonomika.
- (b) Fil-każ ta' esportazzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew lil aġenziji spazjali, għandhom jintużaw il-kodiċijiet issimplifikati tal-pajjiżi sħab.
- (c) Il-valur statistiku għandu jkun il-valur tal-inġenji spazjali, esklużi l-kostijiet tat-trasport u tal-assigurazzjoni.
4. L-NSAs għandu jkollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli tad-*data* li jista' jkollhom bżonn sabiex japplikaw din it-Taqsima.

Taqsima 26

Gass naturali

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima "gass naturali" tfisser gass naturali fi stat gassuż ipprovdut permezz ta' sistemi ta' distribuzzjoni tal-gass naturali.
2. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-gass naturali.
3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-gass naturali, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:
- (a) Il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar tal-esportazzjoni jew tal-importazzjoni.
- (b) Il-valur statistiku jista' jkun ibbażat fuq stimi.
- (c) L-Istat Membru sieħeb jew il-pajjiż sieħeb jista' jiġi ddeterminat permezz ta' stima.
4. L-NSAs għandu jkollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli tad-*data* li jista' jkollhom bżonn sabiex jikkompilaw l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2. L-NSAs jistgħu jitolbu li l-informazzjoni statistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tiġi pprovduta direttament mill-operaturi stabbiliti fl-Istat Membru rapportatur li jkunu s-sidien tan-networks ta' trażmissjoni nazzjonali għall-gass naturali jew li jkunu jħaddmuhom.

Taqsima 27

Enerġija elettrika

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "enerġija elettrika" tfisser l-enerġija elettrika ttrasferita fil-grilji tal-elettriku li jaqsmu l-fruntieri.
2. L-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti għandha tkopri l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-enerġija elettrika.
3. Għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-enerġija elettrika, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:
- (a) Il-perjodu ta' referenza għandu jkun ix-xahar tal-esportazzjoni jew tal-importazzjoni.
- (b) L-Istat Membru jew il-pajjiż sieħeb għandu jkun l-Istat Membru jew il-pajjiż mhux membru ġar.
- (c) Il-valur statistiku jista' jkun ibbażat fuq stimi.
- (d) Il-kwantità għandha tiġi kkompilata biss fl-unitajiet supplimentari stabbiliti fin-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

4. L-NSAs għandu jkollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli tad-*data* li jista' jkollhom bżonn sabiex jikkompilaw l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2. L-NSAs jistgħu jitolbu li l-informazzjoni statistika dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tiġi pprovduta direttament mill-operaturi stabbiliti fl-Istat Membru rapportatur li jkunu s-sidien tan-network ta' trażmissjoni nazzjonali għall-enerġija elettrika jew li jkunu jħaddmuh.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISKAMBJU TA' DATA KUNFIDENZJALI DWAR L-ESPORTAZZJONIJET TA' OĠĠETTI INTRA-UNJONI

Taqsim 28

Il-ġbir u l-kompilazzjoni tal-informazzjoni statistika li għandha tiġi skambjata

1. Għall-ġbir u għall-kompilazzjoni tal-informazzjoni statistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 2019/2152 u stabbilita fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2019/2152, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I (Dispożizzjonijiet ġenerali) u tal-Kapitolu III (Oġġetti jew movimenti speċifiċi) ta' dan l-Anness.

2. Għall-ispeċifikazzjoni tal-unità tal-kejl, tal-klassifikazzjoni u tad-disaggregazzjoni tal-informazzjoni statistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti li għandhom jiġu skambjati, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Tabella 34 fil-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, għad-disaggregazzjoni skont in-natura tat-tranżazzjoni, għandha tapplika taħlita tan-numri tal-kodiċi fil-kolonna A u tas-sottodivizjonijiet tagħhom fil-kolonna B tat-Tabella 1 tal-Parti C tal-Anness I.

3. Fil-każ ta' informazzjoni li taqa' taħt is-segretezza militari, f'konformità mad-definizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri, l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw informazzjoni anqas dettaljata minn dik indikata fit-Tabella 34 fil-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament jew jistgħu jiġu eżentati kompletament mill-obbligu li jiskambjaw informazzjoni li taqa' taħt is-segretezza militari.

4. Oġġetti kkonsejati lil bastimenti u lil inġenji tal-ajru kif imsemmi fit-Taqsim 22 ta' dan l-Anness, oġġetti kkonsejati lil installazzjonijiet offshore kif imsemmi fit-Taqsim 23(1)(b) ta' dan l-Anness, u esportazzjonijiet ta' inġenji spazjali lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew lil aġenziji spazjali kif imsemmi fit-Taqsim 25 ta' dan l-Anness jistgħu jiġu esklużi mill-iskambju ta' informazzjoni statistika jekk l-Istat Membru sieħeb ma jkunx speċifikat.

Taqsim 29

Applikazzjoni tar-rata ta' kopertura

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni statistika msemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 2019/2152 u stipulata fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2019/2152, tkopri tal-anqas 95 % tal-valur tat-total ta' esportazzjonijiet intra-Unjoni ta' oġġetti ta' kull Stat Membru għas-somma tal-Istati Membri l-oħra kollha flimkien, matul kull sena ta' referenza.

Taqsim 30

Elementi tad-data tal-istatistika

1. Għall-ispeċifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tal-istatistika elenkati fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 2019/2152, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II (Speċifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tal-istatistika) ta' dan l-Anness.

2. Għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tal-istatistika għall-oġġetti jew għall-movimenti speċifiċi, jistgħu jiġu adattati id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II (Speċifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tal-istatistika) ta' dan l-Anness.

Taqsim 31

Miżuri ta' simplifikazzjoni

1. Meta jiġbru l-informazzjoni statistika msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2019/2152, mill-unitajiet ta' rapportar għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni ta' oġġetti kif imsemmi fit-Taqsim 7(1), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għas-simplifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tal-istatistika kif speċifikat f'din it-Taqsim.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar milli jipprovdu informazzjoni dwar il-kwantità tal-oġġetti. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jistmaw il-massa netta u, fejn applikabbli, l-unità supplimentari skont in-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

3. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "konsenja" tfisser it-tranżazzjonijiet kollha matul ix-xahar ta' referenza li jkunu soġġetti għall-istess fattura.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-simplifikazzjonijiet li ġejjin lil negozjanti żgħar u ta' daqs medju, jew għal konsenji li l-valur tagħhom ikun anqas minn EUR 1 000:

(a) L-unitajiet ta' rapportar jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni statistika dwar il-komodità mingħajr disaggregazzjoni;

(b) L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar milli jipprovdu l-informazzjoni statistika dwar il-kwantità tal-oġġetti, il-pajjiż ta' oriġini u n-natura tat-tranżazzjoni.

4. Għall-fini ta' dan il-paragrafu:

— "partijiet ta' vettura bil-mutur" tfisser partijiet li jaqgħu fi ħdan il-Kapitolu 87 tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza;

— "partijiet ta' inġenji tal-ajru" tfisser partijiet li jaqgħu fi ħdan il-Kapitolu 88 tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

Għal partijiet ta' vetturi bil-mutur u ta' inġenji tal-ajru:

(a) L-unitajiet ta' rapportar jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni statistika dwar il-komodità fil-livell tal-kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza;

(b) L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar milli jipprovdu l-informazzjoni statistika dwar il-kwantità tal-oġġetti. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu stima tal-massa netta mhux miġbura mill-unitajiet ta' rapportar.

5. Għall-fini ta' dan il-paragrafu:

— "impjant industrijali" tfisser kombinazzjoni ta' magni, tagħmir, makkinarju, apparat, strumenti u materjali li flimkien isawru unitajiet stazzjonarji ta' daqs kbir li jipproduċu oġġetti jew jipprovdu servizzi;

— "parti komponenti" tfisser kunsinna għal impjant industrijali li tkun magħmula minn oġġetti li kollha kemm hi tappartjeni għall-istess kapitolu tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

Bil-kundizzjoni li l-valur statistiku globali ta' impjant industrijali partikolari jaqbeż it-EUR 3 miljun, sakemm dan ma jkunx impjant industrijali komplut għall-użu mill-ġdid:

(a) L-unitajiet ta' rapportar jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni statistika dwar il-komodità fil-livell tal-kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza;

(b) L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar milli jipprovdu l-informazzjoni statistika dwar il-kwantità tal-oġġetti. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu stima tal-massa netta mhux miġbura mill-unitajiet ta' rapportar.

6. Il-valur tal-esportazzjonijiet tal-unitajiet ta' rapportar għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti li jibbenefikaw mis-simplifikazzjonijiet skont il-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ma jistax jaqbeż massimu ta' 5 % tal-valur statistiku tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti skambjati f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 2019/2152, għal kull sena ta' referenza.

7. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni ta' oġġetti milli jipprovdu informazzjoni dwar in-numru tal-ID tal-operatur sieħeb fl-Istat Membru tal-importazzjoni biss meta:

- (a) l-unità ta' rapportar, pereżempju fil-kuntest ta' kummerċ triangolari, ma tkunx tista' tipprovdi informazzjoni dwar in-numru tal-ID tal-operatur sieħeb fl-Istat Membru tal-importazzjoni;
- (b) in-numru tal-ID tal-operatur sieħeb fl-Istat Membru tal-importazzjoni ma jkunx jista' jiġi ddeterminat. Din is-simplifikazzjoni hija limitata għal:
 - bejgħ lil persuni taxxabbli jew lil persuni mhux taxxabbli, inklużi individwi privati, li ma jkunux irreġistrati għal finijiet tal-VAT;
 - oġġetti jew movimenti speċifiċi kif imsemmija fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

8. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar għall-istatistika dwar l-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti milli jispeċifikaw il-pajjiż ta' oriġini biss meta din l-informazzjoni tkun disponibbli jew tkun tista' tiġi dedotta minn sorsi oħra u ma tkunx teħtieġ stimi.

9. Fejn hemm unità supplimentari msemmija skont it-Taqsima 11, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-unitajiet ta' rapportar milli jispeċifikaw il-massa netta.

F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu stima tal-massa netta mhux miġbura mill-unitajiet ta' rapportar.

10. L-NSAs:

- (a) jistgħu jirrifjutaw jew jillimitaw l-applikazzjoni tal-miżuri ta' simplifikazzjoni taħt din it-taqsima jekk jikkunsidraw li l-għan li tinżamm kwalità sodisfaċenti ta' informazzjoni statistika jieħu preċedenza fuq ix-xewqa li jitnaqqas il-piż tar-rapportar;
- (b) jistgħu jirrekjedu li l-unitajiet ta' rapportar jitolbu minn qabel sabiex jitħallew jagħmlu użu mis-simplifikazzjoni.

Taqsima 32

Metadata rilevanti għall-użu tad-data skambjata fil-kompilazzjoni tal-istatistika

1. L-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi lill-NSA tal-Istat Membru tal-importazzjoni l-metadata li ġejja:

- (a) "metadata operazzjonali" rilevanti għall-verifika tal-integrità tal-fajls tad-data mal-informazzjoni statistika skambjata;
- (b) "metadata tal-proċess" b'informazzjoni dwar metodi u prattiki nazzjonali rilevanti ta' kumpilazzjoni għall-użu tal-informazzjoni statistika skambjata.

2. L-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi lill-NSA tal-Istat Membru tal-importazzjoni u lill-Kummissjoni (Eurostat) "metadata ta' monitoraġġ" b'informazzjoni dwar il-valur totali tal-esportazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni ta' oġġetti, rilevanti għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-informazzjoni statistika skambjata.

3. Il-metadata ta' monitoraġġ għandha tirrifletti l-informazzjoni statistika kollha msemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/2152 u stipulata fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2152, inkluża u mhux inkluża, rispettivament, fl-informazzjoni statistika skambjata trażmessa għal kull xahar ta' referenza f'konformità mat-Taqsima 33.

L-informazzjoni dwar il-valur tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti inklużi fl-informazzjoni statistika trażmessa għandha tiġi disaggregata skont l-Istat Membru msieħeb u skont il-komodità fil-livell tal-kapitolu tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

L-informazzjoni dwar il-valur tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti mhux inklużi fl-informazzjoni statistika trażmessa tista' tkun ibbażata fuq stimi u għandha tiġi disaggregata skont l-Istat Membru msieħeb u bħala minimu skont il-komodità fil-livell tal-kapitolu tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza.

Meta l-Istat Membru sieħeb ma jkunx speċifikat skont it-Taqsima 28(3) u 28(4), l-informazzjoni dwar il-valur tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni tal-oġġetti għandha tiġi disaggregata skont il-komodità fil-livell tal-kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda fis-seħħ matul il-perjodu ta' referenza. Madankollu, meta l-informazzjoni li taqa' taħt is-segretezza militari tiġi eskluża kompletament mill-informazzjoni statistika trażmessa skont it-Taqsima 28(3), il-valur statistiku totali fix-xahar tal-esportazzjonijiet intra-Unjoni biss għandu jiġi pprovdut fil-metadata dwar il-monitoraġġ.

Taqsimha 33

Skeda ta' żmien għall-provvista tal-informazzjoni statistika u tal-metadata

1. L-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi lill-NSA tal-Istat Membru tal-importazzjoni l-informazzjoni statistika msemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 2019/2152 u stipulata fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2019/2152 sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara tmiem ix-xahar ta' referenza.

2. Meta informazzjoni statistika addizzjonali ssir disponibbli għall-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni wara l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1, l-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi din l-informazzjoni statistika addizzjonali lill-NSA tal-Istat Membru tal-importazzjoni kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li fih tkun saret disponibbli l-informazzjoni statistika addizzjonali.

3. Meta l-informazzjoni statistika li tkun diġà ġiet skambjata tkun soġġetta għal reviżjoni, l-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni statistika riveduta malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li fih l-informazzjoni statistika riveduta tkun saret disponibbli.

4. L-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandha tipprovdi lill-NSA tal-Istat Membru tal-importazzjoni:

(a) metadata operazzjonali kif imsemmija fil-punt (a) tat-Taqsima 32(1) fl-istess ħin mal-informazzjoni statistika li għaliha tirreferi l-metadata;

(b) il-metadata tal-proċess imsemmija fil-punt (b) tat-Taqsima 32(1) malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn meta tiġi trażmessa l-informazzjoni statistika għall-ewwel xahar ta' referenza tas-sena li għalih tirreferi l-metadata tal-proċess;

Fil-każ ta' tibdiliet metodoloġiċi kbar jew ta' tibdiliet oħra li jħallu impatt fuq il-kwalità tal-informazzjoni statistika pprovduta, aġġornament tal-metadata tal-proċess għandu jiġi trażmess malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn meta tiġi trażmessa l-informazzjoni statistika għall-ewwel xahar ta' referenza tas-sena li għalih tirreferi l-metadata tal-proċess.

(c) il-metadata dwar il-monitoraġġ kif imsemmija fit-Taqsima 32(2) mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara t-tmiem tax-xahar ta' referenza.

Meta informazzjoni statistika addizzjonali ssir disponibbli għal xahar ta' referenza speċifiku jew meta l-informazzjoni statistika diġà skambjata tkun soġġetta għal reviżjoni, il-metadata riveduta dwar il-monitoraġġ għandha tiġi pprovduta sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li fih tkun saret disponibbli l-informazzjoni statistika addizzjonali jew riveduta.

Taqsimha 34

Miżuri ta' kunfidenzjalità

1. L-informazzjoni statistika pprovduta mill-NSA tal-Istat Membru tal-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 2019/2152 għandha tkun disponibbli biss għall-NSAs tal-Istat Membru li miegħu tkun relatata d-data.

2. L-NSAs biss li teħtieġ l-informazzjoni statistika pprovduta f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/2152 sabiex tiżviluppa, tipproduċi u tiddisemina l-istatistika Ewropea fl-isfera ta' kompetenza rispettiva tagħha tkun tista' tirċievi din l-informazzjoni statistika.

*Taqsimha 35***Miżuri ta' sigurtà**

F'konformità mal-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ⁽²⁾, sabiex ikunu intitolati jirċievu informazzjoni statistika u metadata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2152, l-NSAs li jirċievu jew jipproċessaw din l-informazzjoni statistika u l-metadata fl-Istat Membru tal-importazzjoni jridu jiżguraw li s-sistemi tal-IT tagħhom ikunu protetti flivell ekwivalenti għall-politika ta' sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni tal-Kummissjoni kif stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ⁽³⁾, għar-regoli ta' implimentazzjoni tagħha u l-istandards tas-sigurtà korrispondenti.

*Taqsimha 36***Protezzjoni tad-data**

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas ta' dan l-Anness, l-NSAs għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan l-Anness f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 ⁽⁴⁾.

Fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni (Eurostat) fil-qafas ta' dan l-Anness, dan għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 ⁽⁵⁾.

*Taqsimha 37***Format tad-data kunfidenzjali skambjata u proċedura għall-iskambju**

1. L-informazzjoni statistika u l-metadata skambjati fil-kuntest ta' dan il-Kapitolu għandhom jiġu skambjati f'forma elettronika u jiġu trażmessi jew jittellgħu permezz tal-punt tad-dħul uniku tal-Kummissjoni (Eurostat) għad-*data* u, fejn xieraq, għall-metadata.
2. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw l-istandards ta' skambju f'konformità mal-linji gwida dwar l-implimentazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Appendiċi

Lista ta' oġġetti jew ta' movimenti esklużi mill-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-oġġetti

- (a) deheb monetarju;
- (b) mezzi ta' ħlas li huma valuta legali u titoli, inklużi mezzi li huma ħlasijiet għal servizzi bħal posta, taxxi, onorarji għall-utent;
- (c) oġġetti għal użu temporanju jew warajh (eż. kiri, self, lokazzjoni operatorja), dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- l-ebda pproċessar ma huwa jew ma ġie ppjanat jew twettaq,
 - id-durata mistennija tal-użu temporanju ma kinitx jew mhijiex maħsuba li tkun itwal minn 24 xahar,
 - l-esportazzjoni/importazzjoni intra-Unjoni ma tiġix iddikjarata bħala provvista/akkwist intra-Unjoni għal finijiet tal-VAT jew ma jkunx seħħ tibdil fis-sjeda jew ma jkun maħsub li jseħħ għal esportazzjoni/importazzjoni barra mill-Unjoni;
- (d) oġġetti spustati bejn:
- Stat Membru u l-enklavi territorjali tiegħu fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi mhux membri, u
 - l-Istat Membru ospitanti u l-enklavi territorjali ta' Stati Membri oħra, pajjiżi mhux membri jew organizzazzjonijiet internazzjonali.
- L-enklavi territorjali jinkludu ambaxxati, konsulati, bażijiet militari u bażijiet xjentifiċi barra mit-territorju tal-pajjiż prinċipali;
- (e) oġġetti użati sabiex tingarr informazzjoni personalizzata, inkluż is-software;
- (f) id-data u s-software imniżżla mill-Internet;
- (g) oġġetti fornuti bla ħlas li minnha nnifisha mhijiex soġġetta għal tranżazzjoni kummerċjali, sakemm il-moviment ikun bl-intenzjoni wahdaniya ta' preparazzjoni jew ta' sostenn ta' tranżazzjoni kummerċjali maħsuba sussegwenti billi jintwerew il-karatteristiċi tal-oġġetti jew tas-servizzi bħal:
- materjal ta' reklamar,
 - kampjuni kummerċjali;
- (h) oġġetti għat-tiswija u li jsegwu t-tiswija jew parts ta' manutenzjoni u ta' sostituzzjoni li huma inkorporati fil-qafas tat-tiswija jew tal-manutenzjoni u l-partijiet difettużi ssostitwiti;
- (i) mezzi tat-trasport li jkunu qed jivvjaġġaw waqt ħidmiethom, inkluż apparat tal-varar ta' vetturi spazjali fil-mument tal-varar;
- (j) oġġetti ddikjarati bil-fomm lill-awtoritajiet doganali li jkunu jew ta' natura kummerċjali sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-limitu statistiku tal-kummerċ barra mill-Unjoni ta' EUR 1 000 f'valur jew ta' 1 000 kg f'massa netta, jew ta' natura mhux kummerċjali;
- (k) oġġetti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera wara li jkunu soġġetti għall-proċeduri doganali ta' pproċessar attiv huma esklużi mill-kummerċ barra mill-Unjoni tal-oġġetti;
- (l) perjodiċi b'abbonament;
- (m) Proprjetà personali ta' persuni fiżiċi li jittrasferixxu l-post tar-residenza normali tagħhom; bjankeriji tad-dota u oġġetti tad-dar ta' persuna li qed titrasferixxi l-post tar-residenza normali tagħha minħabba ż-żwieġ tagħha; proprjetà personali akkwistata b'wirt; uniformijiet tal-iskola, materjal edukattiv u affarijiet tad-dar relatati; twiebet li jkun fihom iġsma, urni funerarji li fihom l-irmied ta' persuni deċeduti, u oġġetti funerarji ornamentalment trasportati mat-twiebet u mal-urni; oġġetti għall-organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi għall-benefiċċju ta' vittmi ta' diżastri.

ANNEX VI

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-istatistika Ewropea dwar kummerċ internazzjonali tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriża u l-provvista internazzjonali ta' servizzi

Taqsim 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika Gwida għall-Kumpilaturi għall-Istatistika Ewropea dwar il-provvista internazzjonali ta' servizzi skont il-modalità ta' Provvista (MoS). Il-Gwida għall-Kumpilaturi dwar l-MoS tikkomplementa l-Manwal dwar l-Istatistika tal-Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi 2010 (MSITS 2010) u l-Gwida għall-Kumpilaturi tal-MSITS 2010.
2. L-ewwel edizzjoni tal-Gwida għall-Kumpilaturi dwar l-MoS se tiġi ppubblikata sa tmiem l-2021. It-tieni edizzjoni riveduta se tiġi ppubblikata sa tmiem l-2023.
3. L-ewwel edizzjoni tal-Gwida għall-Kumpilaturi dwar l-MoS se tiddekrivi l-metodi ġeneriċi ta' stima li jistgħu jintużaw sabiex issir stima tal-Modalitajiet ta' Provvista, inklużi metodi għall-istima tal-valuri tal-oġġetti u tas-servizzi ta' distribuzzjoni. L-approċċ issimplifikat tal-MSITS 2010 huwa l-punt tat-tluq għal dawn il-metodi. Il-metodi ġeneriċi ta' stima huma bbażati fuq immudellar statistiku u metodi ta' stima, statistika tan-negozju oħra, u sorsi ta' *data* amministrattiva. Ġeneralment, dawn l-approċċi ma jiddependux minn suppożizzjonijiet u/jew evidenza speċifiċi għall-pajjiżi, u jistgħu jintużaw irrispettivament mill-pajjiż.
4. It-tieni edizzjoni riveduta tal-Gwida għall-Kumpilaturi ser ikun fiha metodi rakkomandati li jistgħu jintużaw sabiex tinħareġ stima tal-Modalitajiet ta' Provvista, tal-valuri tal-oġġetti u tas-servizzi ta' distribuzzjoni, billi jintużaw is-sorsi disponibbli kollha, u t-tekniki ta' mmudellar. Il-metodi rakkomandati huma approċċi li jistgħu jintużaw sabiex jiġu rfinati aktar il-metodi ġeneriċi ta' stima, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni amministrattiva u ekonomika speċifika ta' pajjiż. Se jiġu pprovduti diversi approċċi sabiex ikunu koperti l-istrutturi tipiċi kollha.
5. Wara erba' snin ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni (Eurostat), f'konsultazzjoni mal-NSAs tal-Istati Membri, se tiddeċiedi jekk hemmx bżonn tirrevedi l-Gwida għall-Kumpilaturi tal-Eurostat/OECD għall-istatistika dwar il-Kummerċ fis-Servizzi skont il-Karatteristiċi tal-Intrapriżi (STEC).

Taqsim 2

Definizzjonijiet tal-varjabbli u tad-disaggregazzjonijiet

Għall-finijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriżi u dwar il-provvista internazzjonali ta' servizzi, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-varjabbli u tad-disaggregazzjonijiet li ġejjin.

Is-servizzi huma r-riżultat ta' attività ta' produzzjoni li tbiddel il-kundizzjonijiet tal-unitajiet konsumaturi, jew tiffaċilita l-iskambju ta' prodotti jew ta' assi finanzjarji. Is-servizzi ġeneralment ma jkunux oġġetti separati li fuqhom jistgħu jiġu stabbiliti drittijiet ta' sjiċda u ġeneralment ma jkunux jistgħu jiġu sseparati mill-produzzjoni tagħhom.

Il-provvista internazzjonali tas-servizzi tinkludi:

- Il-kummerċ fis-servizzi bejn residenti u mhux residenti (li jikkorrispondi għall-Modalitajiet 1, 2 u 4 kif definiti fit-Taqsima 2, II) u
- Il-provvista ta' servizzi permezz tal-operazzjonijiet ta' affiljati barranin (Modalità 3 kif definita fit-Taqsima 2, II).

I. Varjabbli

- 1) Varjabbli 460101: importazzjonijiet u akkwist ta' servizzi

L-importazzjonijiet u l-akkwist ta' servizzi jikkonsistu fil-valur tas-servizzi kollha mogħtija minn persuni mhux residenti lil residenti u l-valur tas-servizzi pprovduti internazzjonalment lir-residenti permezz ta' affiljati barranin stabbiliti fl-ekonomija tar-rapportar. Servizzi mogħtija minn persuni mhux residenti lil residenti jinkludu l-Modalitajiet 1, 2 u 4 u s-servizzi forniti lil residenti permezz ta' affiljati barranin stabbiliti fl-ekonomija tar-rapportar jikkorrispondu għall-Modalità 3, kif definiti fil-paragrafu II.1.

2) Varjabbli 460201: esportazzjonijiet u provvista ta' servizzi

L-esportazzjoni u l-provvista ta' servizzi jikkonsistu fil-valur tas-servizzi kollha mogħtija minn residenti lil persuni mhux residenti u l-valur tas-servizzi forniti internazzjonalment lil residenti ta' pajjiż ieħor permezz tal-istabbiliment ta' affiljat barrani (ikkontrollat minn unità residenti) f'dak il-pajjiż. Servizzi mogħtija minn residenti lil persuni mhux residenti jinkludu Modalitajiet 1, 2 u 4 u servizzi forniti permezz ta' affiljat barrani jikkorrispondu għall-Modalità 3, kif definiti fil-paragrafu II.1.

3) Varjabbli 240401. Valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi

Il-“valur statistiku” għas-servizzi huwa definit bħala l-valur tas-servizzi nneozjati bejn residenti u persuni mhux residenti bil-prezzijiet tas-suq. Il-prezzijiet tas-suq jirreferu għall-valur tal-kambju kurrenti, jiġifieri, il-valuri li bihom jiġu skambjati servizzi jew inkella jistgħu jiġu skambjati ma' flus b'kont meħud ta' kwalunkwe ribass, rifużjoni jew aġġustament ieħor.

Għalhekk, il-valur statistiku tal-importazzjonijiet mill-intrapriżi huwa l-valur, bil-prezzijiet tas-suq, tas-servizzi totali pprovduti minn persuni mhux residenti lir-residenti.

4) Varjabbli 251101. Valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi

Il-“valur statistiku” għas-servizzi huwa definit bħala l-valur tas-servizzi nneozjati bejn residenti u persuni mhux residenti bil-prezzijiet tas-suq. Il-prezzijiet tas-suq jirreferu għall-valur tal-kambju kurrenti, jiġifieri, il-valuri li bihom jiġu skambjati servizzi jew inkella jistgħu jiġu skambjati ma' flus b'kont meħud ta' kwalunkwe ribass, rifużjoni jew aġġustament ieħor.

Għalhekk, il-valur statistiku tal-esportazzjonijiet mill-intrapriżi huwa l-valur, bil-prezzijiet tas-suq, tas-servizzi totali pprovduti minn residenti lil persuni mhux residenti.

II. Disaggregazzjonijiet

1. Disaggregazzjoni skont il-modalitajiet ta' provvista:

Is-servizzi forniti internazzjonalment jistgħu jiġu disaggregati skont l-erba' modalitajiet ta' provvista li ġejjin:

Modalità 1: Provvista transfruntiera – sseħħ meta servizz jiġi fornit “mit-territorju ta' pajjiż wieħed fit-territorju ta' kwalunkwe pajjiż ieħor”. Dan huwa simili għall-kummerċ tal-oġġetti fejn il-prodott jitwassal b'mod transfruntier u l-konsumatur u l-fornitur jibqgħu fit-territorji rispettivi tagħhom.

Modalità 2: Konsum barra mill-pajjiż – isseħħ meta s-servizz jiġi fornit “fit-territorju ta' pajjiż wieħed lill-konsumatur tas-servizz ta' kwalunkwe pajjiż ieħor”, li jfisser li jew il-konsumatur jew inkella l-proprjetà tiegħu jkunu barra l-pajjiż. Attivitajiet turistiċi bħal żjarat f'mużewijiet u f'teatru, u vjaġġar barra mill-pajjiż għall-kura medika jew għall-korsijiet tal-lingwa, huma eżempji tipiċi. Servizzi bħal tiswija ta' vapuri barra mill-pajjiż, fejn il-proprjetà tal-konsumatur biss tiċċaqlaq, jew tkun tinsab barra mill-pajjiż, huma koperti wkoll.

Modalità 3: Preżenza kummerċjali – isseħħ permezz tal-provvista ta' servizz “minn fornitur ta' servizz ta' pajjiż, permezz tal-preżenza kummerċjali fit-territorju ta' kwalunkwe pajjiż ieħor”. Ħafna drabi tkun meħtieġa għal fornituri ta' servizzi li jstabbilixxu preżenza kummerċjali barra mill-pajjiż sabiex jiżguraw kuntatt aktar mill-qrib mal-konsumatur fl-istadji varji tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni, tal-kummerċjalizzazzjoni, tal-bejgħ u tal-kunsinna kif ukoll fil-kuntest tas-servizzi ta' wara l-bejgħ. Il-preżenza kummerċjali f'suq barra mill-pajjiż tkopri mhux biss persuni ġuridiċi fis-sens ġuridiku strett, iżda anki entitajiet ġuridiċi li jaqsmu xi wħud mill-istess karatteristiċi, bħal uffiċċji rappreżentattivi u ferġhat. F'dan il-kuntest huma rilevanti, pereżempju, is-servizzi finanzjarji pprovduti minn ferġha jew minn sussidjarja ta' bank barrani, is-servizzi mediċi pprovduti minn sptar bi sjieda barranija u l-korsijiet offruti minn skola bi sjieda barranija.

Modalità 4: Preżenza ta' persuni fiżiċi – din isseħħ meta individwu jkun temporanjament preżenti fit-territorju ta' ekonomija li mhijiex tiegħu stess sabiex jipprovi servizz kummerċjali. Il-Modalità 4 hija definita bħala l-provvista ta' servizz “minn fornitur ta' servizz ta' pajjiż, permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi fit-territorju ta' kwalunkwe pajjiż ieħor”. Ġeneralment, il-Modalità 4 tintfiehmet bħala li tkopri:

— Fornituri ta' servizzi kuntrattwali, kemm jekk impjegati ta' fornitur barrani ta' servizzi jew inkella persuni li jaħdmu għal rashom;

- Impjegati bi trasferiment intra-azjendali u impjegati barranin reklutati direttament minn kumpaniji stabbiliti barranin;
- Il-bejjiegħa tas-servizzi li jidħlu fil-pajjiż ospitanti sabiex jistabbilixxu relazzjonijiet kuntrattwali għal kuntratt ta' servizz, jew persuni responsabbli għat-twaqqif ta' preżenza kummerċjali.

2. Disaggregazzjoni tal-prodott skont il-komponenti, ir-raggruppamenti komplimentari u komponenti dettaljati tal-EBOPS 2010

Il-komponenti, ir-raggruppamenti komplimentari u l-komponenti dettaljati mitluba tal-EBOPS isegwu l-EBOPS 2010 u l-MSITS 2010 u huma definiti hawn taħt:

1. Servizzi ta' manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor

Is-servizzi ta' manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor jinkludu attivitajiet bħall-ipproċessar, l-assemblaġġ, it-tikkettar u l-imballaġġ li jitwettqu minn intrapriżi li ma jkunux is-sidien tal-oġġetti. Eżempji jinkludu r-raffinar taż-żejt, il-likwefazzjoni tal-gass naturali u l-assemblaġġ tal-ħwejjeġ u tal-prodotti elettroniċi. Esklużi huma l-assemblaġġ ta' kostruzzjoni prefabbrikata (inkluż fil-kostruzzjoni) u t-tikkettar, u l-imballaġġ incidental għat-trasport (inkluż fis-servizzi tat-trasport).

Il-manifattura titwettaq minn entità li ma tkunx sid l-oġġetti u li titħallas miżata mis-sid. Is-sjeda tal-oġġetti ma tinbidilx, u għalhekk ma tiġi rreġistrata l-ebda tranżazzjoni ta' oġġetti ġenerali bejn il-proċessur u s-sid. Il-miżata mitluba mill-proċessur biss tkun inkluża taħt din l-entrata, għalkemm din il-miżata tista' tinkludi l-kost tal-materjali mixtrija mill-proċessur.

Ikun jeżisti element tal-kummerċ internazzjonali fejn ix-xogħol li jsir jitwettaq minn resident ta' ekonomija waħda għas-sid tal-oġġetti li jkun residenti f'ekonomija oħra. It-ttrattament ta' dawn is-servizzi mhuwiex kundizzjonali għal jekk l-oġġetti qabel jew wara kinux fil-pussess fiżiku tas-sid jew le.

2. Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi banda oħra

Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi banda oħra jinkludu xogħol ta' manutenzjoni u ta' tiswija minn residenti fuq oġġetti li jkunu proprjetà ta' persuni mhux residenti (u viċe versa). It-tiswija tista' ssir fuq il-post ta' min isewwi jew xi mkien ieħor. Il-manutenzjoni u t-tiswijiet fuq bastimenti, fuq inġenji tal-ajru u fuq tagħmir tat-trasport ieħor huma inklużi f'din l-entrata. It-tindif tat-tagħmir tat-trasport huwa inkluż fis-servizzi tat-trasport. It-tiswijiet u l-manutenzjoni tal-kostruzzjoni huma inklużi taħt il-kostruzzjoni. Il-manutenzjoni u t-tiswijiet tal-kompjuters huma inklużi taħt is-servizzi tal-kompjuter.

Il-valur irreġistrat għall-manutenzjoni u għat-tiswijiet huwa l-valur tax-xogħol tat-tiswija li jkun sar, u mhux il-valur gross tal-oġġetti qabel u wara t-tiswijiet. Il-valur tal-manutenzjoni u tat-tiswijiet jinkludi kwalunkwe parti jew materjal ipprovduti minn min isewwi u inklużi fil-prezz (partijiet u materjali ddebitati separatament huma esklużi mis-servizzi u inklużi fil-merkanzija ġenerali). Huma inklużi kemm it-tiswijiet iż-żgħar li jżommu l-oġġett fi stat funzjonali kif ukoll it-tiswijiet il-kbar li jestendu l-effiċjenza jew il-kapaċità tal-merkanzija jew li jestendu l-ħajja tagħha. Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn dawk it-tiswijiet inklużi mill-klijent fil-konsum intermedju u dawk inklużi fil-formazzjoni tal-kapital.

3. Trasport

It-trasport ikopri l-proċess ta' trasport ta' nies u ta' oġġetti minn post għall-ieħor kif ukoll servizzi ta' appoġġ u awżiljarji relatati u kirjiet (noleġġi) ta' trasportaturi bl-ekwipaġġ. Huma inklużi wkoll is-servizzi postali u tal-kurrier. It-trasport jista' jiġi kklassifikat skont il-modalità tat-trasport u dak li jinġarr (passiġġieri jew merkanzija).

Fornitur tat-trasport jista' jissottokuntratta sabiex ikun jista' juża s-servizzi ta' operaturi oħra fil-provvista ta' parti tas-servizz tat-trasport finali. Jenħtieġ li tali servizzi jiġu rreġistrati fuq bażi gross. Pereżempju, furnitur ta' servizz tal-kurrier jista' jikkuntratta b'mod separat ma' aktar minn operatur tat-trasport wieħed. Jenħtieġ li l-kummissjonijiet pagabbli mill-fornituri ta' servizzi tat-trasport lil aġent jiġu rreġistrati separatament.

3.1. Trasport bil-baħar

It-trasport bil-baħar ikopri s-servizzi tat-trasport internazzjonali kollha tal-merkanzija u tal-passiġġieri mwettqa minn bastimenti tat-tbaħħir iżda ma jinkludix it-trasport permezz ta' pipelines ta' taħt l-ilma (inklużi fit-trasport bil-pipelines) u n-nollijiet tal-kruċieri (inklużi fl-ivvjaġġar).

3.2. Trasport bl-ajru

It-trasport bl-ajru jkopri s-servizzi tat-trasport internazzjonali kollha tal-merkanzija u tal-passiġġieri li huma pprovduti minn inġenji tal-ajru.

3.3. Modalitajiet oħra tat-trasport

Dawn ikopru s-servizzi kollha tat-trasport li ma jgħux ipprovduti bil-baħar jew bl-ajru. Jinkludu l-modalitajiet tat-trasport li ġejjin:

It-trasport spazjali jinkludi l-varar ta' satelliti minn intrapriżi kummerċjali għas-sidien tas-satelliti (bħal intrapriżi tat-telekomunikazzjoni) u operazzjonijiet oħra mwettqa minn operatori ta' tagħmir spazjali, bħat-trasport ta' oġġetti u ta' persuni għal esperimenti xjentifiċi. Huma inklużi wkoll it-trasport spazjali tal-passiġġieri u l-pagamenti magħmula minn ekonomija sabiex ir-residenti tagħha jkunu inklużi fit-trasport bil-vetturi spazjali ta' ekonomija oħra.

It-trasport ferrovjarju jkopri t-trasport internazzjonali bil-ferroviji.

It-trasport bit-triq ikopri t-trasport internazzjonali tal-merkanzija b'lorries u bi trakkijiet u t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri b'karozzi tal-linja u b'kowċis.

It-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni jkopri trasport internazzjonali fuq ix-xmajjar, il-kanali u l-lagi. Dawn jinkludu l-passaġġi fuq l-ilma li huma interni għal pajjiż wieħed u dawk li huma maqsuma bejn żewġ pajjiżi jew aktar.

It-trasport bil-pipelines ikopri t-trasport ta' oġġetti f'pipelines, bħalma huwa t-trasport tal-petroleum u l-oġġetti relatati, tal-ilma u tal-gass. Huma esklużi s-servizzi ta' distribuzzjoni, tipikament mis-substazzjonijiet għall-konsumatur, għall-ilma, għall-gass u għal prodotti oħra tal-żejt grezz (inklużi f'servizzi tan-negozju oħrajn mhux inklużi band' oħra), u l-valur tal-prodotti ttrasportati (inklużi fil-merkanzija ġenerali).

It-trażmissjoni tal-elettriku tkopri l-moviment jew it-trasferiment tal-enerġija elettrika b'vultaġġ għoli fuq grupp interkonness ta' linji u tagħmir assoċjat bejn il-punti ta' provvista u l-punti fejn tiġi ttrasformata f'vultaġġ baxx għall-kunsinna lill-konsumaturi jew għall-kunsinna f'sistemi elettriċi oħra. It-trażmissjoni titqies li tkun intemmet meta l-elettriku jidħol fil-faċilitajiet ta' distribuzzjoni ta' sistema elettrika li twassal l-elettriku lill-utenti finali għall-konsum. L-elettriku nnifsu huwa eskluż (inkluż fil-merkanzija ġenerali) u hekk ukoll id-distribuzzjoni tal-elettriku, li hija l-kunsinna tal-elettriku mis-substazzjon lill-konsumatur (inkluż f'servizzi tan-negozju oħrajn mhux inklużi band'oħra).

Servizzi ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji oħra jkopru s-servizzi tat-trasport l-oħra kollha li ma jistgħux jiġu allokati lil xi wieħed mill-komponenti tas-servizzi tat-trasport li kienu deskritti qabel.

3.4. Servizzi postali u tal-kurrier

Is-servizzi postali u tal-kurrier ikopru l-ġbir, it-trasport u t-twassil ta' ittri, ta' gazzetti, ta' perjodiċi, ta' fuljetti, ta' materjal stampat ieħor, ta' pakketti u ta' imballaġġi. Jinkludu wkoll servizzi wiċċ imb'wiċċ fl-uffiċċji tal-posta, bħall-bejgħ ta' bolol, servizzi ta' poste restante u servizzi ta' telegrammi u servizzi ta' kiri ta' kaxxi postali

Mhux obligatorji: Valutazzjoni ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija fuq bażi ta' tranżazzjoni

Informazzjoni addizzjonali dwar il-valur tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija pprovduti minn residenti lil persuni mhux residenti u viċe versa hija meħtieġa sabiex tikkumplimenta d-data dwar it-trasport tal-merkanzija miġbura skont il-prinċipji ta' valwazzjoni għall-oġġetti frank abbord/frank abbord. Din l-informazzjoni hija utli minħabba li tirrappreżenta t-tranżazzjonijiet reali tas-suq hekk kif iseħħu, mingħajr korrezzjoni, aġġustament jew stima.

F'dan il-każ, is-servizz tat-trasport jiġi rreġistrat jekk u biss jekk isseħħ tranżazzjoni fis-servizzi tat-trasport bejn resident u persuna mhux residenti. Ir-reġistrazzjoni tas-servizz tat-trasport separat tiddependi fuq it-termini tal-kunsinna li jkunu speċifikati fil-kuntratt għall-bejgħ jew għax-xiri tal-oġġetti u eżegwiti fit-tranżazzjoni tas-suq.

Meta l-kuntratt tat-trasport isir bejn żewġ residenti għall-provvista ta' servizzi tat-trasport għal merkanzija esportata, is-servizz tat-trasport ikun eskluż fuq il-baży ta' dan il-metodu ta' kejl iżda parti minnu tkun inkluż li kieku kellhom jiġu applikati l-prinċipji tal-bilanċ tal-pagamenti. Dan iseħħ, pereżempju, meta t-termini tal-kunsinna speċifikati fil-kuntratt għall-bejgħ jew għax-xiri ta' merkanzija jkunu d-domiċilju franco ("ġarr imħallas") u meta l-esportatur ikun f'kuntratt ma' resident tal-ekonomija li tesporta sabiex jipprovidi s-servizz tat-trasport. Il-metodu ta' kejl ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet ikun japplika fil-każ fejn:

- Isir kuntratt sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bejn residenti u persuna mhux residenti u t-terminu tal-kunsinna jkun speċifikat bħala frank mill-fabbrika. Is-servizzi tat-trasport sħiħ jiġi rreġistrat, inkluża dik il-parti tas-servizz tat-trasport ipprovduta qabel il-fruntiera tal-ekonomija li tesporta.
- Is-servizzi tat-trasport iseħħu bejn residenti u persuni mhux residenti relatati ma' transkummerċ u navigazzjoni kostali, jew kabotaġġ.

4. Ivvjaġġar

Il-komponent tal-EBOPS 2010 ivarja minn ħafna servizzi nnegozjati flivell internazzjonali minħabba li huwa bbażat fuq it-tranżatturi. Għall-kuntrarju tal-biċċa l-kbira tas-servizzi fl-EBOPS, l-ivvjaġġar mhuwiex prodott speċifiku; pjuttost, dan jinkludi firxa ta' oġġetti u ta' servizzi kkonsmati minn persuni mhux residenti fl-ekonomija li jżuru. L-ivvjaġġar huwa definit bħala li jkopri oġġetti u servizzi għall-użu proprju jew li jingħataw mingħajr ħlas, akkwistati mingħand ekonomija, minn persuni mhux residenti matul żjarat f'dik l-ekonomija. Dan ikopri soġġorni ta' kwalunkwe tul, dment li ma jkun hemm l-ebda tibdil fir-residenza.

L-aktar oġġetti u servizzi komuni mdaħħla fl-ivvjaġġar huma l-akkomodazzjoni, l-ikel, ix-xorb u t-trasport mixtrija fi ħdan l-ekonomija fejn issir iż-żjara (li lkoll jiġu kkonsmati fl-ekonomija fornitriċi). Huma inklużi wkoll rigali, souvenirs u oġġetti oħrajn li jinxtrow għall-użu proprju u li jstgħu jinħarġu mill-ekonomiji fejn saret iż-żjara.

F'konformità mal-prinċipju tad-dovuti, il-oġġetti u s-servizzi akkwistati matul iż-żjara, iżda mħallsa qabel jew wara, huma inklużi fl-ivvjaġġar. L-oġġetti u s-servizzi jstgħu jiġu akkwistati billi jitħallsu mill-persuna li tmur barra l-pajjiż, imħallsa fisimha jew għan-nom tagħha, ipprovduti mingħajr quid pro quo (pereżempju, kamra u ikliet mingħajr ħlas riċevuti: f'każ bħal dan, hemm ukoll trasferiment korrispondenti) jew prodotti għall-kont proprju (bħal f'xi każijiet ta' sjieda ta' proprjeta immobbli u ta' akkomodazzjoni f'timeshare).

5. Kostruzzjoni

Il-kostruzzjoni tkopri l-ħolqien, il-ġestjoni, ir-rinnovament, it-tiswija jew l-estensjoni ta' assi fissi fil-forma ta' binjiet, ta' titjib tal-art ta' natura tal-inġinerija u ta' kostruzzjonijiet oħra bħal toroq, pontijiet u digi. Tinkludi wkoll xogħol ta' installazzjoni u ta' assemblaġġ relatat, preparazzjoni tas-siti u kostruzzjoni ġenerali kif ukoll servizzi speċjalizzati bħal tibjid, xogħlijiet sanitarji u tiġrif.

Il-kostruzzjoni hija vvalutata fuq bażi gross, jiġifieri, inkluż l-oġġetti u s-servizzi kollha użati bħala inputs għax-xogħol, kostijiet oħra tal-produzzjoni u s-surplus operatorju dovut lis-sidien tal-intrapriża tal-kostruzzjoni. Dan il-prinċipju ta' valwazzjoni huwa l-istess bħal dak li japplika fil-valwazzjoni tal-produzzjoni kollha (kemm ta' oġġetti kif ukoll ta' servizzi), kif deskritt fl-SNA 2008.

Meta kumpanija tal-kostruzzjoni tippovdi s-servizzi tagħha barra mill-pajjiż permezz ta' preżenza fiżika fuq perjodu ta' żmien twil (aktar minn 12-il xahar) iżda mingħajr ma toħloq entità ġuridika fil-pajjiż tal-klijent, u jekk l-operazzjonijiet ikunu sostanzjali biżżejjed, jista' jkun meħtieġ li l-kompilatur iqis li unità istituzzjonali nozzjonali trid tiġi kkunsidrata minn perspettiva statistika. F'dan il-każ, it-tranżazzjonijiet internazzjonali korrispondenti ma jitqisux bħala kummerċ tas-servizzi (tranżazzjonijiet bħal dawn jiġu rreġistrati bħala flussi finanzjarji, introjtu u pożizzjoni ta' investiment dirett barrani, u d-data li tikkorrispondi għall-operazzjonijiet tagħha jenħtieġ li titqies bħala FATS). Jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux issodisfati, it-tranżazzjonijiet internazzjonali jitqiesu bħala kummerċ tas-servizzi bejn residenti u mhux residenti.

6. Servizzi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni

Servizzi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni jkopru l-provvista lil persuni mhux residenti ta' tipi varji ta' assicurazzjoni minn intrapriżi tal-assigurazzjoni residenti, u viċe versa.

L-assigurazzjoni tippovdi lil unitajiet individwali (Gvernijiet, intrapriżi u unitajiet domestiċi) skoperti għal ċerti riskji bi protezzjoni finanzjarja kontra l-konsegwenzi tal-okkorrenza ta' avvenimenti speċifiċi. Barra minn hekk, l-assiguraturi spiss jaġixxu bħala intermedjarji finanzjarji li jinvestu fondi miġbura minn dawn l-unitajiet f'assi finanzjarji jew f'assi oħra sabiex jissodisfaw pretensjonijiet futuri.

Il-fondi tal-pensjonijiet jiġu stabbiliti sabiex jipprovdu benefiċċji għall-irtirar jew għall-invalidità ta' gruppi speċifiċi ta' impjegati. Dawn huma simili għall-assigurazzjoni peress li jaġixxu bħala intermedjarji fir-rigward tal-investment tal-fondi għall-benefiċjarji tagħhom u jqassmu uħud mir-riskji.

Is-servizzi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni jinkludu s-subkomponenti li ġejjin: l-assigurazzjoni diretta; ir-riassicurazzjoni; l-assigurazzjoni awżiljarja; is-servizzi ta' pensjonijiet u s-servizzi ta' garanzija standardizzati.

7. Servizzi finanzjarji

Is-servizzi finanzjarji jkopru l-intermedjazzjoni finanzjarja u s-servizzi awżiljari, għajr dawk tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni u l-iskemi tal-pensjonijiet. Dawn is-servizzi jinkludu dawk normalment ipprovduti minn banek u minn intermedjarji finanzjarji u minn awżiljarji oħra. Huma inklużi s-servizzi pprovduti b'rabta mat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji, kif ukoll servizzi oħra relatati mal-attività finanzjarja, li jkopru, fost l-oħrajn, it-teħid u s-self ta' depożiti, l-ittri ta' kreditu, is-servizzi tal-karti tal-kreditu, il-kummissjonijiet u l-imposti relatati mal-lokazzjoni finanzjarja, il-fatturar, is-sottoskrizzjoni u l-ikklerjar tal-pagamenti. Huma inklużi wkoll s-servizzi ta' konsulenza finanzjarja, il-kustodja ta' assi finanzjarji jew ta' bullion, l-ġestjoni ta' assi finanzjarji, is-servizzi ta' monitoraġġ, is-servizzi ta' konvenjenza, is-servizzi ta' provvista ta' likwidità, is-servizzi ta' teħid tar-riskju minbarra servizzi ta' assicurazzjoni, ta' fużjoni u ta' akkwist, is-servizzi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, is-servizzi tal-borża u s-servizzi fiduċjarji.

Is-servizzi finanzjarji jistgħu jiġu ddebitati permezz ta': miżati espliċiti; margġini fuq tranżazzjonijiet ta' xiri u ta' bejgħ; kostijiet għall-ġestjoni ta' assi mnaqqa mill-introjtu riċevibbli mill-proprjetà, fil-każ ta' entitajiet li jżommu l-assi; jew margġini bejn ir-rata tal-imgħax u r-rata ta' referenza fuq self u depożiti (imsejħa servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM)).

Għall-intermedjarji finanzjarji, il-bilanċ bejn il-miżati espliċiti u impliċiti jista' jvarja maż-żmien u minn istituzzjoni għal oħra; għalhekk, id-*data* dwar it-tnejn hija meħtieġa sabiex tinkiseb stampa sħiħa tal-provvista ta' servizzi tagħhom.

8. Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettuali mhux inklużi bandaohra

Il-miżati għall-użu tal-proprjetà intellettuali mhux inklużi bandaohra jinkludu:

- Il-miżati għall-użu ta' drittijiet proprejtarij (bħal privattivi, trademarks, drittijiet tal-awtur, proċessi industrijali u disinni inklużi sigrietati tal-mestier u frankiġġi). Dawn id-drittijiet jistgħu jirriżultaw mir-riċerka u mill-iżvilupp, kif ukoll mill-kummerċjalizzazzjoni; u
- Il-miżati għall-liċenzji għar-riproduzzjoni jew għad-distribuzzjoni tal-proprjetà intellettuali inkorporata f'oriġinali jew fi prototipi prodotti (bħal-drittijiet tal-awtur fuq kotba jew manuskritti, software tal-kompjuters, xogħlijiet ċinematografiċi u reġistrazzjonijiet tal-awdjo) u drittijiet relatati (bħal pereżempju għal spettakli f'ħin dirett u t-televiżjoni, il-kejbil jew ix-xandir bis-satellita).

9. Servizzi tat-telekomunikazzjoni, tal-kompjuter u tal-informazzjoni

Is-servizzi tal-kompjuter u tat-telekomunikazzjoni huma definiti f'termini tan-natura tas-servizz, u mhux tal-metodu tal-kunsinna. Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni, tal-kompjuter u tal-informazzjoni jiġu disaggregati ulterjorment fi tliet sottokomponenti: servizzi tat-telekomunikazzjoni, servizzi tal-kompjuter u servizzi tal-informazzjoni.

9.1. Servizzi tat-telekomunikazzjoni

Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni jkopru x-xandira jew it-trażmissjoni ta' ħoss, ta' immaġnijiet, ta' *data*, jew ta' informazzjoni oħra bit-telefon, bit-telex, bit-telegramma, bir-radju u bi trażmissjoni tal-kejbil tat-televiżjoni, bis-satellita għar-radju u għat-televiżjoni, bil-posta elettronika, bil-faks, eċċ., u jinkludu servizzi ta' network tan-negozji, servizzi ta' telekonferenzi u ta' appoġġ. Ma jinkludux il-valur tal-informazzjoni ttrasportata. Huma inklużi wkoll is-servizzi tat-telekomunikazzjoni mobbli, is-servizzi tas-sinla tal-Internet u s-servizzi tal-aċċess online, inkluż l-għoti tal-aċċess għall-Internet. Huma esklużi s-servizzi ta' installazzjoni għat-tagħmir tan-network tat-telefown (inklużi fil-kostruzzjoni), u s-servizzi tal-bażijiet ta' *data* (inklużi fis-servizzi tal-informazzjoni).

9.2. Servizzi tal-kompjuter

Is-servizzi tal-kompjuter jikkonsistu f'servizzi relatati mal-hardware u mas-software u f'servizzi tal-ipproċessar tad-*data*

9.3. Servizzi tal-informazzjoni

Is-servizzi tal-informazzjoni huma maqsuma f'servizzi tal-aġenziji tal-aħbarijiet u f'servizzi oħra tal-informazzjoni:

- Is-servizzi tal-aġenziji tal-aħbarijiet jinkludu l-provvista ta' aħbarijiet, ta' ritratti u ta' artikli lill-midja
- Servizzi oħra tal-informazzjoni jinkludu servizzi tal-bażijiet ta' *data*, bħall-konċepiment ta' bażi ta' *data*, il-ħżin ta' *data*, u d-disseminazzjoni ta' *data* u tal-bażijiet ta' *data* (inklużi direttorji u listi ta' indirizzi), kemm online kif ukoll permezz ta' mezzi manjetiċi, ottiċi jew stampati u portali ta' tiftix fuq il-web (li jinkludu servizzi ta' magni tat-tiftix li jsibu indirizzi tal-Internet għal kliġenti li jagħmlu tiftixiet bil-keywords). Inklużi wkoll hemm: abbonamenti diretti mhux bl-ingrossa għal gazzetti u għal perjodiċi, kemm bil-posta, bi trażmissjoni elettronika jew b'mezzi oħra; servizzi oħra ta' provvista ta' kontenut online; u servizzi ta' libreriġi u ta' arkivji. (Il-gazzetti u l-perjodiċi bl-ingrossa huma inklużi taħt merkanzija ġenerali).

Il-kontenut imniżżel li mhuwiex software jew prodott awdjoviv jew relatat huwa inkluż fis-servizzi tal-informazzjoni.

10. Servizzi oħra tan-negozju

Din il-kategorija tinkludi: Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp, Servizzi ta' konsulenza professjonali u maniġerjali, Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ u servizzi kummerċjali oħrajn.

10.1. Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp

Is-servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp ikopru dawk is-servizzi li huma assoċjati mar-riċerka bażika, mar-riċerka applikata u mal-iżvilupp sperimentali ta' prodotti u ta' proċessi ġodda u jkopru attivitajiet fix-xjenzi fiżiċi, fix-xjenzi soċjali u fl-istudji umanistiċi.

10.2. Servizzi ta' konsulenza professjonali u maniġerjali

Is-servizzi ta' konsulenza professjonali u maniġerjali jinkludu: 10.2.A. Servizzi legali, kontabilistiċi, ta' konsulenza maniġerjali, u ta' relazzjonijiet pubbliċi; u 10.2.B. Servizzi ta' reklamar, ta' riċerka fis-suq, u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika.

10.2.1. (entrata mhux obligatorja) Servizzi legali, kontabilistiċi, ta' konsulenza maniġerjali, u ta' relazzjonijiet pubbliċi

Servizzi għall-ġestjoni ġenerali ta' fergħa, ta' sussidjarja jew ta' kumpanija assoċjata pprovduta minn intrapriża prinċipali jew minn intrapriża affiljata oħra spiss jiġu inklużi mas-servizzi legali, kontabilistiċi, ta' konsulenza maniġerjali, u ta' relazzjonijiet pubbliċi.

10.2.2. (entrata mhux obligatorja) Servizzi ta' reklamar, ta' riċerka fis-suq, u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika

Servizzi ta' reklamar, ta' riċerka fis-suq, u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika miftiehma bejn residenti u persuni mhux residenti jinkludu d-disinn, il-ħolqien u l-kummerċjalizzazzjoni ta' reklami minn aġenziji ta' reklamar; it-tqegħid fil-midja, inklużi x-xiri u l-bejgħ ta' spazju għar-reklamar; servizzi ta' esibizzjoni pprovduti minn fieri kummerċjali; il-promozzjoni ta' prodotti barra l-pajjiż; ir-riċerka tas-suq; telekummerċjalizzazzjoni; u stħarriġ tal-opinjoni pubblika fuq diversi kwistjonijiet.

10.3. Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ, u servizzi tan-negozju oħra

Dawn jinkludu: Servizzi arkitettoniċi, tal-inġinerija, xjentifiċi u servizzi tekniċi oħra; It-trattament tal-iskart u t-tneħħija tat-tniġġis, u s-servizzi agrikoli u tal-estrazzjoni; Servizzi ta' lokazzjoni operatorja; Servizzi relatati mal-kummerċ u Servizzi oħra tan-negozju mhux inklużi banda oħra.

10.3.1. (entrata mhux obligatorja) Servizzi arkitettoniċi, tal-inġinerija, xjentifiċi u servizzi tekniċi oħra

10.3.2. (entrata mhux obligatorja) It-trattament tal-iskart u t-tneħħija tat-tniġġis, u s-servizzi agrikoli u tal-estrazzjoni

It-trattament tal-iskart u t-tneħħija tat-tniġġis, is-servizzi agrikoli u tal-estrazzjoni huma maqsuma fi tliet partijiet: servizzi ta' trattament tal-iskart u ta' tneħħija tat-tniġġis; servizzi inċidentali għall-agrikoltura, għall-forestrija u għas-sajd; u servizzi inċidentali għall-estrazzjoni, u għall-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass.

10.3.3. (entrata mhux obligatorja) Servizzi ta' lokazzjoni operatorja

Is-servizzi ta' lokazzjoni operatorja jinkludu l-attività ta' kiri ta' ass prodott taħt arranġament li jipprovi l-użu tal-assi lil-lokatarju, iżda ma jinvolvix it-trasferiment bl-ingrossa tar-riskji u tal-benefiċċji tas-sjeda lil-lokatarju. Is-servizzi jinkludu lokazzjoni (kiri) u noleggi għar-residenti/għall-persuni mhux residenti mingħajr ekwipaġġ, ta' bastimenti, ta' inġenji tal-ajru u ta' tagħmir tat-trasport, bħal karozzi ferrovjarji, kontejners u riggjiet. Ħlasijiet ta' lokazzjonijiet operatorji li għandhom x'jaqsmu ma' tipi oħra ta' tagħmir huma inklużi wkoll u jistgħu jiġu distinti bil-karatteristiċi li ġejjin:

— Il-lokatur normalment iżomm stokk ta' assi li l-utenti jkunu jistgħu jikru fuq talba, jew fi żmien qasir

— L-assi jistgħu jinkrew għal perjodi li jvarjaw u l-lokatarju jista' jgħedded il-kera meta jiskadi l-perjodu

— Il-lokatur spiss ikun responsabbli għall-manutenzjoni u għat-tiswija tal-assi bħala parti mis-servizz li huwa pprovdut lil-lokatarju.

10.3.4. (entrata mhux obbligatorja) Servizzi relatati mal-kummerċ

Is-servizzi relatati mal-kummerċ ikopru l-kummissjonijiet fuq tranżazzjonijiet ta' oġġetti u ta' servizzi pagabbli lin-negozjanti, lis-sensara ta' komoditajiet, lill-kummerċjanti, lill-irkantaturi u lill-aġenti bil-kummissjoni. Dawn is-servizzi jinkludu, pereżempju, it-tariffa tal-irkantatur jew il-kummissjoni tal-aġent fuq il-bejgħ ta' bastimenti, ta' inġenji tal-ajru u ta' oġġetti oħra. Jekk l-operatur tas-suq ikun is-sid tal-oġġetti li jkun qad jinbiegħu, il-marġni tal-operatur tas-suq ġeneralment ikun inkluż mingħajr distinzjoni fil-valur tal-oġġetti.

Kwalunkwe marġni mhux inkluż fil-prezz frank abbord tal-oġġetti huwa inkluż mas-servizzi relatati mal-kummerċ. Is-servizzi relatati mal-kummerċ jeskludu l-miżati ta' frankiġi (inklużi f'imposti għall-użu ta' proprjetà intellettuali mhux inklużi banda oħra); is-senserija fuq strumenti finanzjarji (inkluża fis-servizzi finanzjarji); u l-imposti relatati mat-trasport, bħal kummissjonijiet tal-aġenzija (inklużi fit-trasport).

10.3.5. (entrata mhux obbligatorja) Servizzi tan-negozju oħrajn mhux inklużi banda oħra

Is-servizzi tan-negozju oħrajn mhux inklużi banda oħra jinkludu servizzi ta' distribuzzjoni għal prodotti tal-ilma, tal-fwar, tal-gass u taż-żejt grezz kif ukoll servizzi ta' distribuzzjoni għall-elettriku, fejn dawn ikunu identifikabbli separatament minn servizzi ta' trażmissjoni (it-trażmissjoni ta' dawn il-prodotti tiġi rreġistrata taħt it-trasport); il-provvista tal-arja kundizzjonata; il-kollokament tal-persunal (is-servizzi pprovduti minn dan il-persunal jiġu rreġistrati taħt l-entrata tas-servizzi rilevanti); servizzi ta' sigurtà u ta' investigazzjoni; traduzzjoni u interpretazzjoni; servizzi fotografiċi; tindif tal-bini; servizzi tal-proprjetà immobbli għan-negozji; u kwalunkwe servizz tan-negozju ieħor li ma jistax jiġi kklassifikat taħt xi wieħed mis-servizzi tan-negozju elenkati hawn fuq.

11. servizzi personali, kulturali u rikreattivi

Dawn jinkludu s-Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati u Servizzi personali, kulturali u rikreattivi oħra.

11.1. Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati

Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati jkopru servizzi assoċjati ma' attivitajiet awdjoviżivi (films, mużika, radju u televiżjoni) kif ukoll servizzi relatati mal-arti tal-ispettaklu.

11.2. Servizzi personali, kulturali u rikreattivi oħra

Din il-kategorija tinkludi: Servizzi tal-edukazzjoni, Servizzi tas-saħħa, Servizzi tal-wirt kulturali u rikreattivi u Servizzi personali oħra.

12. Oġġetti u servizzi tal-gvern mhux inklużi banda oħra

Oġġetti u servizzi tal-gvern mhux inklużi banda oħra jkopru:

- Oġġetti u servizzi pprovduti minn u lil enklavi, bħal ambaxxati u bażijiet militari
- Oġġetti u servizzi akkwistati mill-ekonomija ospitanti minn diplomatiċi, minn persunal konsulari u minn persunal militari li jinsabu barra mill-pajjiż u mid-dipendenti tagħhom
- Servizzi forniti minn u lil Gvernijiet u mhux inklużi f'kategoriji oħra ta' servizzi

Raggruppament komplementari tal-EBOPS 2010

It-total ta' tranżazzjonijiet relatati mal-kummerċ jinkludi t-tranżazzjonijiet kollha relatati mas-servizzi ta' distribuzzjoni ta' oġġetti u ta' servizzi. Dan jinkludi l-kummissjonijiet fuq tranżazzjonijiet ta' oġġetti u ta' servizzi pagabbli lin-negozjanti, lis-sensara tal-komoditajiet, lin-negozjanti, eċċ., li ma jkunux sid l-oġġetti li huma jixtru u jbigħu (inklużi taħt is-servizzi relatati mal-kummerċ), kif ukoll fuq il-marġini tal-operaturi tas-suq. Il-marġini tal-bejjiegħa bl-ingrossa u tal-bejjiegħa bl-imnut ġeneralment jiġu inklużi mingħajr distinzjoni fil-valur tal-oġġetti mibjugħa (inkluż għal oġġetti permezz ta' merchanting) u ma jiġux ippreżentati separatament fl-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti.

It-total ta' tranżazzjonijiet relatati mal-kummerċ jinkludi:

- (a) Servizzi relatati mal-kummerċ
- (b) **Is-servizzi ta' distribuzzjoni** stmati inklużi fil-valur tal-oġġetti mibjugħa (inkluża oġġetti taħt merchanting).

Is-servizzi ta' distribuzzjoni jinkludu l-marġini tal-kummerċ tal-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut.

Fl-SNA 2008, il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut huma definiti bħala entitajiet li jixtru u jbigħu mill-ġdid oġġetti wara l-ebda pproċessar jew wara pproċessar minimu biss (pereżempju, tindif u imballaġġ). Huma jfornu servizz lill-produtturi u lill-konsumaturi tal-oġġetti billi jaħżnu, juru u jwasslu għażla ta' oġġetti f'postijiet konvenjenti, u b'hekk jagħmluhom faċli għax-xiri. L-output tagħhom jitkejjel mill-valur totali tal-marġini tal-kummerċ miksuba fuq il-prodotti li huma jixtru għall-bejgħ mill-ġdid. Il-marġini li jirrappreżentaw dawk is-servizzi ta' distribuzzjoni jew ikunu inklużi fil-valuri frank abbord tal-oġġetti li huma relatati magħha, jew jiġu pprovduti mill-importatur.

Tabella 1. Disaggregazzjoni tal-prodotti skont il-komponenti ewlenin u dettaljati tal-EBOPS 2010, u raggruppamenti komplimentari

Komponenti Ewlenin tal-EBOPS 2010	Komponenti Dettaljati tal-EBOPS 2010
1. Servizzi ta' manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor	
2. Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi banda oħra.	<i>Mhux obbligatori: 2.a Li minnhom: oġġetti</i>
3. Trasport <i>Mhux obbligatori: Valutazzjoni ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija fuq bażi ta' tranżazzjoni</i>	3.1. Trasport bil-baħar
	3.2. Trasport bl-ajru
	3.3. Modalitajiet oħra tat-trasport
	3.4. Servizzi postali u tal-kurier
4. Ivvjaġġar	4.a. Li minnhom: oġġetti
5. Kostruzzjoni	5.a. Li minnhom: oġġetti
6. Servizzi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni	
7. Servizzi finanzjarji	
8. Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettuali mhux inklużi banda oħra.	
9. Servizzi tat-telekomunikazzjoni, tal-kompjuter u tal-informazzjoni	9.1. Servizzi tat-telekomunikazzjoni
	9.2. Servizzi tal-kompjuter
	9.3. Servizzi tal-informazzjoni
10. Servizzi oħra tan-negozju	10.1. Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp
	10.2. Servizzi ta' konsulenza professjonali u maniġerjali
	<i>Entrati mhux obbligatori:</i>
	10.2.1. Servizzi legali, kontabilistiċi, ta' konsulenza maniġerjali, u ta' relazzjonijiet pubbliċi;
	10.2.2. Servizzi ta' reklamar, ta' riċerka fis-suq, u ta' sħarriġ tal-opinjoni pubblika

Komponenti Ewlenin tal-EBOPS 2010	Komponenti Dettaljati tal-EBOPS 2010
	10.3. Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ, u servizzi tan-negozju oħra
	<i>Entrati mhux obbligatori:</i>
	10.3.1. Servizzi arkitettoniċi, tal-inġinerija, xjentifiċi u servizzi tekniċi oħra;
	10.3.2. It-trattament tal-iskart u t-tneħħija tat-tniġġis, u s-servizzi agrikoli u tal-estrazzjoni;
	10.3.3. Servizzi ta' lokazzjoni operatorja;
	10.3.4. Servizzi relatati mal-kummerċ;
	10.3.5. Servizzi oħra tan-negozju mhux inklużi banda oħra.
11. servizzi personali, kulturali u rikreattivi	11.1. Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati
	11.2. Servizzi personali, kulturali u rikreattivi oħra
12. Oġġetti u servizzi tal-gvern mhux inklużi banda oħra	12.a Li minnhom oġġetti

Raggruppament komplementari tal-EBOPS 2010

C. Tranżazzjonijiet totali relatati man-negozju (*entrata mhux obbligatorja*)

C.a Servizzi relatati man-negozju (*entrata 10.3.4 – entrata mhux obbligatorja*)

C.b Servizzi ta' distribuzzjoni

Tabella 2. Disaggregazzjoni tal-prodotti skont il-klassifikazzjoni tas-CPA (*trażmissjoni volontarja tad-data*)

Id-disaggregazzjoni li ġejja tiddekrivi l-livell suġġerit ta' dettall għat-trażmissjoni volontarja ta' data skont il-klassifikazzjoni tas-CPA.

Is-CPA hija l-klassifikazzjoni Ewropea tal-prodotti (oġġetti u servizzi) skont l-attività. Taħt is-CPA, kull prodott huwa assenjabbli għal intestatura waħda tal-klassifikazzjoni tal-attivitàjiet. Għalhekk, dan jiġi allokat għall-attività ekonomika, li tipproduċih. Bħala riżultat, is-CPA għandha l-istess struttura bħall-klassifikazzjoni tal-attivitàjiet ekonomiċi (NACE) u tintuża fil-Kontijiet Nazzjonali.

A-U	TOTAL TAS-SERVIZZI
A	PRODOTTI TAL-AGRIKOLTURA, IL-FORESTRIJA U S-SAJD
B	ESTRAZZJONI U XOGĦOL FIL-BARRIERI
C	PRODOTTI MANIFATTURATI (servizzi ta' manifattura)
D	ELETTRIKU, GASS, FWAR U ARJA KUNDIZZJONATA

A-U	TOTAL TAS-SERVIZZI
E	PROVVISTA TAL-ILMA; DRANAĠĠ, ĠESTJONI TAL-ISKART U SERVIZZI TA' RIMEDJU
F	KOSTRUZZJONIJIET U XOGĦLIJIET TA' KOSTRUZZJONI
G	SERVIZZI FIL-QASAM TAN-NEGOZJU TAL-BEJGĦ BL-INGROSSA U BL-IMNUT; SERVIZZI TA' TISWIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U TA' MUTURI
45	Servizzi ta' negozju ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut u servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi
46	Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa, għajr servizzi ta' vetturi bil-mutur u muturi
47	Servizzi ta' kummerċ bl-imnut, għajr għal servizzi ta' vetturi bil-mutur u muturi
H	SERVIZZI TA' TRASPORT U TA' ĦŻIN
49	Servizzi ta' trasport bl-art u servizzi ta' trasport permezz ta' pipelines
50	Servizzi ta' trasport bl-ilma
51	servizzi tat-trasport bl-ajru
52	Servizzi ta' ħżin tal-merkanzija u ta' sostenn għat-trasportazzjoni
53	Servizzi postali u tal-kurier
I	SERVIZZI TA' AKKOMODAZZJONI U TAL-IKEL
55	Servizzi ta' akkomodazzjoni
56	Servizzi tal-provvista tal-ikel u tax-xorb
J	SERVIZZI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI
58	Servizzi ta' pubblikazzjoni
59	Servizzi ta' produzzjoni ta' films ċinematografiċi u programmi tal-vidjo u tat-televiżjoni, reġistrazzjoni tal-awdjo u pubblikazzjoni tal-mużika
60	Servizzi tal-ipprogrammar u tax-xandir
61	Servizzi tat-telekomunikazzjoni
62	Servizzi ta' programmar tal-kompjuter, ta' konsulenza u servizzi relatati
63	Servizzi tal-informazzjoni

A-U	TOTAL TAS-SERVIZZI
K	SERVIZZI FINANZJARJI U TA' ASSIGURAZZJONI
64	Servizzi finanzjarji, ħlief għall-finanzjament tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni
65	Servizzi ta' assicurazzjoni, ta' assicurazzjoni mill-ġdid u ta' fondi tal-pensjoni, ħlief għas-sigurtà soċjali obbligatorja
66	Servizzi awżiljarji għal servizzi finanzjarji u servizzi tal-assigurazzjoni
L	SERVIZZI TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI
M	SERVIZZI PROFESSIONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI
69	Servizzi legali u kontabilistiċi
70	Servizzi tal-uffiċċji reġistrati; servizzi ta' konsulenza maniġerjali
71	Servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija; servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' analiżi teknika
72	Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp xjentifiċi
73	Servizzi ta' reklamar u ta' riċerka dwar is-suq
74	Servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi oħrajn
75	Servizzi veterinarji
N	SERVIZZI AMMINISTRATTIVI U TA' APPOĠĠ
77	Servizzi ta' kiri u ta' lokazzjoni
78	Servizzi tal-impjiegi
79	Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar, ta' operaturi tal-vjaġġi u servizzi ta' prenotazzjoni oħra u servizzi relatati
80	Servizzi ta' sigurtà u ta' investigazzjoni
81	Servizzi għall-binjiet u għat-tisbiħ tal-pajsaġġ
82	Servizzi ta' amministrazzjoni ta' uffiċċji, ta' appoġġ fl-uffiċċji u ta' appoġġ kummerċjali ieħor
O	SERVIZZI TAL-AMMINISTRAZZJONI U TAD-DIFIŻA PUBBLIKA; SERVIZZI TAS-SIGURTÀ SOċJALI OBBLIGATORJA

A-U	TOTAL TAS-SERVIZZI
P	SERVIZZI FL-EDUKAZZJONI
Q	SERVIZZI TAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM U TAL-ĦIDMA SOĊJALI
R	SERVIZZI FL-ARTI, FID-DIVERTIMENT U FIR-RIKREAZZJONI
S	SERVIZZI OĦRA
T	SERVIZZI TAL-UNITAJIET DOMESTIĊI BĦALA IMPJEGATURI; OĠĠETTI U SERVIZZI MHUX DIFFERENZJATI PRODOTTI MILL-UNITAJIET DOMESTIĊI GĦALL-UŻU TAGĦHOM STESS
U	SERVIZZI PPROVDUTI MINN ORGANIZZAZZJONIJIET U MINN KORPI EXTRATERRITORJALI

ANNEX VII

Tibdil fil-ponderazzjonijiet u fis-sena bażi u arranġamenti tranżitorji għall-qasam “statistika tan-negozju fuq żmien qasir”

1. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jadattaw is-sistema ta' ponderazzjoni tal-indiċijiet komposti tal-anqas kull ħames snin. Il-ponderazzjonijiet użati fis-sistemi adattati ta' ponderazzjoni għandhom jiġu trasmessi lill-Kummissjoni fi żmien tliet snin wara l-aħħar tas-sena bażi ġdida. Kull indiċi jeħtieġ il-ponderazzjonijiet speċifiċi tiegħu. It-tabella li ġeja tispeċifika għal kull varjabbli u disaggregazzjoni individwali tad-dominju “Statistika tan-Negozju fuq żmien qasir” liema varjabbli tal-ponderazzjoni għandu jintuża:

Varjabbli u disaggregazzjonijiet	Ponderazzjoni
Reġistrazzjonijiet, fallimenti	Numru ta' intrapriżi attivi
Produzzjoni (volum)	Valur miżjud
Fatturat nett, Prezzijiet tal-produtturi, Volum tal-bejgħ, Permessi tal-bini	Fatturat nett
Fatturat domestiku nett, prezzijiet tal-produtturi	Fatturat domestiku nett
Fatturat mhux domestiku nett, prezzijiet tal-produtturi	Fatturat mhux domestiku nett
Fatturat mhux domestiku nett taż-żona tal-euro/mhux fiż-żona tal-euro, prezzijiet tal-produtturi (*)	Qsim tal-fatturat mhux domestiku nett
Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom	Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom
Sigħat maħduma mill-impjegati	Sigħat maħduma mill-impjegati
Pagi u salarji	Pagi u salarji
Prezzijiet tal-importazzjoni	Valur tal-importazzjonijiet
Prezzijiet tal-importazzjon fiż-żona tal-euro/mhux fiż-żona tal-euro (**)	Qsim tal-valur tal-importazzjonijiet

(*) Il-ponderazzjonijiet tal-fatturat nett skont il-qsim taż-żona tal-euro/mhux taż-żona tal-euro għandhom jiġu trażmessi biss mill-pajjiżi taż-żona tal-euro.

(**) Il-ponderazzjonijiet tal-valur tal-importazzjonijiet skont il-qsim taż-żona tal-euro/mhux taż-żona tal-euro għandhom jiġu trażmessi biss mill-pajjiżi taż-żona tal-euro.

Jenħtieġ li l-ponderazzjonijiet ikunu bbażati fuq l-unità statistika tat-tip ta' attività (KAU) ħliel għal reġistrazzjonijiet u għal fallimenti li għalihom jenħtieġ li l-ponderazzjonijiet ikunu bbażati fuq l-intrapriża ta' unità statistika (ENT). Jekk KAU ma tkunx disponibbli, tista' tintuża unità statistika li sservi l-iskop ta' statistika fuq żmien qasir. L-Istati Membri kollha (żgħar, medji u kbar) iridu jittrażmettu lill-Eurostat id-disaggregazzjonijiet tal-ponderazzjonijiet skont id-disaggregazzjonijiet tal-pajjiżi l-kbar definiti fir-rekwiżiti tad-*data* tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-ewwel sena bażi hija l-2015, it-tieni sena bażi hija l-2021 u t-tielet sena bażi hija l-2025. Minn hemm 'il quddiem, kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jibbażaw mill-ġdid l-indiċijiet billi jużaw is-snin li jispiċċaw b'0 jew b'5 bħala s-snin bażi. L-indiċijiet kollha jridu jiġu bbażati mill-ġdid fuq is-sena bażi l-ġdida fi żmien tliet snin wara li tintemm din is-sena bażi l-ġdida.
3. Arranġamenti ta' tranżizzjoni:
- (a) Jekk ikun hemm bżonn ta' adattamenti importanti fis-sistema nazzjonali tal-produzzjoni, id-*data* għall-perjodi ta' referenza li jibdew minn Jannar/l-ewwel Trimestru tal-2021 sa Diċembru/ir-raba' Trimestru tal-2023 tista' tintbagħat wara d-dati ta' skadenza għat-trażmissjoni tad-*data* speċifikati fit-Tabelli 2, 3, 5, 6 u 8, iżda mhux aktar tard mid-dati ta' skadenza għat-trażmissjoni stabbiliti fit-Tabelli 2, 3, 5, 6 u 8 għall-perjodi ta' referenza ta' Jannar/l-ewwel Trimestru tal-2024.
- (b) Għall-perjodi ta' referenza qabel Jannar 2024, il-varjabbli 140101 Produzzjoni (volum) tal-Anness I, Parti B, Tabella 6 għat-Taqsima F tal-NACE għandu jiġi disaggregat skont B-115 (B-115 jista' jiġi approssimat bħala s-somma tad-Diviżjonijiet F41 u F43) u B-116 (B-116 jista' jiġi approssimat permezz tad-Diviżjoni F42).

ANNEX VIII

Varjabbli marbuta mas-suġġetti dettaljati għall-qafas Ewropew għar-reġistri tal-istatistika tan-negozju

Għall-unitajiet rispettivi definiti fl-Artikolu 2(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/2152, ir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u r-Reġistru EuroGroups għandhom jinkludu l-varjabbli li ġejjin għal kull suġġett dettaljat skont l-unità. L-informazzjoni ma għandhiex għalfejn tinħażen separatament għal kull unità, jekk tkun tista' tinkiseb minn unità(jiet) oħra.

L-entrati mhux immarkati huma obbligatori, l-entrati mmarkati "kondizzjonali" huma obbligatori jekk ikunu disponibbli fl-Istati Membri, l-entrati mmarkati "parzjalment kondizzjonali" huma obbligatori ħlief dawk il-partijiet tal-entrati li jissemmew b'mod espliċitu bħala kondizzjonali u l-entrati mmarkati "mhux obbligatori" huma rakkomandati.

1. UNITÀ ĠURIDIKA

Suġġett dettaljat	Varjabbli		
IDENTIFIKAZZJONI	1.1		Numru/i tal-identità (inkluż in-numru tal-identità tal-EGR meta rilevanti għall-EGR)
	1.2		Isem
	1.3		L-indirizz (fl-aktar livell dettaljat, inkluż il-kodiċi postali)
	1.4	Mhux obbligatori	Numru tat-telefown, indirizz tal-posta elettronika, sit web u informazzjoni li tippermetti l-ġbir elettroniku tad- <i>data</i>
	1.5		Numru ta' reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) jew, fin-nuqqas ta' dan, numru ieħor ta' identità amministrattiva
AVVENIMENTI DEMOGRAFIĊI	1.6		Id- <i>data</i> ta' inkorporazzjoni għall-persuni ġuridiċi jew id- <i>data</i> ta' rikonoxximent uffiċjali bħala operatur ekonomiku għall-persuni fiżiċi
	1.7		Data li fiha l-unità legali waqfet
PARAMETRI TA' STRATIFIKAZZJONI	1.8		Forma ġuridika
	1.9		Status tal-attività legali
	1.10	Kondizzjonali	Marka għall-fergħat skont it-tifsira tal-punt 18.12 tal-Kapitolu 18 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013
	1.11	Mhux obbligatori	Marka għall-entitajiet bi skop speċjali skont it-tifsira tal-punti 2.17 sa 2.20 tal-Kapitolu 2 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013
RABTIET MAL-INTRAPRIŻA	1.12	Kondizzjonali	Numru/i tal-identità tal-intrapriża/i (3.1) li għaliha/għalihom tappartjeni l-unità
	1.13	Kondizzjonali	Data ta' assoċjazzjoni mal-intrapriża/i
	1.14	Kondizzjonali	Data ta' separazzjoni mill-intrapriża/i

RABTIET MA' REĠISTRI OĦRA			Referenza għar-reġistri assoċjati, li fihom hija rreġistrata l-unità legali u li fihom informazzjoni li tista' tkun utli għal skop statistiku
	1.15	Kondizzjonali	Referenza għar-reġistru tal-operaturi intra-UE u Referenza għall-fajls doganali jew għar-reġistru ta' operaturi barra mill-UE
	1.16	Kondizzjonali	Referenza għall-identifikaturi globali amministrattivi, Referenza għad- <i>data</i> tal-karti bilanċjali (għall-unitajiet li huma meħtieġa jipubblikaw il-kontijiet), Referenza għar-reġistru tal-bilanċ tal-pagamenti jew għar-reġistru tal-investiment dirett barrani u Referenza għar-reġistru tal-farms
RABTIET MAL-GRUPP TAL-INTRAPRIŻA	1.17		Numru tal-identità tal-grupp ta' intrapriża (2.1) li għalih tappartjeni l-unità
	1.18		Data ta' assoċjazzjoni mal-grupp ta' intrapriża
	1.19		Data ta' separazzjoni mill-grupp ta' intrapriża
KONTROLL TAL-UNITAJIET			Ir-rabtiet ta' kontroll jistgħu jiġu rreġistrati jew minn fuq għal isfel (1.20a, 1.21a, 1.22a) jew minn isfel għal fuq (1.20b, 1.21b, 1.22b). Huwa biss l-ewwel livell ta' kontroll, dak dirett jew indirett, li jiġi rreġistrat għal kull unità (il-katina sħiħa ta' kontroll tista' tinkiseb bit-tgħaqqid flimkien ta' dawn).
	1.20 a		Numru/i tal-identità tal-unita/unitajiet legali residenti li hija/huma kkontrollata/i mill-unità ġuridika
	1.20b		Numru tal-identità tal-unità legali residenti li tikkontrolla lill-unità legali
	1.21 a	Parzjalment kondizzjonali	Il-pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, in-numru/i tal-identità, l-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tal-unità(jiet) legali mhux residenti li hija/huma kkontrollata/i mill-unità legali. Kondizzjonali għan-numru/i tal-identità tal-EGR
	1.21b	Parzjalment kondizzjonali	Il-pajjiż tar-reġistrazzjoni, in-numru tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-unità legali mhux residenti li tikkontrolla lill-unità legali. Kondizzjonali għan-numru tal-identità tal-EGR.
	1.22 a	Kondizzjonali	Numru/i tal-VAT tal-unità(jiet) legali mhux residenti li hija/huma kkontrollata/i mill-unità legali
	1.22b	Kondizzjonali	Numru tal-VAT tal-unità legali mhux residenti li tikkontrolla lill-unità legali

SIEDJA TAL-UNITAJIET			Is-sjieda tista' tiġi rreġistrata jew minn fuq għal isfel (1.23a, 1.24a) jew minn isfel għal fuq (1.23b, 1.24b). Il-limitu huwa ta' 10 % jew aktar ta' sjieda diretta.
	1.23 a	Kondizzjonali	(a) Numru/i tal-identità, u (b) ishma (%) mill-unità(jiet) legali residenti li hija/huma proprjetà tal-unità legali
	1.23b	Kondizzjonali	(a) Numru/i tal-identità, u (b) ishma (%) mill-unità(jiet) legali residenti li hija/huma s-sid(ien) tal-unità legali
	1.24 a	Kondizzjonali	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) Numru/i tal-identità tal-EGR, u (c) l-isem/ismijiet, l-indirizz(i), u n-numru/i tal-VAT, u (d) ishma (%) mill-unità(jiet) legali mhux residenti li hija/huma proprjetà tal-unità legali, u (e) id-data tal-bidu – tmiem tal-ishma.
	1.24b	Kondizzjonali	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) Numru tal-identità tal-EGR u (c) l-isem/ismijiet, l-indirizz(i), u n-numru/i tal-VAT, u (d) ishma (%) mill-unità(jiet) legali mhux residenti li hija/huma s-sid(ien) tal-unità legali, u (e) id-data tal-bidu – tmiem tal-ishma.

2. GRUPP TA' INTRAPRIŻI

Suġġett dettaljat	Varjabbli		
IDENTIFIKAZZJONI	2.1	Parzjalment kondizzjonali	Numru/i tal-identità. Kondizzjonali għan-numru tal-identità tal-EGR jekk il-grupp ta' intrapriżi huwa multinazzjonali.
	2.2	Mhux obligatorji	Numru/i tal-identità tal-unità(jiet) legali li tista'/jis-tgħu tirrapporta/jirrapportaw data dwar il-grupp ta' intrapriżi
	2.3		L-isem tal-grupp ta' intrapriżi, għal gruppi multinazzjonali l-isem tal-EGR
	2.4	Mhux obligatorji	Deskrizzjoni b'test qasir tal-grupp ta' intrapriżi
	2.5	Mhux obligatorji	L-indirizz tas-sit web tal-grupp ta' intrapriżi
	2.6		Numru tal-identità tal-unità legali li hija ċentru globali tad-deċiżjonijiet. Jekk iċ-ċentru globali tad-deċiżjonijiet ma jkunx residenti, in-numru tal-identità tal-EGR. Għall-persuni fiżiċi li mhumiex operaturi ekonomiċi, il-pajjiż ta' residenza jrid jiġi rreġistrat taħt 2.10a.

	2.7		Il-pajjiż ta' reġistrazzjoni taċ-ċentru globali tad-deċiżjonijiet, u, jekk persuna mhux residenti, il-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-EGR
	2.8	Mhux obbligatorji	Indirizzi postali u tal-posta elettronika taċ-ċentru globali tad-deċiżjonijiet
	2.9		Numru tal-identità tal-unità legali li hija ċentru globali tal-grupp. Jekk il-kap tal-grupp globali ma tkunx residenti, in-numru tal-identità tal-EGR. Għall-persuni fiżiċi li mhumiex operaturi ekonomiċi, il-pajjiż ta' residenza jrid jiġi rreġistrat taħt 2.10a.
	2.10	Mhux obbligatorji	Il-pajjiż ta' reġistrazzjoni, l-indirizzi postali u tal-posta elettronika tal-kap tal-grupp globali, u, jekk mhux residenti, il-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-EGR
	2.10 a	Kondizzjonali	Il-pajjiż ta' residenza tal-unità Istituzzjonali li jkollha l-Kontroll Aħħari (UCI) jekk l-unità li jkollha l-kontroll tkun persuna fiżika li ma tkunx operatur ekonomiku
	2.11		Tip ta' grupp ta' intrapriżi: 1. grupp b'residenti biss; 2. grupp multinazzjonali kkontrollat domestikament; 3. grupp multinazzjonali taħt kontroll barrani
AVVENIMENTI DEMOGRAFIĊI	2.12		Data tal-bidu tal-grupp ta' intrapriżi
	2.13		Data tal-waqfien tal-grupp ta' intrapriżi
